# Avviż tal-Kummissjoni — Manwal dwar it-trasferiment ta' persuni ssentenzjati u l-pieni ta' kustodja fl-Unjoni Ewropea

(2019/C 403/02)

## WERREJ

*Paġna*


Lista ta' abbrevjazzjonijiet ... 5

DAĦLA ... 6

INTRODUZZJONI U KUNTEST LEGALI ĠENERALI ... 6

1. Ħarsa ġenerali ... 6

1.1. Karatteristiċi ewlenin tad-Deċiżjoni Qafas ... 7

1.1.1. It-trażmissjoni ... 8

1.1.2. Ċertifikat ... 8

1.1.3. Sentenza ... 8

1.1.4. Piena ... 8

1.1.5. L-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni ... 9

1.2. Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ... 9

1.3. Effett legali tad-deċiżjonijiet qafas tal-UE ... 9

1.4. L-Artikolu 267 TFUE: Proċedura għal deċiżjoni preliminari ... 10

PARTI I: IT-TRAŻMISSJONI TA' SENTENZA U TA' ĊERTIFIKAT ... 10

2. Ir-rekwiżiti għat-trażmissjoni ... 10

2.1. Il-Kamp ta' Applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas ... 10

2.1.1. Ratione personae ... 10

2.1.2. Ratione materiae ... 10

2.1.3. Ratione temporis ... 11

2.2. L-awtoritajiet kompetenti ... 11

2.3. Għażla tal-Istat ta' eżekuzzjoni ... 11

2.3.1. Ix-xenarji skont l-Artikolu 4(1) ... 11

2.3.2. Trasferiment fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna ssentenzjata fejn hija tgħix (l-Artikolu 4(1)(a)) ... 12

2.3.3. Trasferiment fl-Istat Membru li fih il-persuna se tiġi deportata (Artikolu 4(1)(b)) ... 12

2.3.4. Trasferiment lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jagħti kunsens għat-trasferiment (Artikolu 4(1)(c)) ... 12

2.4. Il-kunsens informat tal-persuna ssentenzjata ... 13

2.5. Kunsens tal-Istat ta' eżekuzzjoni ... 13

2.6. L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata ... 14

2.7. Valutazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali ... 14

2.7.1. L-Istat emittenti jrid ikun sodisfatt ... 14

2.7.2. Konsultazzjoni mal-Istat ta' eżekuzzjoni fejn xieraq ... 14

2.7.3. Definizzjoni ta' riabilitazzjoni soċjali ..... 15
2.7.4. Modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-piena ..... 15
2.8. Il-lista ta' 32 reat li jagħtu lok għal konsenja mingħajr verifika ta' kriminalità doppja ..... 15
2.9. Gruppi vulnerabbli: minorenni u trasgressuri b'disturbi mentali u t-trasferiment ta' miżuri tal-kura psikjatrika jew tas-saħħa ..... 16
2.10. Kunsiderazzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali mill-Istat emittenti ..... 16
3. Il-proċedura għat-trażmissjoni ..... 17
3.1. Suġġetti intitolati jifthu l-proċedura ..... 17
3.2. Il-proċedura għall-kisba tal-opinjoni tal-persuna ssentenzjata ..... 17
3.3. In-notifika tal-persuna ssentenzjata (l-Artikolu 6(4) u l-formola fl-Anness II) ..... 18
3.4. Dokumenti li għandhom jintbagħtu ..... 18
3.4.1. Ċertifikat ..... 18
3.4.2. Sentenza ..... 19
3.5. Informazzjoni supplimentari siewja mill-Istat emittenti ..... 22
3.6. It-trażmizzjoni ..... 22
3.7. Talba għal informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali possibbli ..... 22
3.8. Talba għal arrest proviżorju ..... 23
3.9. Irtirar taċ-ċertifikat ..... 23
PARTI II: IR-RIKONOXXIMENT TAS-SENTENZA U L-INFURZAR TAL-PIENA ..... 24
4. Il-proċedura għar-rikonoxximent ..... 24
4.1. L-iskadenza għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u r-rimedji kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment ..... 24
4.2. Talba għat-traduzzjoni tas-sentenza ..... 24
4.3. Il-posponiment ..... 24
4.4. L-arrest proviżorju ..... 25
5. Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ..... 25
5.1. Dmir ġenerali ta' rikonoxximent u ta' infurzar ..... 25
5.2. Kunsens tal-Istat ta' eżekuzzjoni ..... 25
5.3. Il-lista ta' 32 reat li għalihom ma hemm ebda verifika ta' kriminalità doppja ..... 25
5.4. L-adattament tas-sentenza ..... 26
5.5. Raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' infurzar ..... 27
5.5.1. Ċertifikat inkomplet jew mhux korrett (l-Artikolu 9(1)(a)) ..... 27
5.5.2. Nuqqas ta' konformità mal-kriterji għat-trażmizzjoni (l-Artikolu 9(1)(b) ..... 27
5.5.3. Ne bis in idem (l-Artikolu 9(1)(c)) ..... 27
5.5.4. In-nuqqas ta' kriminalità doppja (l-Artikolu 9(1)(d)) ..... 27
5.5.5. L-infurzar ta' piena preskritta skont il-liġi (l-Artikolu 9(1)(e)) ..... 28
5.5.6. Immunità skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 9(1)(f)) ..... 28
5.5.7. L-età għar-responsabbiltà kriminali (l-Artikolu 9(1)(g)) ..... 28

5.5.8. Il-bqija taż-żmien tal-piena li trid tiġi skontata hija qasira wisq (l-Artikolu 9(1)(h)) ..... 28

5.5.9. Proċessi in absentia (l-Artikolu 9(1)(i)) ..... 28

5.5.10. Il-prosekuzzjoni għal reati qabel it-trasferiment (l-Artikolu 9(1)(j)) ..... 29

5.5.11. Miżura ta' kura psikjatrika jew tas-saħħa jew miżura oħra li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (l-Artikolu 9(1)(k)) ..... 30

5.5.12. L-extraterritorjalità (L-Artikolu 9(1)(l)) ..... 30

5.6. Rikonoxximent u infurzar parzjali ..... 30

6. Trasferiment tal-persuna ssentenzjata ..... 30

6.1. It-termini għat-trasferiment fiżiku ..... 30

6.2. Tranżitu minn Stat Membru ieħor ..... 30

6.3. L-ispejjeż tat-trasferiment ..... 31

6.4. Dokumenti tal-ivvjaġġar ..... 31

7. L-infurzar tal-piena ..... 31

7.1. Il-liġi li tirregola l-infurzar ..... 31

7.2. It-tnaqqis ..... 31

7.3. Ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali ..... 31

7.4. Amnestija, maħfra ..... 31

7.5. Eżami mill-ġdid tas-sentenza ..... 32

7.6. Id-dritt ta' infurzar tas-sentenza ..... 32

7.7. Dmirijiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni ..... 32

8. Ir-regola ta' speċjalità ..... 32

PARTI III MIXXELANJA ..... 33

9. Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-istadji differenti tal-proċedura ..... 33

10. Ir-relazzjoni ma' ftehimiet oħra ..... 34

11. Ir-rabtiet ma' strumenti oħra dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ..... 34

11.1. Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI fuq il-mandat ta' arrest Ewropew ..... 34

11.2. Strumenti oħrajn ..... 35

11.2.1. Id-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi ..... 35

11.2.2. Id-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet li jinvolvu probation u ta' sanzjonijiet alternattivi ..... 35

ANNESS I – Id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI, konsolidazzjoni mhux uffiċjali ..... 37

ANNESS IIANNESS II – Ċertifikat ta' Trasferiment ..... 52

ANNESS IIIANNESS III– Notifika tal-persuna ssentenzjata ..... 58

ANNESS IVANNESS IV - Flowchart tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI ..... 59

ANNESS VANNESS V – Sorsi ta' informazzjoni ..... 60

ANNESS VIANNESS VI – Lista ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li jirrigwardaw id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI ..... 61

ANNESS VIIANNESS VII – Lista ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li jirrigwardaw id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ..... 62

**LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET**

| | |
|---|---|
| Konvenzjoni CISA | Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tad-19 ta' Ġunju 1990 |
| MAE | Mandat ta' arrest Ewropew |
| KEDB | Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali |
| QEDB | Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| NĠE | Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali |
| EuroPris | L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Ħabsijiet u s-Servizzi Korrettivi |
| Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 | Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri |
| Id-Deċiżjoni Qafas | Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea |
| Id-Deċiżjoni Qafas 2008/947 | Id-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi |
| Id-Deċiżjoni Qafas 2009/299 | Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża |
| TUE | It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea |
| TFUE | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi | Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI |
| Il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983 | Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kkundannati tal-21 ta' Marzu 1983 |
| Protokoll Addizzjonali tal-KtE tal-1997 | Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kkundannati tat-18 ta' Diċembru 1997 |

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà:

Dan il-manwal la huwa legalment vinkolanti u lanqas eżawrjenti. Huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi eżistenti tal-Unjoni u għall-iżvilupp tagħha fil-ġejjieni. Huwa wkoll mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni awtoritattiva tad-dritt tal-Unjoni li tista' tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## DAĦLA

Dan il-manwal għandu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti deżinjati tagħhom bi gwida prattika dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 (minn hawn 'il quddiem imsejħa: "id-Deċiżjoni Qafas"), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 dwar proċessi *in absentia* [1] (minn hawn 'il quddiem: "Id-Deċiżjoni Qafas 2009/299"). Id-data ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas ġiet stabbilita għall-5 ta' Diċembru 2011. Fl-abbozzar ta' dan il-Manwal, il-Kummissjoni qieset il-fehmiet espressi mill-operaturi fil-qasam f'diversi laqgħat ta' esperti organizzati f'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Ħabsijiet u s-Servizzi Korrettivi (minn hawn 'il quddiem: "EuroPris") fejn il-parteċipanti qasmu l-isfidi u l-ostakoli fl-implimentazzjoni ta' dan l-istrument u fl-eżekuzzjoni ta' trasferimenti ta' priġunieri fil-prattika [2]. Barra minn hekk, l-esperti mistiedna mill-Kummissjoni ġew ikkonsultati fuq abbozz ta' dokument. Fil-5 ta' Frar 2014 ġie ppubblikat rapport ta' implimentazzjoni dwar id-Deċiżjoni Qafas [3].

Dan il-manwal huwa disponibbli fuq l-Internet fuq: https://e-justice.europa.eu u fuq is-sit web tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (minn hawn 'il quddiem: "NĠE") [4] bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.

Informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas u d-Dikjarazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri differenti tista' tinstab mis-sit web tan-NĠE [5].

Dokument siewi, li fih linji gwida prattiċi, huwa l-EuroPris "Resource Book on the Transfer of Sentenced Persons" [6].

Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, wieħed mill-objettivi tal-Eurojust huwa li ttejjeb l-eżekuzzjoni tat-talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja, u d-deċiżjonijiet dwar din, inklużi talbiet u deċiżjonijiet ibbażati fuq strumenti li jħaddmu fil-prattika l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. B'hekk, il-Eurojust tkun tista' taġixxi bħala faċilitatur u koordinatur f'każijiet ta' trasferiment ta' priġunieri [7].

L-informazzjoni li tinsab f'dan il-Manwal hija aġġornata sal-1 ta' Lulju 2019.

## INTRODUZZJONI U KUNTEST LEGALI ĠENERALI

### 1. Ħarsa ġenerali

Ir-relazzjonijiet ġudizzjarji bejn l-Istati Membri huma msejsa fuq il-fiduċja reċiproka fis-sistemi ġuridiċi ta' Stati Membri oħrajn, li tippermetti r-rikonoxximent mill-Istat ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat emittenti b'possibiltajiet limitati biss li jiġi kkontestat it-tali rikonoxximent.

Matul l-aħħar deċennji, sar jiġri aktar spiss li l-Istati Membri jikkundannaw u jissentenzjaw lil ċittadini minn Stati Membri oħra tal-UE għal pieni ta' kustodja jew għal miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà. [8] Iċ-ċifri li huma l-aktar riċentement disponibbli [9] juru li l-perċentwal ta' ċittadini minn Stati Membri oħra tal-UE mill-popolazzjoni totali ta' priġunieri għal kull Stat Membru jvarja minn 0,3 % (PL u RO) sa 39,4 % (LU). Uħud huma residenti abitwali fl-Istat Membru fejn huma priġunieri. Madankollu, uħud minn dawk ir-residenti jistgħu jkunu soġġetti għal deportazzjoni malli jiskontaw il-piena kollha.

Għal ħafna ċittadini kkundannati tal-Istati Membri tal-UE, l-infurzar tal-piena fl-Istat Membru tal-kundanna jista' ma jkunx ottimali għall-fini tar-riabilitazzjoni soċjali tagħhom.

Id-Deċiżjoni Qafas iżżid il-possibiltajiet sabiex persuna barranija ssentenzjata tkun tista' tiġi ttrasferita fi Stat Membru ieħor tal-UE bl-għan li tissaħħaħ ir-riabilitazzjoni tal-persuna.

Id-Deċiżjoni Qafas tapplika għaċ-ċittadini kollha tal-UE u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu fi Stat Membru tal-UE. Madankollu, fir-rigward taċ-ċittadini barranin, li ma jkunux qed jirresjedu fi Stat Membru tal-UE, japplikaw strumenti internazzjonali oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, bħall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar

---

[1] Id-Deċiżjoni Qafas 2009/299 emendat id-Deċiżjoni Qafas billi biddlet il-bażi għar-rifjut fuq il-bażi ta' *in absentia* tad-Deċiżjoni Qafas. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw sitwazzjonijiet li fihom awtorità ġudizzjarja eżekuttiva tirċievi talba li tikkonċerna l-eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja li tirriżulta minn proċedimenti fl-Istat Membru emittenti fejn ma tkunx preżenti dik il-persuna. Dan il-Manwal jinkludi l-verżjoni konsolidata tad-Deċiżjoni Qafas u ċ-ċertifikat, filwaqt li jqis l-emendi msemmija hawn fuq.

[2] Ara www.europris.org

[3] COM(2014) 57 final tal-5 ta' Frar 2014, p. 5.

[4] https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/EJN_Home.aspx?l=MT&

[5] https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/EJN_Library_StatusOfImpByCat.aspx?l=MT&CategoryId=36

[6] https://www.europris.org/file/europris-resource-book-on-the-transfer-of-sentenced-prisoners-under-eu-framework-decision-909/

[7] L-Artikolu 2(2)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138), li għandu japplika mit-12 ta' Diċembru 2019.

[8] Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, *Handbook on the International Transfer of Sentenced Persons*, 2012, p. 1, disponibbli fuq:
http://www.unodc.org/documents/justice-and-prison-reform/11-88322_ebook.pdf.

[9] Ara *Council of Europe Annual Penal Statistics*, SPACE I – Prison Populations Survey 2018 Statistiki disponibbli fuq: http://wp.unil.ch/space/files/2019/04/FinalReportSPACEI2018_190402.pdf

it-Trasferiment ta' Persuni Kundannati tal-21 ta' Marzu 1983 (minn hawn 'il quddiem: ("il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983") u l-Protokoll Addizzjonali għal din il-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997 (minn hawn 'il quddiem: "il-Protokoll Addizzjonali tal-KtE tal-1997") ([10]).

Din il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983 pprovdiet ukoll tweġiba inizjali sabiex jiġu ffaċilitati t-trasferimenti transfruntiera fi ħdan l-UE. Madankollu, mill-5 ta' Diċembru 2011, id-Deċiżjoni Qafas ħadet post il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983 u l-Protokoll Addizzjonali tagħha tal-KtE tal-1997 fost l-Istati Membri tal-UE.

Waħda mit-tibdiliet ewlenin tad-Deċiżjoni Qafas meta mqabbla mal-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983, hija l-qabża lejn sistema obbligatorja ta' trasferimenti ta' priġunieri għal ċerti sitwazzjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin tippermetti possibiltajiet ferm aktar mifruxa għat-trasferiment meta mqabbla mal-imgħoddi. Il-ħtieġa għal kunsens għal kull trasferiment miż-żewġ stati u mill-persuna kkonċernata tabilħaqq wasslet għal diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983. Sabiex jegħlbu dan l-intopp, il-membri tax-Schengen diġà ddeċidew li jissupplimentaw il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983 billi jżidu l-possibbiltà ta' trasferiment furzat. Skont l-Artikoli 67 sa 69 tal-Konvenzjoni tal-1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem: "il-Konvenzjoni CISA"), il-kunsens tal-individwu sabiex jiskonta piena fil-pajjiż tan-nazzjonalità tiegħu mhuwiex neċessarju, jekk ikun evita l-infurzar ta' piena jew ta' ordni ta' detenzjoni billi ħarab f'dak il-pajjiż. Din l-innovazzjoni fil-Konvenzjoni CISA ġiet riflessa fil-Protokoll Addizzjonali tagħha tal-KtE tal-1997 għall-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983.

Kemm il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983 kif ukoll id-Deċiżjoni Qafas primarjament għandhom l-għan li jiffaċilitaw ir-riabilitazzjoni soċjali tal-priġunieri billi jagħtu lil barranin ikkundannati b'reat kriminali l-possibbiltà li jiskontaw il-pieni tagħhom fi Stat Membru ieħor.

Finalment, id-Deċiżjoni Qafas tapplika għat-trasferiment ta' priġunieri li għadhom jiskontaw il-pieni tagħhom u, għaldaqstant, ma tindirizzax id-deportazzjoni ta' trasgressuri li jkunu spiċċaw jiskontaw il-pieni tagħhom u, għalhekk, ma jkunux għadhom soġġetti għal proċedimenti kriminali. Madankollu, id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi applikata skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri. L-Artikolu 28 ta' dik id-Direttiva jiddikjara li ċittadini tal-UE jistgħu jiġu ddeportati minn Stat Membru ieħor għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika biss.

## 1.1. *Karatteristiċi ewlenin tad-Deċiżjoni Qafas*

Id-Deċiżjoni Qafas tistabbilixxi f'liema sitwazzjonijiet u kif l-Istati Membri tal-UE għandhom jikkooperaw fir-rigward tar-rikonoxximent tas-sentenzi u tal-infurzar tal-pieni imposti minn Stat Membru ieħor, bl-għan li jiffaċilitaw ir-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata. L-istrument għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni effiċjenti, meta mqabbel mal-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983, billi japplika l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li jeħtieġ li l-Istati Membri jafdaw id-deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' xulxin. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni Qafas tieħu approċċ differenti rigward uħud mill-karatteristiċi ewlenin tal-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983:

— Fil-prinċipju, id-Deċiżjoni Qafas timponi obbligu li jiġu aċċettati t-talbiet għal trasferiment f'żewġ sitwazzjonijiet. Madankollu, ma hemm ebda obbligu għall-Istat emittenti sabiex jittrażmetti sentenza għall-finijiet li tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor.

— It-trasferimenti jistgħu jiġu rifjutati biss fuq il-bażi ta' numru limitat ta' raġunijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent jew ta' nuqqas ta' infurzar.

— Id-Deċiżjoni Qafas tillimita s-sitwazzjonijiet li fihom huwa meħtieġ il-kunsens tal-persuna ssentenzjata. Fil-Protokoll Addizzjonali tal-KtE tal-1997, dan il-kunsens diġà ma kienx għadu neċessarju meta tfittex it-trasferiment lejn Stat li fih il-persuna kienet ħarbet ([11]), jew meta l-persuna ssentenzjata tkun soġġetta għal tkeċċija jew għal ordni ta' deportazzjoni lejn l-Istat rikjest. ([12]) Minbarra dawn iż-żewġ eżenzjonijiet, fid-Deċiżjoni Qafas hija pprovduta t-tielet eżenzjoni meta t-trasferiment jitfittex lejn l-Istat Membru tan-nazzjonalità fejn tgħix il-persuna ssentenzjata.

---

([10]) Kemm il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983 kif ukoll il-Protokoll Addizzjonali tagħha tal-KtE tal-1997 huma disponibbli permezz ta' din il-link: http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/112.htm

([11]) Ara l-Artikolu 2(3) tal-Protokoll Addizzjonali tal-KtE tal-1997.

([12]) Ara l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll Addizzjonali tal-KtE tal-1997.

— Il-verifika tradizzjonali tar-rekwiżit ta' kriminalità doppja ([13]) hija abolita għal lista ta' 32 reat (però hija soġġetta għall-possibbiltà li l-Istati Membri jżommuha) ([14]).

— L-istrument jippreskrivi perjodu ta' żmien ċar għall-proċedura.

— Id-Deċiżjoni Qafas tipprovdi għal infurzar issoktat tal-pieni kif imposti mill-Istat emittenti, b'possibiltajiet limitati għall-Istat ta' eżekuzzjoni biex jadatta s-sentenza taħt kondizzjonijiet stretti. L-istat emittenti għandu l-aħħar kelma rigward it-trasferiment, jekk hu sodisfatt bl-adattament tal-piena u bil-modalitajiet għall-eżekuzzjoni tas-sentenza.

### 1.1.1. It-trażmissjoni

It-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat tista' ssir meta l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti – fejn xieraq wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni – tkun sodisfatta li t-trasferiment u l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' eżekuzzjoni jkunu jaqdu l-għan ta' faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata (l-Artikolu 4(2)).

### 1.1.2. Ċertifikat

L-Istat emittenti jittrażmetti s-sentenza lill-Istat Membru li lilu jista' jittrasferixxi l-persuna ssentenzjata, jiġifieri lill-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 4(1)). Sabiex jitħaffef dan il-proċess, is-sentenza tkun akkumpanjata minn ċertifikat standard, li jkun jinkludi l-informazzjoni meħtieġa għat-trasferiment (l-Artikoli 4 u 5, ara l-Anness I għad-Deċiżjoni Qafas).

Iċ-ċertifikat irid jimtela kif suppost u jrid ikun jikkorrispondi għas-sentenza. Iċ-ċertifikat irid jiġi ffirmat u l-kontenut tiegħu jiġi ċċertifikat bħala preċiż mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti.

Għandu jkun tradott fil-lingwa uffiċjali – jew, meta jkunu applikabbli aktar lingwi uffiċjali, f'waħda mil-lingwi uffiċjali – tal-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 23(1)). Madankollu, kull stat Membru jista' jiddepożita dikjarazzjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li hu jkun se jaċċetta traduzzjoni f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-UE.

Jekk it-taqsimiet taċ-ċertifikat ma jkunux mimlija jew ikunu nieqsa mid-dettalji, dan jirriżulta f'sitwazzjoni li fih l-Istat ta' eżekuzzjoni jkun nieqes minn informazzjoni suffiċjenti sabiex jieħu deċiżjoni dwar it-trasferiment u jkollu jitlob aktar informazzjoni mingħand l-Istat emittenti, u b'hekk jittardja l-proċess (ara l-Artikolu 9(1)(a)).

Ċertifikati standard huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Id-dikjarazzjonijiet dwar il-lingwi aċċettati mill-Istati Membri jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tan-NĠE ([15]).

Id-Deċiżjoni Qafas tuża ċerti tifsiriet (skont l-Artikolu 1(a) sa (d)) li jistgħu jkunu jeħtieġu spjegazzjoni addizzjonali. Il-paragrafi li ġejjin jippreżentaw it-terminoloġija rilevanti tal-istrument.

### 1.1.3. Sentenza

"Sentenza" għandha tfisser "deċiżjoni finali jew ordni tal-qorti tal-Istat emittenti li timponi piena fuq persuna fiżika". Id-Deċiżjoni Qafas teħtieġ li s-sentenza jew l-ordni ta' qorti li għandha tiġi trażmessa tkun deċiżjoni finali (Artikolu 1 (a)), jiġifieri l-għażliet ta' appell nazzjonali kollha kontra d-deċiżjoni jkunu ġew eżawriti, jew ikunu skadew it-termini għat-tali rimedji ([16]).

### 1.1.4. Piena

"Piena" għandha tfisser "kwalunkwe piena ta' kustodja jew kwalunkwe miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà imposta għal perjodu ta' żmien limitat jew mhux limitat minħabba reat kriminali abbażi ta' proċedimenti kriminali" (Artikolu 1(b)).

---

([13]) Ara l-Artikolu 3(1)(e) tal-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983.

([14]) Ħafna Stati Membri għadhom jivverifikaw il-kriminalità doppja, ara d-dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) magħmula minn: AT, CZ, DE, FR, HR, HU, IE, LT, LV, NL, PL, RO u SI.

([15]) Il-paġna web hija disponibbli fil-link li ġej:
https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx?l=MT&Id=36

([16]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Jannar 2017, *van Vemde*, C-582/15, ECLI:UE:C:2017:37. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li t-terminu "sentenza" jrid jiġi interpretat bħala kunċett awtonomu u uniformi tad-dritt tal-UE, u jkopri sentenza li tinħareġ fi proċedimenti kriminali u li tagħmel finali l-piena imposta fuq il-persuna ssentenzjata (il-paragrafi 23-27).

L-Artikolu 3(3) jispeċifika li d-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta' sentenzi u għall-infurzar ta' pieni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Deċiżjoni Qafas. Il-fatt li, flimkien mal-piena, tiġi imposta multa jew ordni ta' konfiska, li ma tkunx għadha tħallset, ġiet irkuprata jew infurzata, m'għandux iwaqqaf sentenza milli tiġi trażmessa. Ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet li jimponu multi u ordnijiet ta' konfiska mhuwiex kopert mid-Deċiżjoni Qafas, iżda minn strumenti oħra bħad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ([17]) dwar l-infurzar transfruntier ta' penali finanzjarji u d-Deċiżjoni Qafas 2006/783/ĠAI ([18]) dwar il-konfiska.

### 1.1.5. L-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni

Id-Deċiżjoni Qafas tirreferi għall-"Istat emittenti" bħala "l-Istat Membru li fih tkun ingħatat sentenza", filwaqt li "l-Istat ta' eżekuzzjoni" huwa "l-Istat Membru li tiġi trażmessa lilu sentenza għall-fini tar-rikonoxximent u l-infurzar tagħha" (Artikolu 1(c) u (d)).

## 1.2. *Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku*

Wara l-approvazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku bħala l-pedament għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, fl-2018 dan il-prinċipju ġie applikat ukoll bħala bażi għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas ([19]).

Dan il-prinċipju jimplika li Stat Membru jrid jirrikonoxxi u jinforza deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali maħruġa minn Stat Membru ieħor, ħlief meta tkun tapplika waħda mir-raġunijiet eżawrjenti għaċ-ċaħda. Dan hu bbażat fuq livell għoli ta' fiduċja reċiprok" bejn l-Istati Membri tal-UE.

Il-kunċett ta' fiduċja reċiproka hu bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-Istati Membri kollha tal-UE huma konformi għalkollox mal-prinċipji ta' libertà, ta' demokrazija u ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem, mad-drittijiet fundamentali u mal-istat tad-dritt.

## 1.3. *Effett legali tad-deċiżjonijiet qafas tal-UE*

Skont il-bażi ġuridika tagħhom (l-Artikolu 34(2)(b) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "TUE") fil-verżjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona), id-deċiżjonijiet qafas huma vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha rigward ir-riżultat li jrid jinkiseb iżda jħallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali li jagħżlu l-forma u l-metodi; id-deċiżjonijiet qafas m'għandhomx effett dirett Skont it-Trattat ta' Lisbona, id-Deċiżjoni Qafas ma ġietx soġġetta għal xi revoka, annullament jew emenda (kif imsemmija fl-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona). Konsegwentement, in-natura tagħha ma nbidlitx, u b'mod partikolari m'għandha ebda effett dirett ([20]).

Madankollu, jidher ċar mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li n-natura vinkolanti ta' deċiżjoni qafas twassal sabiex, fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-qrati nazzjonali, ikun hemm obbligu ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt tal-UE billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-korp sħiħ tad-dritt domestiku u billi jiġu applikati metodi interpretattivi. Meta japplikaw il-liġi domestika, dawn il-qrati, li huma mitluba jinterpretawha, għandhom jagħmlu dan, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-deċiżjoni qafas sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż minnha. Dan l-obbligu ta' interpetazzjoni tal-liġi nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-UE huwa inerenti fis-sistema tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "TFUE"), peress li jippermetti lill-qrati nazzjonali, għall-materji li jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom, sabiex jiżguraw l-effettività sħiħa tad-dritt tal-UE meta jiddeċiedu dwar it-tilwimiet quddiehom ([21]).

---

([17]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16).

([18]) Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59). Din id-Deċiżjoni Qafas ġiet issostitwita bir-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 1) li se japplika mid-19 ta' Diċembru 2020.

([19]) Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ġie approvat fil-Konklużjonijiet ta' Tampere (il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew) tal-15 u tas-16 ta' Ottubru 1999 u affermat mill-ġdid fil-Programm ta' The Hague tal-4 u tal-5 ta' Novembru 2004 (il-Konklużjonijiet tal-Presidenza) dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea.

([20]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-8 ta' Novembru 2016, *Ognyanov*, C-554/14, ECLI:UE:C:2016:835, il-punt 56.

([21]) Ara b'mod kronoloġiku s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-16 ta' Ġunju 2005, *Pupino*, C-105/03, ECLI:UE:C:2005:386, il-paragrafi 33-34. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-5 ta' Settembru 2012, *Lopes Da Silva Jorge*, C-42/11, ECLI:UE:C:2012:517, il-paragrafu 53. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-8 ta' Novembru 2016, *Ognyanov*, C-554/14, ECLI:UE:C:2016:835, il-paragrafu 56. Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2017, *Popławski*, C-579/15, ECLI:UE:C:2017:503, il-paragrafu 46.

Huwa minnu li l-prinċipju ta' interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali konformi mad-dritt tal-UE għandu ċerti limiti. B'dan il-mod, l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tirreferi għall-kontenut ta' deċiżjoni qafas meta hija tinterpreta u tapplika r-regoli rilevanti tal-liġi nazzjonali tagħha huwa limitat bil-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari, b'dawk ta' ċertezza tad-dritt u ta' nonretroattività. Dawn il-prinċipji jipprekludu, b'mod partikolari, interpretazzjoni li tista' twassal sabiex tiġi ddeterminata jew aggravata, abbażi ta' deċiżjoni qafas u indipendentement mil-liġi adottata għall-implementazzjoni ta' din tal-aħħar, ir-responsabbiltà kriminali ta' dawk li jiksru d-dispożizzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma jistax ikun ta' bażi għal interpretazzjoni li tmur kontra l-liġi nazzjonali ([22]).

Madankollu, ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali f'konformità mad-dritt tal-UE jinkludi l-obbligu, fuq il-qrati nazzjonali, inklużi dawk li jiddeċiedu bħala qrati tal-aħħar istanza, sabiex ibiddlu, fejn ikun hemm bżonn, il-ġurisprudenza nazzjonali stabbilita jekk dik il-ġurisprudenza tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali li tkun inkompatibbli mal-objettivi ta' deċiżjoni qafas. Għaldaqstant, hija r-responsabbiltà tal-qorti kompetenti li tiżgura li d-Deċiżjoni Qafas tingħata l-effett sħiħ, u jekk ikun hemm bżonn li ma tiġix applikata, bl-awtorità tagħha stess, l-interpretazzjoni adottata minn Qorti Suprema, jekk dik l-interpretazzjoni ma tkunx kompatibbli mad-dritt tal-UE ([23]).

1.4. *L-Artikolu 267 TFUE: Proċedura għal deċiżjoni preliminari*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpreta deċiżjonijiet qafas bħal kwalunkwe miżura oħra tad-dritt tal-UE. Fil-qasam tal-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, il-qrati kollha ta' kwalunkwe Stat Membru jistgħu, mill-1 ta' Diċembru 2014, f'tilwimiet li jitressqu quddiemhom, jirreferu kwistjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni Ewropea jew il-validità ta' att tal-Unjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix fuq it-tilwima hija stess. Huwa f'idejn il-qorti nazzjonali li tiddisponi mill-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti, li tkun vinkolanti b'mod simili fuq qrati nazzjonali oħra li quddiemhom titqajjem kwistjoni simili. Il-proċedura għal deċiżjoni preliminari hija proċedura mhux kontenzjuża mfassla sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiggwida lill-qrati nazzjonali dwar kif jinterpretaw id-dritt tal-UE, sabiex ikunu jistgħu japplikawh kif suppost.

Il-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari jistgħu jinsabu fir-"Rakkomandazzjonijiet (tal-Qorti tal-Ġustizzja) lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari" ([24]).

Fl-2017, iż-żmien medju għall-kunsiderazzjoni ta' deċiżjoni preliminari kien ta' anqas minn 16-il xahar ([25]). Dan jista' jkun żmien twil ta' stennija għal xi ħadd li jkun jinsab f'detenzjoni ([26]). Għalhekk, sa mill-2008, il-Qorti tal-Ġustizzja implimentat proċedura urġenti għal deċiżjonijiet preliminari, imsejħa l-"PPU" (*procédure préjudicielle d'urgence*). Fl-2017, iż-żmien medju għall-kunsiderazzjoni ta' dawn il-każijiet kien ta' 2.9 xhur biss ([27]).

**PARTI I: IT-TRAŻMISSJONI TA' SENTENZA U TA' ĊERTIFIKAT**

## 2. Ir-rekwiżiti għat-trażmissjoni

2.1. *Il-Kamp ta' Applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas*

2.1.1. Ratione personae

Ir-rikonoxximent ta' sentenza u l-infurzar ta' piena għandhom japplikaw għaċ-ċittadini kollha tal-UE u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li jinsabu fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' eżekuzzjoni (Artikolu 3(2)).

2.1.2. Ratione materiae

Bl-għan li tiġi ffaċilitata r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata, id-Deċiżjoni qafas tkopri kwalunkwe piena ta' kustodja jew kwalunkwe miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà imposta għal perjodu ta' żmien limitat jew mhux limitat minħabba reat kriminali abbażi ta' proċedimenti kriminali (l-Artikolu 1(b)).

Hekk kif jidher ċar mid-definizzjoni, kwalunkwe sentenza, wara proċedimenti kriminali minħabba reat kriminali, u li tirriżulta f'ċaħda tal-libertà, tista' tiġi trażmessa skont id-Deċiżjoni Qafas. Dan ifisser li deċiżjonijiet li jimponu internament – wara l-istabbiliment tar-responsabbiltà kriminali sħiħa jew parzjali tat-trasgressur minħabba diżabilità mentali (ara l-premessa 20) – huma inklużi fid-definizzjoni użata fl-istrument.

([22]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2017, *Popławski*, C-579/15, ECLI:UE:C:2017:503, il-punti 32-33 (u l-ġurisprudenza ċċitata).

([23]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-8 ta' Novembru 2016, *Ognyanov*, C-554/14, ECLI:UE:C:2016:835, il-paragrafu 70.

([24]) ĠU C 257, 20.7.2018, p. 1.

([25]) https://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2018-04/_ra_2017_en.pdf paġna 13.

([26]) F'dak ir-rigward, l-Artikolu 267 tat-TFUe jiddikjara li jekk kwistjoni dwar id-dritt tal-UE titressaq f'kawża pendenti quddiem qorti jew tribunal ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna miżmuma f'kustodja, il-Qorti għandha taġixxi mill-aktar fis possibbli.

([27]) https://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2018-04/_ra_2017_en.pdf.

Barra minn hekk, l-hekk imsejħa pieni – fejn l-awtorità ġudizzjarja tkun qieset li hemm bżonn li tiġi imposta taħlita ta' miżura ta' kustodja flimkien ma' miżura oħra li tinvolvi ċaħda tal-libertà, bħal trattament psikjatriku – huma koperti mid-Deċiżjoni Qafas.

### 2.1.3. Ratione temporis

Id-Deċiżjoni Qafas tapplika mill-5 ta' Diċembru 2011 dwar (l-Artikolu 26).

Talbiet għal trasferiment riċevuti qabel il-5 ta' Diċembru 2011 għandhom jibqgħu jiġu rregolati skont l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni ssentenzjati. Talbiet riċevuti wara dik id-data għandhom jiġu rregolati bir-regoli adottati mill-Istati Membri skont din id-Deċiżjoni Qafas (l-Artikolu 28(1)).

Madankollu, l-Istati Membri kellhom il-possibbiltà, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas, li jagħmlu dikjarazzjoni li tindika li, fir-rigward ta' sentenzi finali maħruġa qabel data speċifikata (mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2011), ser ikomplu japplikaw l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni ssentenzjati (l-Artikolu 28(2)). Id-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas kienet is-27 ta' Novembru 2008.

Erba' Stati Membri (l-Irlanda, Malta, in-Netherlands ([28]) u l-Polonja) għamlu dikjarazzjonijiet bħal dawn. Madankollu, dawk l-Istati Membri għamlu hekk wara d-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jiġifieri wara s-27 ta' Novembru 2008. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Kummissjoni, dawn id-dikjarazzjonijiet mhumiex validi u l-Istati Membri għandhom ineħħu l-limitazzjoni taż-żmien mil-leġiżlazzjoni tagħhom minnufih ([29]).

## 2.2. *L-awtoritajiet kompetenti*

L-atturi ewlenin li jiżguraw il-kooperazzjoni skont id-Deċiżjoni Qafas huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-Istati Membri huma liberi li jaħtru l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom skont id-dritt nazzjonali tagħhom, kemm meta jaġixxu bħala Stat emittenti kif ukoll bħala Stat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 2).

Ta' min jgħid li d-Deċiżjoni Qafas ma tillimitax id-definizzjoni ta' "awtorità kompetenti" għal awtorità ġudizzjarja, u b'hekk tagħti lill-Istati Membri d-diskrezzjoni li jagħżlu l-awtorità kompetenti li jqisu li tkun l-aktar xierqa sabiex tindirizza l-proċeduri ta' dan l-istrument. F'ċerti Stati Membri, dawn il-kompiti ngħataw lill-Ministeru tal-Ġustizzja filwaqt li fi Stati Membri oħra dawn ġew inkarigati lil korpi ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji. L-Istati Membri jridu jinformaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jagħmel din l-informazzjoni disponibbli (l-Artikolu 2) ([30]).

Ċerti Stati Membri aċċettaw sistema ta' ġurisdizzjonijiet devoluti, li jfisser li l-qrati kollha tqabbdu bħala l-awtoritajiet kompetenti. Dan jista' jwassal għal komplikazzjonijiet fl-identifikazzjoni tal-awtorità rilevanti u f'approċċi diverġenti fi ħdan l-istess Stat Membru. Ċerti Stati Membri indirizzaw din is-sitwazzjoni billi qabbdu awtorità ċentrali li tieħu ħsieb it-talbiet li jaslu ([31]).

## 2.3. *Għażla tal-Istat ta' eżekuzzjoni*

### 2.3.1. Ix-xenarji skont l-Artikolu 4(1)

L-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni Qafas jipprovdi għall-possibbiltà ta' trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lil:

— l-*Istat Membru taċ-ċittadinanza* tal-persuna ssentenzjata fejn *hija tgħix*;

jew

— l-*Istat Membru taċ-ċittadinanza, li għalih, filwaqt li m'huwiex l-Istat Membru fejn hi tgħix, il-persuna ssentenzjata ser tkun deportata*, ladarba hija tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' tkeċċija jew ta' deportazzjoni;

([28]) Madankollu, in-Netherlands irtiraw din id-dikjarazzjoni b'effett mill-1 ta' Ġunju 2018.

([29]) L-Avukat Ġenerali Bot jaqbel u, fil-kawża *van Vemde*, iddikjara li "d-dikjarazzjoni tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (in-Netherlands) ma kinitx valida, peress li din ġiet ippreżentata tard" (Konklużjonijiet mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2016 f'C-582/15, ECLI:UE:C:2016:766, il-paragrafu 26). Il-Qorti ssuġġeriet interpretazzjoni stretta għall-iskadenza sabiex "tiggarantixxi l-għan li l-imsemmija deċiżjoni qafas qed tfittex" (is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Jannar 2017, *van Vemde*, C-582/15, ECLI:UE:C:2017:37. il-punt 31). Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-24 ta' Ġunju 2019 fil-Kawża C-573/17, *Daniel Adam Popławski*.

([30]) L-aħħar aġġornament jista' jinstab fuq is-sit web tan-NĠE. https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx?l=MT&Id=36.

([31]) Informazzjoni dwar id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti ta' eżekuzzjoni tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju fuq is-sit web tan-NĠE: https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/WorkerPage.aspx?l=MT&x1=AC.

jew

— *kwalunkwe Stat Membru ieħor li l-awtorità kompetenti tiegħu tagħti l-kunsens* għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat, soġġetta għall-kunsens tal-persuna ssentenzjata fejn ikun hemm bżonn (ara l-Artikolu 4(3) flimkien mal-Artikolu 4(6) u mal-Artikolu 4(7), u mal-Artikolu 6).

### 2.3.2. Trasferiment fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna ssentenzjata fejn hija tgħix (l-Artikolu 4(1)(a))

Id-determinazzjoni ta' fejn persuna tgħix għall-finijiet tal-Artikolu 4(1)(a) hija aspett importanti tal-applikazzjoni korretta tad-Deċiżjoni Qafas u hija marbuta b'mod dirett man-natura obbligatorja ta' dik id-dispożizzjoni. Meta din il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata, il-proċess ta' trasferiment tal-piena spiss ikun jeħtieġ il-kunsens ta' persuna ssentenzjata (ara aktar 'il fuq għas-sitwazzjonijiet l-oħra li fihom il-kunsens ma jkunx meħtieġ).

Il-kunċett ta' "l-Istat li fih tgħix il-persuna ssentenzjata" huwa ċċarat b'mod ulterjuri fil-premessa 17. Skont din il-premessa, l-Istat li fih il-persuna tgħix jindika l-post li miegħu l-persuna hija marbuta abbażi tar-residenza abitwali u ta' elementi bħal irbit familjari, soċjali u professjonali ([32]).

Tista' tittieħed ispirazzjoni mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Kozlowski*. Fil-kuntest tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri ([33]) (minn hawn 'il quddiem: "id-Deċiżjoni Qafas 2002/584"), il-Qorti ddikjarat li l-aċċertament tal-konnessjoni ta' persuna ma' Stat ta' eżekuzzjoni jrid ikun ibbażat fuq valutazzjoni kumplessiva ta' "diversi fatturi oġġettivi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta' din il-persuna, li jinkludu, partikolarment, it-tul, in-natura u l-kundizzjonijiet taż-żmien li l-persuna mfittxija tkun qattgħet fl-Istat Membru li jeżegwixxi kif ukoll ir-rabtiet familjari u ekonomiċi li din il-persuna jkollha mal-Istat Membru li jeżegwixxi" ([34]). Barra minn hekk, il-Qorti ddikjarat li t-terminu "tirresjedi" ifisser li l-persuna stabbilixxiet ir-residenza reali tagħha hemmhekk u li l-persuna qed "tgħix" f'dak l-Istat Membru meta, wara perjodu stabbli ta' ċertu tul ta' żmien li tkun qattgħet f'dan l-Istat Membru, tkun intrabtet ma' dak l-Istat ta' livell simili għal dawk li jirriżultaw minn residenza ([35]).

### 2.3.3. Trasferiment fl-Istat Membru li fih il-persuna se tiġi deportata (Artikolu 4(1)(b))

Skont l-Artikolu 4(1)(b), is-sentenza u ċ-ċertifikat jistgħu jiġu trażmessi wkoll lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza, filwaqt li dan ma jkunx l-Istat Membru fejn tgħix il-persuna ssentenzjata, li fih se tiġi deportata, ladarba tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena. Sabiex tkun tapplika din id-dispożizzjoni, hemm bżonn li l-ordni ta' tkeċċija jew ta' deportazzjoni sottostanti tkun inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra meħuda bħala konsegwenza tas-sentenza.

### 2.3.4. Trasferiment lil kwalunkwe Stat Membru ieħor li jagħti kunsens għat-trasferiment (Artikolu 4(1)(c))

It-tielet sitwazzjoni li hija koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas (Artikolu 4(1)(c)) tapplika meta l-Istat emittenti jkun jixtieq jittrażmetti s-sentenza u ċ-ċertifikat lil Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru taċ-ċittadinanza fejn tgħix il-persuna ssentenzjata jew li fih se tiġi ddeportata din il-persuna fuq il-bażi ta' ordni ta' tkeċċija jew ta' deportazzjoni. Dan jista' jkun, pereżempju, l-Istat Membru fejn il-persuna ssentenzjata tkun qed tirrisjedi jew tistudja, jew l-Istat Membru li din il-persuna hija ċittadin tiegħu, iżda fejn hi ma tgħix u lanqas mhi se tiġi ddeportata fih.

F'dik is-sitwazzjoni, ikun meħtieġ il-kunsens minn qabel tal-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 4(1)(c)) u konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tkun obbligatorja (l-Artikolu 4(3)). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont ta' elementi bħal, pereżempju, id-dewmien tar-residenza jew rabtiet oħra mal-Istat ta' eżekuzzjoni. F'każijiet li fihom il-persuna ssentenzjata tkun tista' tiġi ttrasferita lejn Stat Membru jew lejn pajjiż terz skont id-dritt nazzjonali jew strumenti internazzjonali, l-awtoritajiet tal-Istati emittenti u ta' eżekuzzjoni għandhom, f'konsultazzjonijiet, jikkunsidraw jekk l-infurzar fl-Istat ta' eżekuzzjoni jsaħħaħx l-għan ta' riabilitazzjoni soċjali aktar mill-infurzar fil-pajjiż terz (il-premessa 8).

([32]) Ara wkoll it-talba pendenti għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-495/18, *YX*, minn Najvyšší súd republiky (il-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka) ippreżentata fit-30 ta' Lulju 2018.

([33]) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

([34]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-17 ta' Lulju 2008, *Kozlowski*, C-66/08, ECLI:UE:C:2008:437, il-paragrafu 48.

([35]) Il-kawża *Kozlowski* kienet tikkonċerna kwistjoni preliminari rigward il-proċedimenti tal-MAE, fejn il-Qorti kellha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-konnessjoni bejn persuna li mhijiex ċittadin tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u l-Istat Membru msemmi l-aħħar (ara l-punt 53 tas-sentenza). Din is-sentenza ġiet ikkonfermata aktar tard fil-kawża *Wolzenburg* (is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-6 ta' Ottubru 2009; C-123/08, ECLI:UE:C:2009:616, il-paragrafu 70).

Il-kunsens minn qabel tal-persuna ssentenzjata dejjem ikun meħtieġ, ħlief fis-sitwazzjoni speċifika prevista fl-Artikolu 6(2)(c).

2.4. *Il-kunsens informat tal-persuna ssentenzjata*

Wieħed mill-elementi ġodda introdotti mid-Deċiżjoni Qafas fil-qasam tat-trasferiment ta' persuni ssentenzjati - meta mqabbla mar-reġimi ta' trasferiment internazzjonali preċedenti, huwa li din iżżid in-numru ta' sitwazzjonijiet li fihom il-kunsens tal-persuna ssentenzjata mhuwiex meħtieġ.

Il-kunsens tal-persuna ssentenzjata ma jkunx meħtieġ (l-Artikolu 6(2)) meta:

— il-persuna tkun ċittadin tal-Istat ta' eżekuzzjoni u tkun tgħix hemm ukoll; jew

— il-persuna se tkun deportata fl-Istat ta' eżekuzzjoni ladarba tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena fuq il-bażi ta' ordni ta' tkeċċija jew ta' deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew fi kwalunkwe miżura oħra li tirriżulta mis-sentenza; jew

— il-persuna tkun ħarbet jew irritornat b'xi mod ieħor fl-Istat ta' eżekuzzjoni minħabba l-proċedimenti kriminali pendenti kontriha fl-Istat emittenti jew wara l-kundanna f'dak l-Istat emittenti.

Fil-każijiet kollha l-oħra, huwa meħtieġ il-kunsens informat tal-persuna ssentenzjata.

L-Artikolu 6(4) fih obbligu għall-Istat emittenti biex jinforma lill-persuna ssentenzjata, f'lingwa li hija tifhem, li hi ddeċidiet li s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat ikunu trażmessi bl-użu tal-formola standard tan-notifikazzjoni elenkata fl-Anness II (ara wkoll t-taqsimiet 3.2 u 3.3). Meta l-persuna ssentenzjata tkun fl-Istat ta' eżekuzzjoni fil-ħin ta' dik id-deċiżjoni, dik il-formola għandha tiġi trażmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni li għandu jinforma lill-persuna kif meħtieġ.

Minħabba l-importanza tar-riabilitazzjoni soċjali bħala prinċipju ewlieni tad-Deċiżjonijiet Qafas, irid jiġi żgurat li l-persuna kkonċernata tiġi kkonsultata kif xieraq f'deċiżjonijiet ta' trasferiment. Għaldaqstant huwa rakkomandat li l-Istat emittenti jipprovdi informazzjoni bażika lill-persuna ssentenzjata sabiex dik il-persuna tkun tista' tagħti kunsens informat jew opinjoni informata. Informazzjoni bħal din tista' tinkludi l-loġistika tat-trasferiment, ir-reġimi tal-ħabsijiet fl-Istat ta' eżekuzzjoni dwar arranġamenti ta' rilaxx bikri u ta' libertà kondizzjonali.

F'każijiet li fihom il-persuna ssentenzjata ma tagħtix il-kunsens tagħha għat-trasferiment, l-ebda trasferiment ma jkun possibbli meta jkun meħtieġ it-tali kunsens (l-Artikoli 4(1) u 6(1)). Fis-sitwazzjoni li fiha ma jkun meħtieġ ebda kunsens, opinjoni negattiva tal-persuna ssentenzjata trid tingħata kunsiderazzjoni iżda ma tikkostitwixxix bażi għaċ-ċaħda minħabba r-riabilitazzjoni soċjali (il-premessa 10).

2.5. *Kunsens tal-Istat ta' eżekuzzjoni*

Il-kunsens tal-Istat ta' eżekuzzjoni huwa meħtieġ fis-sitwazzjonijiet l-oħra kollha li mhumiex koperti mill-Artikoli 4(1)(a) u (b) (eż. meta l-persuna tkun ċittadin tal-Istat ta' eżekuzzjoni, iżda ma tkunx tgħix fih u lanqas ma tkun se tiġi deportata fih; jew meta l-persuna tkun qed tirresjedi fl-Istat ta' eżekuzzjoni mingħajr ma tkun ċittadina ta' dak l-Istat) (Artikolu 4(1)(c)). F'dan il-każ, konsultazzjoni bejn l-awtoriatjiet kompetenti tal-Istat emittenti u tal-Istat ta' eżekuzzjoni hija obbligatorja u l-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jirrifjuta l-kooperazzjoni billi ma jagħtix kunsens għat-trażmissjoni tas-sentenzi lilu (premessa 8).

Madankollu, l-Artikolu 4(7) jippermetti lil kull Stat Membru sabiex jagħmel dikjarazzjoni li tindika li l-kunsens minn qabel tiegħu mhuwiex meħtieġ għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat jekk il-persuna ssentenzjata:

(a) tgħix u kienet kontinwament tirresjedi legalment għal tal-anqas ħames snin fl-Istat ta' eżekuzzjoni u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza f'dak l-Istat ([36]), u/jew

(b) hija ċittadin tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'każijiet barra dawk previsti mill-Artikolu 4(1)(a) u (b).

It-tali dikjarazzjoni hija valida fir-relazzjonijiet tagħha ma' Stati Membri oħra li jkunu taw l-istess notifika jew fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas jew fi kwalunkwe żmien wara din (l-Artikolu 4(7)). Id-dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 4(7) jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tan-NĠE ([37]).

([36]) It-terminu "dritt permanenti ta' residenza" huwa spjegat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(7). F'dan il-kuntest, u hekk kif imfakkar ukoll mill-premessa 16, id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi applikata skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni inkluża b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2004/38/KE tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u d-Direttiva 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul.

([37]) https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx?l=MT&Id=36

Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li, b'mod partikolari, jieħdu kont tal-għan li tiġi ffaċilitata r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata u li għandhom jikkostitwixxu l-bażi għall-awtoritajiet kompetenti tagħhom sabiex jiddeċiedu jekk jagħtux kunsens jew le għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat f'każijiet skont l-Artikolu 4(1)(c) (Artikolu 4(6)).

2.6. *L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata*

Anki jekk ma jkun meħtieġ l-ebda kunsens tal-persuna ssentenzjata, huwa meħtieġ li l-persuna ssentenzjata, meta hija tkun għadha fl-Istat emittenti, tingħata l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha (bil-fomm jew bil-miktub) dwar it-trasferiment, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza (l-Artikolu 6(3)).

Għad li l-opinjoni tal-persuna ssentenzjata ma tistax tikkostitwixxi raġuni għaċ-ċaħda minħabba r-riabilitazzjoni soċjali (il-premessa 10), l-opinjoni trid tingħata kunsiderazzjoni meta jiġu vvalutati l-faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali u l-adegwatezza tat-trasferiment imfittex. Barra minn hekk, meta l-persuna ssentenzjata tuża l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha, rekord bil-miktub ta' din l-opinjoni għandu jiġi trażmess lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex ikun jista' jiġi inkorporat fl-opinjoni motivata tiegħu stess rigward l-iskop ta' riabilitazzjoni (l-Artikolu 6(3)).

2.7. *Valutazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali*

2.7.1. L-Istat emittenti jrid ikun sodisfatt

Skont il-premessa 15 tagħha, id-Deċiżjoni Qafas għandha tiġi applikata skont id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu u jirrisjedu liberament fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri mogħti mill-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li issa huwa mnaqqax fl-Artikolu 21 tat-TFUE.

Kif intqal aktar 'il fuq, ir-riabilitazzjoni soċjali hija aspett importanti tad-Deċiżjoni Qafas ([38]). L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tkun "sodisfatt[a] li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' esekuzzjoni jkun jaqdi l-għan li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata" (ara l-premessa 9 u l-Artikolu 4(2)).

Il-valutazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali ffaċilitata ma tistax tkun ristretta għas-sempliċi stabbiliment ta' konnessjoni ġeografika iżda trid tkun ibbażata fuq evalwazzjoni dettaljata ta' każ b'każ. Għal dan l-għan, l-istrument jipprevedi proċedura ta' konsultazzjoni bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni.

2.7.2. Konsultazzjoni mal-Istat ta' eżekuzzjoni fejn xieraq

Meta l-Istat emittenti jikkonsulta l-Istat ta' eżekuzzjoni, fuq bażi fakultattiva jew mandatorja, bl-iskop li jiġi stabbilit li r-riabilitazzjoni soċjali tiġi msaħħa, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tippreżenta opinjoni motivata lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti li l-infurzar tal-piena ma jkunx iservi għall-fini ta' faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata. Barra minn hekk, l-Istat ta' eżekuzzjoni jżomm din il-possibbiltà anki f'sitwazzjoni li fiha ma tkun seħħet ebda konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. F'dan il-każ, tali opinjoni tista' tiġi ppreżentata mingħajr dewmien wara t-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tikkonsidra tali opinjoni u tiddeċiedi jekk tirtirax iċ-ċertifikat jew le (Artikolu 4(4)). In-NĠE jista' jipprovdi assistenza fil-konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti ([39]).

([38]) Il-prinċipju huwa rifless fl-istrumenti rilevanti tad-dritt internazzjonali: il-Patt Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi jistipula fl-Artikolu 10(3) li l-għan essenzjali ta' sistema penitenzjarja huwa r-riforma u r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuni ssentenzjati. Ir-Regoli Standard Minimi dwar it-Trattament tal-Priġunieri adottati mill-Ewwel Kungress tan-NU dwar il-Prevenzjoni tar-Reati u t-trattament tat-trasgressuri fl-1955 (disponibbli fis-sit web: http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/TreatmentOfPrisoners.aspx) jirreferu f'diversi regoli (58, 61, 64, 65, 67, 80) għar-riabilitazzjoni soċjali tal-priġunier; the United Nation Standard Minimum Rules for the Treatment of Prisoners – ir-Regoli ta' Nelson Mandela, adottati bir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 70/175 fl-2015, jagħmlu dan fir-Regoli Numru 59, 88, 90, 93(1)(b) disponibbli fis-sit web: https://www.unodc.org/documents/justice-and-prison-reform/GA-RESOLUTION/E_ebook.pdf.) Ir-Regoli dwar il-Ħabsijiet Ewropej tal-Kunsill tal-Ewropa (disponibbli fis-sit web: https://www.coe.int/en/web/human-rights-rule-of-law/european-prison-rules) Ir-Regoli 17.1, 105.1, 106.1 u 107.1 speċifikament jistipulaw li jenħtieġ li l-priġunieri jiġu allokati fl-eqreb ħabs possibbli għad-dar jew għall-postijiet ta' riabilitazzjoni soċjali tagħhom, kif ukoll li r-reġimi ta' xogħol, ta' edukazzjoni u ta' rilaxx iridu jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tal-priġunier fis-soċjetà.

([39]) Informazzjoni dwar in-NĠE tista' tinkiseb mis-sit web tan-NĠE. https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/EJN_Home.aspx?l=MT&

Ta' min jinnota li opinjoni negattiva minnha nfisha ma tikkostitwixxix bażi għar-rifjut minħabba r-riabilitazzjoni soċjali (ara l-premessa 10).

Meta l-Istat emittenti jiġi kkonfrontat bl-opinjoni tal-persuna ssentenzjata jew tal-Istat ta' eżekuzzjoni li l-infurzar tal-piena jkun jonqos milli jikseb il-faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti ser ikollha tikkunsidra din l-opinjoni u, jekk tkun tixtieq tkompli bil-proċedimenti, tissodisfa lilha nfisha li, fl-aħħar mill-aħħar, minkejja l-argumenti inklużi fl-opinjoni kkonċernata, ir-riabilitazzjoni se tiġi ffaċilitata jew tittejjeb (il-premessa 10).

2.7.3. Definizzjoni ta' riabilitazzjoni soċjali

Filwaqt li d-Deċiżjoni Qafas ma tipprovdi ebda definizzjoni espliċita ta' riabilitazzjoni soċjali, madankollu din tipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' elementi għall-valutazzjoni ta' jekk ir-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata hix ser tissaħħaħ bħala riżultat tat-trasferiment tal-piena. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tqis it-tali elementi bħal, pereżempju "r-rabta tal-persuna mal-Istat ta' esekuzzjoni, jekk hi tikkonsidrahx bħala l-post b'rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi u rabtiet oħrajn mal-Istat ta' esekuzzjoni" (il-premessa 9).

Minn dan ta' hawn fuq isegwi li fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas, ir-riabilitazzjoni soċjali għandha tinftiehem fis-sens li hija aktar xierqa għal miżuri ta' riabilitazzjoni li jridu jittieħdu fi Stat fejn il-persuna ssentenzjata tifhem il-lingwa u li hija għandha rabtiet miegħu. L-opportunità għal kuntatt soċjali mal-qraba u mal-ħbieb tgħin fit-thejjija tal-persuna ssentenzjata għal ritorn fil-komunità. Dan l-objettiv jaf ma jintlaħaqx jekk it-tali persuna tinżamm fi Stat barrani meta jkun probabbli li hija ma tkunx ser tibqa' titħalla tibqa' f' dak l-Istat wara li tiskonta l-piena.

2.7.4. Modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-piena

Il-prospetti għar-riabilitazzjoni soċjali jistgħu jiddependu wkoll mill-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tas-sentenza fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

Meta l-Istat ta' eżekuzzjoni – matul il-konsultazzjonijiet jew meta jkun sfrutta l-opportunità li jippreżenta l-opinjoni motivata tiegħu wara t-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat – jantiċipa l-ħtieġa għal adattament tal-piena, din l-informazzjoni tista' tiġi inkluża fil-motivazzjoni tiegħu rigward il-prospetti ta' faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali.

Tista' ssir osservazzjoni simili rigward id-dispożizzjonijiet potenzjali dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali li jistgħu jkunu applikabbli fl-Istat ta' eżekuzzjoni (ara l-Artikolu 17). L-Istat emittenti għandu l-opportunità li jitlob informazzjoni dwar dawn il-modalitajiet ta' infurzar li l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu l-obbliga li jipprovdi minnufih (ara l-Artikolu 17(3)).

Għaldaqstant, din tkun tippermetti lill-Istat ta' eżekuzzjoni jissostanzja l-evalwazzjoni tiegħu tat-trasferiment imfittex, kif ukoll jipprovdi lill-Istat emittenti b'informazzjoni rilevanti addizzjonali sabiex jissodisfa lilu nnifsu li r-riabilitazzjoni soċjali se tkun imsaħħa.

2.8. *Il-lista ta' 32 reat li jagħtu lok għal konsenja mingħajr verifika ta' kriminalità doppja*

Qabel ma tittrasferixxi l-piena, l-awtorità emittenti kompetenti jenħtieġ li tiddetermina jekk reat wieħed jew aktar jagħmilx parti min waħda mit-32 kategorija li għaliha ma tapplikax il-verifika ta' kriminalità doppja. Il-lista ta' reati tista' tinsab fl-Artikolu 7(1) u anki fiċ-ċertifikat, fejn għandhom jiġu "mmarkati" ir-reati li jagħmlu parti mil-lista. Sabiex ikun japplika l-Artikolu 7, ir-reati fil-lista għandhom ikunu punibbli fl-Istat emittenti b'piena ta' kustodja jew b'miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà għal perjodu massimu ta' tal-anqas tliet snin.

Hija l-liġi tal-Istat Membru emittenti li hija deċiżiva. Dan ġie kkonfermat fis-sentenza fil-Kawża C-303/05 *Advocaten voor de Wereld* relatata mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ([40]).

L-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tivverifika l-kriminalità doppja biss għar-reati li mhumiex f'dik il-lista ta' 32 reat.

Madankollu, diversi Stati Membri sfruttaw il-possibbiltà li jivverifikaw il-kriminalità doppja fil-każijiet kollha (l-Artikolu 7(4), ara n-nota f'qiegħ il-paġna). Id-dikjarazzjonijiet magħmula għal dak l-effett jistgħu jiġu rtirati fi kwalunkwe waqt.

([40]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Mejju 2007, *Advocaten voor de Wereld*, C-303/05, ECLI:UE:C:2007:261, il-punti 48 sa 61.

2.9. *Gruppi vulnerabbli: minorenni u trasgressuri b'disturbi mentali u t-trasferiment ta' miżuri tal-kura psikjatrika jew tas-saħħa*

Kategorija speċifika ta' persuni ssentenzjati suxxettibbli għal vulnerabbiltà rigward it-trattament, il-kura u l-akkomodazzjoni hija dik tat-trasgressuri minorenni u t-trasgressuri li jbatu minn problemi tas-saħħa mentali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas għal dawn il-gruppi speċifiċi ta' trasgressuri.

Id-Deċiżjoni Qafas fiha żewġ dispożizzjonijiet applikabbli għal sitwazzjonijiet li fihom ikunu involuti minorenni u persuni b'disturbi mentali u/jew b'dipendenzi (it-tnejn fl-Artikolu 9). Essenzjalment, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi s-sentenza u li tinforza l-piena, jekk:

(i) il-piena ġiet imposta fuq persuna li, taħt il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, ma setgħetx, minħabba l-età tagħha, tinżamm kriminalment responsabbli għall-atti li fir-rigward tagħhom tinħareġ is-sentenza (l-Artikolu 9(1)(g); jew jekk

(ii) il-piena imposta tinkludi miżura ta' kura psikjatrika jew tas-saħħa jew miżura oħra li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, li, minkejja l-possibbiltà ta' adattament tas-sentenza kif previst fl-Artikolu 8(3) ([41]), ma tistax tiġi eżegwita mill-Istat ta' eżekuzzjoni skont l-ordinament ġuridiku jew is-sistema tal-kura tas-saħħa tiegħu (l-Artikolu 9(1)(k);

Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1)(k), l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jikkunsidra l-possibbiltà li l-piena tiġi addattata skont din id-Deċiżjoni Qafas qabel ma jirrifjuta li jirrikonoxxi u jinfurza l-piena li tinvolvi miżura oħra minbarra piena ta' kustodja (ara l-premessa 19).

Barra minn hekk, f'dawn it-tipi ta' sitwazzjonijiet, qabel ma jiddeċiedi li ma jirrikonoxxix is-sentenza u jinfurza l-piena, l-Istat ta' eżekuzzjoni huwa obbligat jikkonsulta lill-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz xieraq, u, fejn xieraq, għandu jitolbu jipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mingħajr dewmien (l-Artikolu 9(3)).

Ir-raġuni għar-rifjut prevista fl-Artikolu 9(1)(k) tista' tiġi applikata wkoll f'każijiet li fihom il-persuna ma tinstabx ħatja ta' reat kriminali għalkemm l-awtorità kompetenti tkun applikat il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li ma tkunx sentenza ta' kustodja bħala konsegwenza ta' reat kriminali (ara l-premessa 20).

Meta l-Istat emittenti jikkunsidra li dan huwa meħtieġ fid-dawl tal-età tal-persuna ssentenzjata jew tal-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, għandha tingħata l-opportunità lir-rappreżentant legali tagħha sabiex jiddikjara l-opinjoni tagħha bil-fomm jew bil-miktub rigward it-trasferiment (l-Artikolu 6(3)).

2.10. *Kunsiderazzjonijiet relatati mad-drittijiet fundamentali mill-Istat emittenti*

Id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-TUE u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE") (il-premessa 13).

Skont l-Artikolu 3(4) tagħha, id-Deċiżjoni Qafas m'għandux ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett ta' dawn id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali.

Għaldaqstant, l-Istat emittenti, speċjalment f'sitwazzjonijiet li fihom it-trasferiment tal-piena jitfittex mingħajr il-kunsens tal-persuna ssentenzjata, irid jiżgura li t-trasferiment, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-piena ma jikkompromettux id-drittijiet fundamentali bażiċi tal-persuna ssentenzjata.

Il-kundizzjonijiet tal-ħabs iwasslu għal problemi sinifikanti f'diversi Stati Membri tal-UE, bl-iffullar eċċessiv fil-ħabsijiet meqjus bħala waħda mill-aktar problemi urġenti. Il-kundizzjonijiet inumani jew degradanti fil-ħabsijiet għandhom il-potenzjal li jxekklu serjament l-applikazzjoni tal-istrumenti tal-UE dwar ir-rikonoxximent reċiproku, peress li dawn jistgħu jwasslu għal ksur tad-dispożizzjonijiet kemm tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem: "KEDB") kif ukoll tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali.

Madankollu, s'issa, din il-kwistjoni ġiet indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ([42]). Skont id-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-Istat ta' eżekuzzjoni huwa marbut bil-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u, għaldaqstant, fil-prinċipju dan irid jeżegwixxi l-MAE u, b'hekk, jikkonsenja l-persuna

([41]) L-Artikolu 8(3) jiddikjara li fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'termini tan-natura tagħha, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tadattaha għall-piena jew għall-miżura prevista taħt il-liġi tagħha stess għal reati simili. Tali piena jew miżura għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun possibbli għall-piena imposta fl-Istat emittenti u, għalhekk, il-piena m'għandhiex tiġi konvertita f'piena pekunjarja.

([42]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-5 ta' April 2016, *Aranyosi and Căldăraru*; C-404/15 u C-659/15 PPU, ECLI:UE:C:2016:198; Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, *MLt*, C-220/18 PPU, ECLI:UE:C:2018:589; ara wkoll il-każ *Dorobantu* (C-128/18, pendenti).

kkonċernata lill-Istat emittenti, sakemm ma jkunux japplikaw ir-raġunijiet għar-rifjut. Għall-kuntrarju, is-sitwazzjonijiet skont id-Deċiżjoni Qafas jikkonċernaw it-trasferiment ta' persuni ssentenzjati mill-Istat emittenti għall-Istat ta' eżekuzzjoni. F'dak ir-rigward, l-Istat emittenti mhuwiex obbligat jittrasferixxi l-piena jekk iqumu dubji dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, anki meta l-Istat Membru l-ieħor ikun talab it-trasferiment b'mod espliċitu. L-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jipprojbixxi t-tortura jew it-trattament inuman jew degradanti, japplika bl-istess għat-trasferimenti tal-priġunieri, b'mod partikolari f'sitwazzjoni li fiha Stat ikun jixtieq jittrasferixxi persuna mingħajr il-kunsens tagħha.

## 3. Il-proċedura għat-trażmissjoni

### 3.1. *Suġġetti intitolati jiftħu l-proċedura*

Id-Deċiżjoni Qafas tippermetti lill-Istat emittenti, lill-Istat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll lill-persuna ssentenzjata sabiex iniedu l-mekkaniżmu li jista' jwassal għal trasferiment. Madankollu, hemm differenzi importanti skont min jiftaħ il-proċedura.

L-Istat ta' eżekuzzjoni jista', fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jitlob lill-Istat emittenti sabiex jittrażmetti s-sentenza. Bl-istess mod, il-persuna ssentenzjata tista' wkoll titlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti jew tal-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex tiftaħ proċedura għat-trażmissjoni tas-sentenza (l-Artikolu 4(5)).

Madankollu, fiż-żewġ xenarji, m'għandu jkun hemm l-ebda obbligu għall-Istat emittenti sabiex jikkonforma mat-trażmissjoni mitluba tas-sentenza. Dan jirriżulta loġikament mill-fatt li l-Istat emittenti jibqa' l-uniku attur li, wara reat kriminali, ikun qata' sentenza li għaliha kellu l-kompetenza sovrana li jagħmel dan. B'hekk, l-Istat emittenti jżomm il-marġni diskrezzjonali sabiex jivvaluta t-talbiet tal-Istat emittenti jew tal-persuna ssentenzjata jew inkella tat-tnejn li huma.

Pereżempju, l-Istat emittenti jista' jkun jixtieq li ma jittrasferixxix lill-persuna ssentenzjata jekk tkun prevista inkarċerazzjoni anqas twila fl-Istat ta' eżekuzzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali f'dak l-Istat. L-interessi tal-vittmi jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll meta jiġi deċiż fejn it-trasgressur jista' jiskonta bl-aħjar mod is-sentenza tiegħu. Stat Membru jista' ma jkunx jixtieq jittrasferixxi persuna jekk trasferiment bħal dan ikun jimplika r-riintegrazzjoni fl-ambjent kriminali tal-istat ta' oriġini tiegħu, minflok ma jkun fl-interess tar-riabilitazzjoni soċjali tiegħu.

Is-setgħa deċiżjonali sħiħa tal-Istat emittenti hija murija wkoll mill-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas li tindika li dment li l-infurzar tas-sentenza fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma jkunx beda, l-Istat emittenti jista' jirtira ċ-ċertifikat, filwaqt li jagħti raġunijiet sabiex jagħmel dan. Ara f'dan il-kuntest ukoll l-Artikolu 17(3).

Għaldaqstant, ta' min jinnota li l-Istat emittenti, min-naħa tiegħu, mhuwiex obbligat jittrażmetti s-sentenza u ċ-ċertifikat, anki jekk dak ikun fl-interess tal-persuna kkundannata. Għaldaqstant, ma hemm ebda "dritt" ta' trasferiment għall-persuna ssentenzjata ([43]).

Sar hemm sensibilizzazzjoni dejjem akbar fost l-Istati Membri li l-opinjonijiet tal-vittmi għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest tal-infurzar tal-pieni ta' trasgressuri kkundannati, inkluż it-trasferiment internazzjonali tal-priġunieri. Il-vittmi jistgħu jkunu preżenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni kif ukoll fl-Istat emittenti. Ħafna Stati Membri adottaw proċedura li fiha l-vittmi jkollhom l-opportunità li jiġu kkonsultati rigward it-trasferimenti u tiġi kkunsidrata l-opinjoni tagħhom. Madankollu, dan ma jistabbilixxix dritt għall-vittmi sabiex jopponu trasferiment.

### 3.2. *Il-proċedura għall-kisba tal-opinjoni tal-persuna ssentenzjata*

Il-persuna ssentenzjata, meta hija tkun għadha fl-Istat emittenti, tingħata l-opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha (bil-fomm jew bil-miktub) dwar it-trasferiment, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenza (l-Artikolu 6 (3)). Meta l-Istat emittenti jikkunsidra li dan huwa meħtieġ fid-dawl tal-età tal-persuna ssentenzjata jew il-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, dik l-opportunità għandha tingħata lir-rappreżentant legali tagħha.

L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata dejjem għandha tintalab anki jekk ma jkun meħtieġ ebda kunsens.

Għad li l-opinjoni tal-persuna ssentenzjata ma tistax tikkostitwixxi raġuni għaċ-ċaħda minħabba r-riabilitazzjoni soċjali (il-premessa 10), l-opinjoni trid tingħata kunsiderazzjoni meta jiġu vvalutati l-faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali u l-adegwatezza tat-trasferiment imfittex (l-Artikolu 6(3)).

([43]) Madankollu, hemm eċċezzjoni jekk l-Istati Membri kkonċernati diġà jkunu qablu fil-proċedimenti rigward l-eżekuzzjoni ta' MAE li s-sentenza trid tiġi skontata fl-Istat Membru tan-nazzjonalità jew ta' residenza tal-persuna ssentenzjata fil-kuntest tal-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Ara t-taqsima 11.1.

L-informazzjoni dwar l-opinjoni tal-persuna ssentenzjata trid tiġi pprovduta taħt il-kaxxa (k) taċ-ċertifikat:

(k) L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata:

1. ☐ Il-persuna ssentenzjata ma setgħatx tinstema' għax diġà tinsabfl-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. ☐ Il-persuna ssentenzjata tinsab fl-Istat emittenti u:

a. ☐ talbet it-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat

☐ talbet it-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat

☐ ma tatx il-kunsens għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat (iddikjara r-raġunijiet mogħtija mill-persuna ssentenzjata):

..........................................................................................

b. ☐ L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata hija mehmuża.

☐ L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata ġiet trażmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni (agħti d-data: jj-xx-ssss): ..........................................................................................

3.3. *In-notifika tal-persuna ssentenzjata (l-Artikolu 6(4) u l-formola fl-Anness II)*

L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandu jinforma lill-persuna ssentenzjata, f'lingwa li hija tifhem, li huwa ddeċida li jittrażmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat bl-użu tal-formola standard ta' notifika stipulata fl-Anness II. Meta l-persuna ssentenzjata tkun fl-Istat ta' eżekuzzjoni fil-ħin ta' dik id-deċiżjoni, dik il-formola għandha tiġi trażmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni li għandu jinforma lill-persuna ssentenzjata kif meħtieġ (l-Artikolu 6(4)).

L-Anness II għad-Deċiżjoni Qafas tipprovdi għal formola standard ta' notifika lill-persuna ssentenzjata:

*ANNESS II*

NOTIFIKA TAL-PERSUNA SSENTENZJATA

B'dan inti qed tiġi nnotifikat(a) bid-deċiżjoni ta' ............ (l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti) sabiex tittrażmetti s-sentenza ta' ............. (il-qorti kompetenti tal-Istat emittenti) datata ............. (data tas-sentenza) .......... (numru ta' referenza; jekk disponibbli) lil ......... (l-Istat ta' eżekuzzjoni) bl-għan tar-rikonoxximent u tal-infurzar tagħha tal-piena imposta fiha skont il-liġi nazzjonali li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea.

L-infurzar tal-piena ser ikun irregolat mil-liġi ta' ........ (l-Istat ta' eżekuzzjoni). L-awtoritajiet ta' dak l-Istat ser ikunu kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u sabiex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati magħhom, inklużi r-raġunijiet għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali.

L-awtorità kompetenti ta' ....... (l-Istat ta' eżekuzzjoni) trid tnaqqas il-perjodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà diġà skontat b'konnessjoni mal-piena mit-tul totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat. Adattament tal-piena mill-awtorità kompetenti ta' ....... (l-Istat ta' eżekuzzjoni) jista' jseħħ biss jekk dan ikun kompatibbli mal-liġi ta' dak l-Istat f'termini tat-tul jew tan-natura tiegħu. Il-piena adattata ma tistax taggrava l-piena mogħtija fi .................................................... (l-Istat emittenti) minħabba n-natura jew it-tul tagħha.

3.4. *Dokumenti li għandhom jintbagħtu*

3.4.1. Ċertifikat

Id-Deċiżjoni Qafas tipprovdi għal proċess differenti minn dak ta' strumenti multilaterali preċedenti: minflok ma jissottometti talba formali, l-Istat emittenti jittrażmetti s-sentenza lill-Istat Membru li lilu jixtieq jittrasferixxi l-persuna ssentenzjata. Sabiex jitħaffef dan il-proċess, is-sentenza tkun akkumpanjata minn ċertifikat standard, li jkun jinkludi l-informazzjoni neċessarja għat-trasferiment (l-Artikoli 4 u 5, ara l-Anness I għad-Deċiżjoni Qafas).

Iċ-ċertifikat irid jimtela kif suppost u jrid ikun jikkorrispondi għas-sentenza. Iċ-ċertifikat irid jiġi ffirmat u l-kontenut tiegħu jiġi ċċertifikat bħala preċiż mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti (l-Artikolu 5(2)). Fuq is-sit web tan-NĠE hemm għodda online disponibbli għall-abbozzar taċ-ċertifikat - l-għodda tal-Kompendju ([44]).

Iċ-ċertifikat għandu jkun tradott fil-lingwa uffiċjali – jew, meta jkunu applikabbli aktar lingwi uffiċjali, f'waħda mil-lingwi uffiċjali – tal-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 23(1)). Madankollu, kull stat Membru jista' jiddepożita dikjarazzjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li hu jkun se jaċċetta traduzzjoni f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-UE. Jekk it-taqsimiet taċ-ċertifikat ma jkunux mimlija jew ikunu nieqsa mid-dettalji, dan jirriżulta f'sitwazzjoni li fih l-Istat ta' eżekuzzjoni jkun nieqes minn informazzjoni suffiċjenti sabiex jieħu deċiżjoni dwar it-trasferiment u jkollu jitlob aktar informazzjoni mingħand l-Istat emittenti, u b'hekk jittardja l-proċess.

Iċ-ċertifikati standard fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE kif ukoll id-dikjarazzjonijiet dwar il-lingwi aċċettati mill-Istati Membri huma disponibbli fuq is-sit web tan-NĠE ([45]).

### 3.4.2. Sentenza

L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti trid tittrażmetti flimkien maċ-ċertifikat is-sentenza jew kopja ċċertifikata tagħha.

Bħala regola, m'għandha tkun meħtieġa ebda traduzzjoni tas-sentenza (l-Artikolu 23(2)). Madankollu, jifdal possibbiltà li l-Istat ta' eżekuzzjoni jitlob li s-sentenza jew partijiet essenzjali minnha jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni. Sabiex jagħmlu dan, l-Istati Membri l-ewwel iridu jkunu ddepożitaw dikjarazzjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li huma jixtiequ jkollhom l-opportunità li jifformulaw talba bħal din (l-Artikolu 23(3)). It-tieni, talba bħal din tista' ssir biss meta l-Istat ta' eżekuzzjoni jqis li l-kontenut taċ-ċertifikat ma jkunx suffiċjenti sabiex jiddeċiedi dwar l-infurzar tas-sentenza, u fejn meħtieġ wara konsultazzjoni fejn ikun hemm bżonn bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni u emittenti sabiex jiġi indikat liema partijiet essenzjali tas-sentenza jeħtieġu traduzzjoni.

L-informazzjoni dwar is-sentenza trid tiġi pprovduta fil-kaxex (h) u (i) taċ-ċertifikat:

(h) Sentenza li timponi l-piena:

1. Is-sentenza tkopri .................................................................. reati b'kollox.

   Sommarju tal-fatti u deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq/twettqu r-reat(i), inklużi l-ħin u l-post; u n-natura tal-involviment tal-persuna ssentenzjata:

   ........................................................................................................

   ........................................................................................................

   ........................................................................................................

   In-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat(i) u d-dispożizzjonijiet statutorji applikabbli abbażi ta' liema saret is-sentenza:

   ........................................................................................................

   ........................................................................................................

   ........................................................................................................

2. Sa fejn ir-reat(i) identifikat(i) taħt il-punt (h) 1 jikkostitwixxi/u wieħed mir-reati li ġejjin jew iżjed, kif definit fil-liġi tal-Istat emittenti, li huma punibbli fl-Istat emittenti b'piena ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' tal-anqas tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma billi timmarka l-kaxxa/i rilevanti:

   ☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;

   ☐ terroriżmu;

   ☐ traffikar tal-bnedmin;

([44]) L-użu ta' din l-għodda jippreżenta l-vantaġġ ta' mili taċ-ċertifikat b'faċilità bħallikieku qed timtela formola Word, iżda b'diversi karatteristiċi siewja u faċli għall-utenti, bħal: il-possibbiltà ta' importazzjoni diretta tal-awtoritajiet kompetenti ta' eżekuzzjoni mill-għodda tal-Atlas Ġudizzjarju tan-NĠE; il-kisba tal-formola fil-lingwa/i aċċettata/i mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni; l-issejvjar u t-trażmissjoni bil-posta elettronika. https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/WorkerPage.aspx?x1=CC.

([45]) https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx?l=MT&Id=36

- ☐ sfruttament sesswali tat-tfal u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;
- ☐ traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u fis-sustanzi psikotropiċi;
- ☐ traffikar illeċitu fl-armi, munizzjon u splussivi;
- ☐ korruzzjoni;
- ☐ frodi, inkluż dik li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fit-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;
- ☐ laundering tar-rikavati mill-kriminalità;
- ☐ falsifikazzjoni ta' flus, inkluża l-falsifikazzjoni tal-euro;
- ☐ reati relatati mal-informatika;
- ☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċijiet ta' annimali fil-periklu u ta' speċijiet ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu;
- ☐ faċilitazzjoni ta' dħul u ta' residenza mhux awtorizzati;
- ☐ qtil, offiżi gravi fuq il-persuna;
- ☐ kummerċ illeċitu ta' organi u ta' tessuti umani;
- ☐ ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi;
- ☐ razziżmu u ksenofobija;
- ☐ serq organizzat jew bl-użu ta' armi;
- ☐ traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti;
- ☐ imbrolju;
- ☐ rikattar organizzat u estorsjoni;
- ☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti;
- ☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom;
- ☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas;
- ☐ traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u ta' promoturi oħrajn ta' tkabbir;
- ☐ traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi;
- ☐ traffikar ta' vetturi misruqa;
- ☐ stupru;
- ☐ ħruq doluż;
- ☐ reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- ☐ ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti;
- ☐ sabotaġġ.

3. Sa fejn ir-reat(i) identifikat(i) fil-punt 1 mhux kopert(i) mill-punt 2 jew jekk is-sentenza u ċ-ċertifikat huma trażmessi lill-Istat Membru, li jkun iddikjara li se jivverifika l-kriminalità doppja (Artikolu 7(4) tad-Deċiżjoni Qafas), jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni sħiħ tar-reat(i) kkonċernat(i):

...........................................................................................................

...........................................................................................................

...........................................................................................................

(i) Status tas-sentenza li timponi l-piena:

1. Indika jekk il-persuna dehritx personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni:

   1. ☐ Iva, il-persuna dehret personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni.
   2. ☐ Le, il-persuna ma dehritx personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni.

3. Jekk immarkajt il-kaxxa fil-punt 2, jekk jogħġbok ikkonferma l-eżistenza ta' waħda minn dawn li ġejjin:

☐ 3.1a. il-persuna tħarrket personalment fi ………… (jum/xahar/sena) u għaldaqstant kienet infurmata bid-data u bil-post skedati tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni u kienet infurmata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hija ma tidhirx fil-proċess;

JEW

☐ 3.1b. il-persuna ma tħarrkitx personalment iżda b'mezzi oħrajn u fil-fatt irċeviet l-informazzjoni uffiċjali tad-data u tal-post skedati tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni, b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-proċess skedat, u kienet infurmata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hija ma tidhirx fil-proċess;

JEW

☐ 3.2. konxja mill-kawża skedata l-persuna kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, sabiex jiddefendiha fil-proċess, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċess;

JEW

☐ 3.3. il-persuna kienet innotifikata bid-deċiżjoni fi ……. (jum/xahar/sena) u kienet infurmata espressament dwar id-dritt ta' proċess ġdid jew ta' appell, li fihom hija għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu sabiex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali, u

☐ il-persuna ddikjarat espressament li hija ma tikkontestax din id-deċiżjoni;

JEW

☐ il-persuna ma talbitx proċess ġdid jew appell fil-perjodu ta' żmien applikabbli.

4. Jekk immarkajt il-kaxxa taħt il-punt 3.1b, 3.2 jew 3.3 fuq, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kif ġiet issodisfata l-kundizzjoni rilevanti:

…………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………

2. Dettalji dwar it-tul tas-sentenza:

2.1. Tul totali tal-piena (f'jiem): …………………………………………………………

2.2. Il-perjodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà li huwa diġà skontat b'konnessjoni mal-piena fir-rigward ta' liema nqatgħet is-sentenza (f'jiem): ………, fi (………) (agħti d-data li fiha sar il-kalkolu: jj-xx-ssss): …………………………………………………………

2.3. Numru ta' jiem li għandhom jitnaqqsu mit-tul totali tal-piena għal raġunijiet oħra minbarra dawk imsemmija fi 2.2. (pereżempju, amnestiji, maħfriet jew klemenzi eċċ. diġà mogħtija fir-rigward tal-piena): ………………., fi (agħti d-data li fiha sar il-kalkolu: jj/xx/ssss): …………………

2.4. Data ta' skadenza tal-piena fl-Istat emittenti:

☐ Mhux applikabbli, għax il-persuna bħalissa mhix f'kustodja

☐ Il-persuna bħalissa hija miżmuma f'kustodja u l-piena, taħt il-liġi tal-Istat emittenti, tkun kompletament skontata sa (agħti d-data: jj-xx-ssss): ………………………………………

3. Tip ta' piena:

☐ piena ta' kustodja

☐ miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (jekk jogħġbok speċifika):

…………………………………………………………………………………………

3.5. *Informazzjoni supplimentari siewja mill-Istat emittenti*

Għad li dan mhuwiex meħtieġ mid-Deċiżjoni Qafas, il-prattika turi li ċerti dokumenti relatati mal-priġunier huma meqjusa bħala suppliment siewi li jakkumpanja t-talba għal trasferiment jew jistgħu jiġu kondiviżi mal-Istat ta' eżekuzzjoni meta fil-fatti seħħ it-trasferiment sabiex titħaffef ir-rilokazzjoni tal-priġunier. Dawn id-dokumenti huma: l-iskeda kronoloġika tal-priġunier, ir-rekord ta' priġunerija tal-priġunier, rapporti ta' informazzjoni dwar is-sigurtà tal-priġunier (ara l-EuroPris "Resource Book on the Transfer of Sentenced Persons") ([46]).

3.6. *It-trażmizzjoni*

L-awtorità kompetenti tal-istat emittenti ser ikollu bżonn jittrażmetti s-sentenza jew kopja ċċertifikata tagħha, flimkien maċ-ċertifikat, direttament lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Rekord miktub huwa meħtieġ sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni jkun jista' jistabbilixxi l-awtentiċità tat-talba. Jekk l-Istat ta' eżekuzzjoni jkun jeħtieġ hekk, l-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtulu. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmijin (l-Artikolu 5(1)).

Is-sentenza jew kopja ċċertifikata tagħha u ċertifikat jistgħu jintbagħtu lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, pereżempju posta elettronika u fax, f'kundizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità (il-premessa 18).

L-Istat emittenti għandu jittrażmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument (l-Artikolu 5(3)).

Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma tkunx magħrufa mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, din tal-aħħar għandha tfittex b'kull mezz ta' tiftix neċessarju, anke permezz tal-punti ta' kuntatt tan-NĠE, sabiex tikseb l-informazzjoni mill-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 5(4)) ([47]).

Meta awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi sentenza flimkien ma' ċertifikat ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha u tieħu l-miżuri neċessarji għall-infurzar tagħha, hija għandha, *ex officio*, tittrażmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni u tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti kif meħtieġ (l-Artikolu 5(5)).

3.7. *Talba għal informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali possibbli*

L-infurzar ta' piena għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-awtoritajiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni biss huma kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u sabiex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati magħhom, inklużi r-raġunijiet għal rilaxx bikri jew għal libertà kondizzjonali (l-Artikolu 17(1)).

Kemm iddum il-ħabs il-persuna kkundannata jiddependi ħafna mid-dispożizzjonijiet dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali fl-Istat ta' eżekuzzjoni. Id-differenzi bejn l-Istati Membri huma konsiderevoli f'dan ir-rigward: pereżempju f'xi Stati Membri l-persuna kkundannata tinħeles wara li tiskonta żewġ terzi tas-sentenza, f'oħrajn wara terz tas-sentenza ([48]).

Fuq talba, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali. L-Istat emittenti jista' jaqbel mal-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet jew jista' jirtira ċ-ċertifikat (l-Artikolu 17(3)).

L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jipprovdu li kwalunkwe deċiżjoni dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali tista' tieħu kont ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, indikati mill-Istat emittenti, li skont dawn il-persuna tkun intitolata għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali f'mument speċifiku (l-Artikolu 17(4)).

Huwa rakkomandat li l-Istat ta' eżekuzzjoni jipprovdi komunikazzjoni ċara u spjegazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli tiegħu dwar il-libertà kondizzjonali lill-Istat emittenti u lill-persuna ssentenzjata. Dan jista' jimplika li jkun hemm bżonn li tiġi pprovduta informazzjoni aktar dettaljata dwar il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni minbarra d-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

---

([46]) https://www.europris.org/file/europris-resource-book-on-the-transfer-of-sentenced-prisoners-under-eu-framework-decision-909/

([47]) Informazzjoni dwar id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju fuq is-sit web tan-NĠE: https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/WorkerPage.aspx?l=MT&x1=AC.

([48]) Ara s-Sentenzi tal-QEDB tal-15 ta' Marzu 2005, *Veermae* vs *Il-Finlandja*, rikors Nru 38704/03, u tas-27 ta' Ġunju 2006, *Szabo* vs *L-Iżvezja*, rikors Nru 28578/03. Il-QEDB sabet li l-possibbiltà ta' perjodu itwal ta' priġunerija *de facto* fl-Istat ta' eżekuzzjoni minnu nnifsu ma rendiex iċ-ċaħda tal-libertà arbitrarja dment li l-piena li kienet se tiġi skontata ma taqbiżx il-piena imposta fil-proċedimenti kriminali fil-Finlandja. Madankollu, il-QEDB ma eskludietx li piena *de facto* itwal b'mod flagranti tista' twassal għal problema skont l-Artikolu 5 tal-KEDB, u, b'hekk, tinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat tas-sentenzjar skont dak l-Artikolu.

L-informazzjoni dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali fl-Istat emittenti trid tiġi pprovduta taħt il-kaxxa (j) taċ-ċertifikat. Informazzjoni aktar dettaljata dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli fuq ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali tista' tiġi pprovduta fil-kaxxa (l) taċ-ċertifikat:

(j) Informazzjoni relatata ma' rilaxx bikri jew ma' libertà kondizzjonali:

1. Skont il-liġi tal-Istat emittenti l-persuna ssentenzjata hija intitolata għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali wara li tkun skontat:

   ☐ nofs is-sentenza

   ☐ żewġ terzi tas-sentenza

   ☐ proporzjoni ieħor tas-sentenza (jekk jogħġbok indika):

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti titlob li tkun infurmata dwar:

   ☐ Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali tal-persuna ssentenzjata;

   ☐ Il-bidu u t-tmiem tal-perjodu tar-rilaxx bikri jew tal-libertà kondizzjonali.

(l) Ċirkustanzi oħra rilevanti għall-każ (informazzjoni mhux obbligatorja):

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

3.8. *Talba għal arrest proviżorju*

Meta l-persuna ssentenzjata tkun fl-Istat ta' eżekuzzjoni, l-Istat ta' eżekuzzjoni jista', fuq it-talba tal-Istat emittenti, jarresta lill-persuna ssentenzjata, jew jieħu kwalunkwe miżura oħra sabiex tiżgura li l-persuna ssentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu. Talba bħal din għall-arrest tista' ssir qabel il-wasla tas-sentenza u taċ-ċertifikat, jew qabel it-teħid tad-deċiżjoni ta' rikonoxximent tas-sentenza u ta' infurzar tal-piena. It-tul tal-piena m'għandux ikun aggravat bħala riżultat ta' kwalunkwe perjodu mqatta' f'kustodja fuq il-bażi ta' arrest proviżorju (l-Artikolu 14).

Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istat tas-sentenzjar sabiex jiżgura li l-persuna ssentenzjata ma taħrabx, pereżempju filwaqt li tkun qed tistenna l-eżitu tal-eżaminazzjoni mwettqa mill-Istat ta' eżekuzzjoni ta' jekk fil-fatt huwiex possibbli li jieħu f'idejh l-eżekuzzjoni tal-piena.

L-informazzjoni dwar l-arrest proviżorju trid tiġi pprovduta fil-kaxxa (e) taċ-ċertifikat:

(e) Talba għal arrest proviżorju mill-Istat emittenti (meta l-persuna ssentenzjata tkun tinsab fl-Istat ta' eżekuzzjoni):

☐ L-Istat emittenti jitlob lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jarresta lill-persuna ssentenzjata, jew sabiex jieħu kwalunkwe miżura oħra sabiex jiżgura li l-persuna ssentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm ikun hemm deċiżjoni li tirrikonoxxi u tinfurza l-piena.

☐ L-Istat emittenti diġà talab lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jarresta lill-persuna ssentenzjata, jew sabiex jieħu kwalunkwe miżura oħra sabiex jiżgura li l-persuna ssentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm ikun hemm deċiżjoni sabiex il-piena tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jekk jogħġbok ipprovdi l-isem tal-awtorità fl-Istat ta' eżekuzzjoni li ħadet id-deċiżjoni dwar it-talba sabiex tiġi arrestata l-persuna (Jekk applikabbli u disponibbli):

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

3.9. *Irtirar taċ-ċertifikat*

L-Istat emittenti jista' jirtira ċ-ċertifikat, filwaqt li jagħti raġunijiet talli jagħmel dan, dment li l-infurzar tas-sentenza fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma jkunx għadu beda (l-Artikolu 13). Tabilħaqq, l-Istat emittenti jista', fuq il-bażi tal-Artikolu 17(3), jitlob informazzjoni dwar il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-piena tal-Istat ta' eżekuzzjoni li dan tal-aħħar irid iwieġeb b'informazzjoni preċiża. Imbagħad, u dejjem qabel ma jkun għadu beda l-infurzar tal-piena,

l-Istat emittenti jista' jagħżel li jirtira ċ-ċertifikat. B'mod partikolari, jekk l-Istat emittenti jqis li t-trasferiment ikun iwassal għal rilaxx prematur, dan jista' jiddeċiedi li ma jittrasferixxix lill-persuna kkonċernata u li jirtira ċ-ċertifikat.

Malli ċ-ċertifikat jiġi rtirat, l-Istat ta' eżekuzzjoni m'għandux jibqa' jinforza l-piena.

**PARTI II: IR-RIKONOXXIMENT TAS-SENTENZA U L-INFURZAR TAL-PIENA**

## 4. Il-proċedura għar-rikonoxximent

### 4.1. *L-iskadenza għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u r-rimedji kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment*

Id-Deċiżjoni Qafas għandha l-għan li tistabbilixxi sistema ġdida ssimplifikata u aktar effettiva għat-trasferiment tal-pieni sabiex tiġi ffaċilitata u aċċellerata l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Għalhekk, din tipprovdi għal termini fissi sabiex isir trasferiment. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tiddeċiedi malajr kemm jista' jkun jekk tirrikonoxxix is-sentenza u tinforzax il-piena u għandha tinforma lill-Istat emittenti dwar dan, inkluż dwar kwalunkwe deċiżjoni li tadatta l-piena (l-Artikolu 12(1)). Id-deċiżjoni finali dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena għandha tittieħed f'perjodu ta' 90 jum mir-riċevuta tas-sentenza u taċ-ċertifikat (l-Artikolu 12(2)).

It-terminu jista' jinqabeż biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Imbagħad, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jinforma lill-Istat emittenti mingħajr dewmien, bi kwalunkwe mezz, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-dewmien u ż-żmien stmat meħtieġ għat-teħid tad-deċiżjoni finali (l-Artikolu 12(3)).

Għad li hija kawża komuni li l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li l-persuni ssentenzjati jkunu jistgħu jaċċessaw id-drittijiet u r-rimedji legali skont il-liġi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li t-tali rimedji fis-sistema tagħhom jikkonformaw mal-importanza tar-rispett tat-termini tad-Deċiżjoni Qafas ([49]).

Skont l-Artikolu 19(1) tat-TUE, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rimedji suffiċjenti sabiex jiżguraw il-protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-UE (ara wkoll l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv).

Il-persuni ssentenzjati jistgħu jippreżentaw appell kontra d-deċiżjoni ta' rikonoxximent u ta' infurzar tas-sentenza skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawn l-appelli ma jxekklux l-applikazzjoni mingħajr intoppi tad-Deċiżjoni Qafas u li jiġu rrispettati t-termini tal-iskadenza. Bħala regola ġenerali, skont il-premessa 22, id-deċiżjoni finali dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena, inkluża kwalunkwe proċedura ta' appell possibbli, għandha titlesta fi żmien 90 jum mir-riċevuta tas-sentenza u taċ-ċertifikat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li din id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tipprevjenix lill-Istati Membri milli jipprovdu għal appell li jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-awtorità ġudizzjarja dment li d-deċiżjoni finali tingħata fi ħdan it-termini tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ([50]).

### 4.2. *Talba għat-traduzzjoni tas-sentenza*

Bħala regola, m'għandha tkun meħtieġa ebda traduzzjoni tas-sentenza (l-Artikolu 23(2)). Madankollu, jifdal possibbiltà għall-Istat ta' eżekuzzjoni li jitlob li s-sentenza jew partijiet essenzjali minnha jkunu akkumpanjati minn traduzzjoni. Sabiex jagħmlu dan, l-Istati Membri l-ewwel iridu jkunu ddepożitaw dikjarazzjoni mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li huma jixtiequ jkollhom l-opportunità li jifformulaw talba bħal din (l-Artikolu 23 (3)). It-tieni, talba bħal din tista' ssir biss meta l-Istat ta' eżekuzzjoni jqis li l-kontenut taċ-ċertifikat ma jkunx suffiċjenti sabiex jiddeċiedi dwar l-infurzar tas-sentenza, u fejn meħtieġ wara konsultazzjoni fejn ikun hemm bżonn bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni u emittenti sabiex jiġi indikat liema partijiet essenzjali tas-sentenza jeħtieġu traduzzjoni (Artikolu 23(2) u (3)).

### 4.3. *Il-posponiment*

Id-Deċiżjoni Qafas tipprevedi l-posponiment mhux obbligatorju tar-rikonoxximent (jew in-nuqqas ta' rikonoxximent) meta ċ-ċertifikat ikun inkomplet jew ikun ċar li dan ma jkunx jikkorrispondi għas-sentenza (l-Artikolu 11). L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tistabbilixxi skadenza raġonevoli għat-tlestija jew għall-korrezzjoni taċ-ċertifikat (ara l-Artikolu 9(1)(a)).

([49]) Ara, fil-kuntest tal-MAE, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Mejju 2013, *Jeremy F.*, C-168/13 PPU, ECLI:UE:C:2013:358.
([50]) Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'*Jeremy F.*

4.4. *L-arrest proviżorju*

Meta l-persuna ssentenzjata tkun fl-Istat ta' eżekuzzjoni, l-Istat ta' eżekuzzjoni jista', fuq it-talba tal-Istat emittenti, jarresta lill-persuna ssentenzjata, jew jieħu kwalunkwe miżura oħra sabiex tiżgura li l-persuna ssentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu. Talba bħal din għall-arrest tista' ssir qabel il-wasla tas-sentenza u taċ-ċertifikat, jew qabel it-teħid tad-deċiżjoni ta' rikonoxximent tas-sentenza u ta' infurzar tal-piena. It-tul tal-piena m'għandux ikun aggravat bħala riżultat ta' kwalunkwe perjodu mqatta' f'kustodja fuq il-bażi ta' arrest proviżorju (l-Artikolu 14).

Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istat tas-sentenzjar sabiex jiżgura li l-persuna ssentenzjata ma taħrabx, pereżempju filwaqt li tkun qed tistenna l-eżitu tal-eżaminazzjoni mwettqa mill-Istat ta' eżekuzzjoni ta' jekk fil-fatt huwiex possibbli li jieħu f'idejh l-eżekuzzjoni tal-piena.

## 5. Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar

5.1. *Dmir ġenerali ta' rikonoxximent u ta' infurzar*

L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni hija obbligata tirrikonoxxi sentenza li tkun ġiet trażmessa, u minnufih għandha tieħu l-miżuri neċessarji kollha għall-infurzar tal-piena, sakemm ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' infurzar (l-Artikolu 8(1)).

5.2. *Kunsens tal-Istat ta' eżekuzzjoni*

Il-kunsens tal-Istat ta' eżekuzzjoni huwa rekwiżit preċedenti fis-sitwazzjonijiet kollha mhux koperti mill-Artikoli 4 (1)(a) jew (b), eż. fil-każ ta' ċittadini li ma jgħixux fl-Istat ta' eżekuzzjoni, u lanqas mhuma se jiġu ddeportati fih jew persuni li jirrisjedu fl-Istat ta' eżekuzzjoni mingħajr ma jkunu ċittadini ta' dak l-Istat (l-Artikolu 4(1)(c)). F'dan il-każ, il-konsultazzjonijiet iridu jsiru bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati emittenti u ta' eżekuzzjoni, u l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu d-dritt li jirrifjuta l-kooperazzjoni billi ma jagħtix il-kunsens tiegħu għat-trasferiment (l-premessa 8).

Tista' ssir eċċezzjoni għal din ir-regola minn kull Stat Membru billi jagħmel dikjarazzjoni li tindika li l-kunsens minn qabel tiegħu mhuwiex meħtieġ għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat (l-Artikolu 4(7)) jekk il-persuna ssentenzjata:

(a) tgħix u kienet kontinwament tirresjedi legalment għal tal-anqas ħames snin fl-Istat ta' eżekuzzjoni u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza f'dak l-Istat ([51]), u/jew

(b) hija ċittadin tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'każijiet barra dawk previsti mill-Artikolu 4(1)(a) u (b).

It-tali dikjarazzjoni hija valida fir-relazzjonijiet tagħha ma' Stati Membri oħra li jkunu taw l-istess notifika jew fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas jew fi kwalunkwe żmien wara din (l-Artikolu 4(7)).

Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li, b'mod partikolari, jieħdu kont tal-għan li tiġi ffaċilitata r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata u li għandhom jikkostitwixxu l-bażi għall-awtoritajiet kompetenti tagħhom sabiex jiddeċiedu jekk jagħtux kunsens jew le għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat f'każijiet skont l-Artikolu 4(1)(c) (Artikolu 4(6)).

Id-dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 4(7) jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web tan-NĠE ([52]).

5.3. *Il-lista ta' 32 reat li għalihom ma hemm ebda verifika ta' kriminalità doppja*

L-awtorità eżekutorja għandha tivverifika jekk l-awtorità emittenti ratx jekk ir-reati jaqgħux f'waħda mit-32 kategorija ta' reati mniżżla fl-Artikolu 7(1). L-awtorità eżekutorja tista' tivverifika l-kriminalità doppja biss għar-reati li mhumiex f'dik il-lista ta' 32 reat.

Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1), huma rilevanti biss it-tifsira tar-reat u tal-piena massima biss fil-liġi tal-Istat Membru emittenti. L-awtorità eżekutorja għandha tirrikonoxxi x'indikat l-awtorità emittenti fiċ-ċertifikat.

Skont id-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jkomplu japplikaw test tal-kriminalità doppja anki għat-32 il-kategorija ta' reati. Sabiex tkun tapplika din l-eċċezzjoni, dikjarazzjoni trid tiġi nnotifikata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fil-mument tal-adozzjoni tal-istrument jew fi kwalunkwe stadju aktar tard meqjus xieraq mill-Istat Membru. Bl-istess mod, dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu rtirati mill-Istati Membri fi kwalunkwe waqt (l-Artikolu 7(4)). Ħafna Stati Membri għamlu dikjarazzjonijiet li jippermettu verifika tal-kriminalità doppja għar-reati kollha (ara n-nota 13 f'qiegħ il-paġna14).

([51]) It-terminu "residenza permanenti" huwa spjegat fit-tieni paragrafu ta' dak l-Artikolu.
([52]) https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx?l=MT&Id=36

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-289/15 *Grundza* ([53]), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 9 (1)(d) tad-Deċiżjoni Qafas (jiġifieri kif għandha tiġi vvalutata l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat kif ġej:

"38. … fl-evalwazzjoni tal-kriminalità doppja, hija l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni li għandha tivverifika jekk l-elementi fattwali li huma l-bażi tar-reat, kif riflessi fis-sentenza mogħtija mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, humiex ukoll, bħala tali, punibbli b'sanzjoni kriminali f'dan it-territorju, fil-każ li jkunu twettqu fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

…

49. … fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kriminalità doppja, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tivverifika mhux jekk inkisirx l-interess protett mill-Istat emittenti, iżda jekk, fil-każ li r-reat inkwistjoni twettaq fit-territorju tal-Istat Membru li taħtu taqa' din l-awtorità, ikunx tqies li nkiser interess simili, protett mid-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat".

5.4. *L-adattament tas-sentenza*

Billi d-Deċiżjoni Qafas hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka tas-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri l-oħra, id-deċiżjoni tal-imħallef fl-Istat emittenti għandha tiġi rrispettata u, fil-prinċipju, ma għandu jkun hemm l-ebda reviżjoni jew adattament ta' din id-deċiżjoni (l-Artikolu 8(1)) ([54]). Għal dan il-prinċipju tal-hekk imsejjaħ "infurzar kontinwu" ([55]) jeżistu żewġ eċċezzjonijiet, li t-tnejn li huma jidderivaw mill-inkompatibbiltà tal-piena imposta fl-Istat emittenti, jew f'termini tad-durata jew tan-natura, mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni:

1. It-tul tal-piena jvarja: meta l-piena tal-Istat emittenti tkun inkompatibbli mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'termini tat-tul tagħha, dan tal-aħħar jista' jadattaha biss meta tkun taqbeż il-penali massima pprovduta għal reati simili skont il-liġi nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni (eż. ċessjoni ta' piena għal reati relatati mad-drogi ta' 14-il sena li għalihom hija applikabbli penali massima ta' 12-il sena skont il-liġi nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni). Madankollu, il-piena adattata m'għandhiex tkun anqas mill-piena massima prevista għal reati simili skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 8(2)).

2. In-natura tal-piena tvarja: meta l-piena tal-Istat emittenti tkun inkompatibbli mal-liġi nazzjonali tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'termini tan-natura tagħha (eż. għomor il-ħabs jista' jiġi adattat għal 20 sena ħabs), dan tal-aħħar jista' jadattaha għall-piena jew għall-miżura prevista skont il-liġi tiegħu stess għal reati simili. Madankollu, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni trid tiżgura li l-piena jew il-miżura adattata tikkorrispondi bl-aktar mod viċin possibbli għall-piena oriġinali imposta fl-Istat emittenti. Barra minn hekk, huwa impossibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tikkonverti l-piena oriġinali f'piena pekunarja (l-Artikolu 8 (3)).

Fiż-żewġ sitwazzjonijiet, meta l-adattament jitqies neċessarju, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha mill-aktar fis possibbli tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha li tadatta l-piena (l-Artikolu 12(1)).

Jekk l-Istat emittenti ma jaqbilx mal-adattament tas-sentenza, jista' jiddeċiedi li jirtira ċ-ċertifikat (l-Artikolu 13).

Il-piena adattata m'għandhiex taggrava l-piena mogħtija fl-Istat emittenti f'termini tan-natura jew tat-tul tagħha (l-Artikolu 8(4)).

Dment li l-infurzar tal-piena fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma jkunx għadu beda, l-Istat emittenti jkollu l-possibbiltà li jirtira ċ-ċertifikat, jekk huwa jqis li d-deċiżjoni ta' adattament tal-piena tmur kontra l-intenzjonijiet inizjali tiegħu għat-trasferiment tal-persuna ssentenzjata (qari kombinat tal-Artikoli 12(1) u 13).

L-Artikolu 8(2) u (3) jittrattaw mal-adattament tal-piena li oriġinarjament ġiet imposta mill-Istat emittenti. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet dwar l-adattament tal-piena ma jkoprux arranġamenti għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali peress li l-arranġamenti jikkonċernaw l-eżekuzzjoni tal-piena. Ir-reġim għall-eżekuzzjoni tal-piena huwa stabbilit fl-Artikolu 17 (ara t-taqsima 7.3 hawn isfel).

([53]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Jannar 2017, *Grundza*, C-289/15, ECLI:UE:C:2017:4 rigward l-interpretazzjoni tal-Artikoli 7(3) u 9(1)(d) dwar il-kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati għar-rekwiżit ta' kriminalità doppja.

([54]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Diċembru 2018, *Sut*, C-514/17, ECLI:UE:C:2018:1016 u r-referenza preliminari pendenti mir-Rechtbank Amsterdam (in-Netherlands) ippreżentata fl-20 ta' Lulju 2018, *SF* (il-Kawża C-314/18).

([55]) Għall-kuntrarju tal-hekk imsejjaħ prinċipju ta' konverżjoni, li huwa applikabbli skont il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983. Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983.

5.5. *Raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jew għan-nuqqas ta' infurzar*

Id-dmir ġenerali ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li tkun ġiet trażmessa (imnaqqax fl-Artikolu 8(1)) huwa limitat mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent u għan-nuqqas ta' infurzar, jiġifieri, ir-raġunijiet għar-rifjut (l-Artikolu 9). Ta' min jinnota li dawn ir-raġunijiet huma l-uniċi li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tista' tinvoka bħala l-bażi għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat, b'rabta mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li l-lista tar-raġunijiet għar-rifjut hija eżawrjenti ([56]).

Ir-raġunijiet għar-rifjut għandhom jiġu implimentati bħala fakultattivi għall-awtorità kompetenti. L-Artikolu 9 jiddikjara b'mod ċar li l-awtorità kompetenti "tista'" tirrifjuta milli tirrikonoxxi s-sentenza u tinfurza l-piena, jiġifieri l-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti jibqa' jkollha marġni diskrezzjonali fuq bażi ta' każ b'każ sabiex jivvaluta l-adegwatezza tal-invokar ta' raġuni għar-rifjut ([57]).

L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni *tista'* tirrifjuta milli tirrikonoxxi s-sentenza u tinforza l-piena, jekk tkun tapplika waħda mir-raġunijiet li ġejjin għan-nuqqas ta' rikonoxximent u għan-nuqqas ta' infurzar:

5.5.1. Ċertifikat inkomplet jew mhux korrett (l-Artikolu 9(1)(a))

Iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4 mhuwiex komplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza u ma kienx kompletat jew ikkorreġut fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

5.5.2. Nuqqas ta' konformità mal-kriterji għat-trażmizzjoni (l-Artikolu 9(1)(b)

Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ma jiġux issodisfati. Għal spjegazzjoni ulterjuri, ara t-Taqsima 2.3.1.

5.5.3. *Ne bis in idem (l-Artikolu 9(1)(c))*

L-infurzar tal-piena jkun kuntrarju għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet diversi sentenzi f'kawżi dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* b'rabta mal-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni CISA. Dawn is-sentenzi huma applikabbli għad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 permezz tas-sentenza fil-Kawża C-261/09 *Mantello* ([58]) u jiċċaraw il-kunċetti bħal "id-deċiżjoni finali", "l-istess att" u "s-sentenza ġiet skontata". Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-129/14 PPU *Spasic* ([59]), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni CISA huwa kompatibbli mal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, fejn huwa minqux il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

L-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni CISA

"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."

L-Artikolu 50 tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali

"Id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat

L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skont il-liġi".

5.5.4. In-nuqqas ta' kriminalità doppja (l-Artikolu 9(1)(d))

F'każ imsemmi fl-Artikolu 7(3) u, fejn l-Istat ta' eżekuzzjoni jkun għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7(4), f'każ imsemmi fl-Artikolu 7(1), l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta milli tirrikonoxxi s-sentenza jekk din tkun relatata ma' atti li ma jkunux jikkostitwixxu reat skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

Għalhekk, din ir-raġuni għal rifjut tikkonċerna:

(1) dawk ir-reati li ma jappartjenux għal waħda mit-32 kategorija ta' reati elenkati fl-Artikolu 7(1);

(2) reati li jappartjenu għal waħda mit-32 kategorija ta' reati elenkati fl-Artikolu 7(1) iżda huma punibbli fl-Istat emittenti biss b'piena ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' anqas minn tliet snin, jew

([56]) B'mod partikolari fis-Sentenzi tagħha fil-Kawża C-123/08 *Wolzenburg*, il-paragrafu 57, u fil-Kawżi Magħquda C-404/15 u C-659/15 PPU *Aranyosi u Căldăraru*, il-paragrafu 80).

([57]) Ara f'dan ir-rigward is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2017, *Poplawski*, C-579/15, ECLI:UE:C:2017:503, il-punt 21.

([58]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 2010, *Mantello*, C-261/09, ECLI:UE:C:2010:683.

([59]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Mejju 2014, *Spasic*, C-129/14 PPU, ECLI:UE:C:2014:586.

(3) ir-reati kollha meta tkun saret dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7(4).

Fir-rigward ta' taxxi jew dazji, dazji doganali u skambju, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza m'għandhomx ikunu rrifjutati minħabba r-raġuni li l-liġi tal-Istat eżekutorju ma timponix l-istess tip ta' taxxa jew dazji jew li ma għandhiex l-istess tip ta' regoli fir-rigward ta' regolamenti dwar it-taxxi, id-dazji, id-dazji doganali u l-iskambju bħal-liġi tal-Istat Membru emittenti.

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-289/15 *Grundza*, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat kif għandha tiġi vvalutata l-kundizzjoni tal-kriminalità doppja (ara t-Taqsima 5.3).

### 5.5.5. L-infurzar ta' piena preskritta skont il-liġi (l-Artikolu 9(1)(e))

L-infurzar tal-piena jiġi preskritt skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

### 5.5.6. Immunità skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 9(1)(f))

Hemm immunità skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, li tagħmel l-infurzar tal-piena impossibbli.

### 5.5.7. L-età għar-responsabbiltà kriminali (l-Artikolu 9(1)(g))

Il-piena ġiet imposta fuq persuna li, skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, minħabba l-età tagħha, ma setgħetx tinżamm kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom inqatgħet is-sentenza.

Il-liġijiet tal-Istati Membri jiddefinixxu l-età minima ta' responsabbiltà kriminali b'mod differenti. Din ir-raġuni għal rifjut tapplika jekk, fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, il-persuna rikjesta tista' tiffaċċja passi ċivili jew amministrattivi biss kontriha, iżda mhux kriminali, minħabba l-età tagħha.

Fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ([60]), il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni trid ([61]) tirrifjuta milli tikkonsenja dawk il-minorenni biss li, skont il-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, ikunu għadhom ma laħqux l-età li fiha jitqiesu kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom huwa bbażat il-MAE. Sabiex tivvaluta dan, l-awtorità ġudizzjarja trid tissimplifika jekk il-persuna kkonċernata laħqitx l-età minima meħtieġa sabiex tkun kriminalment responsabbli fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għall-atti li fuqhom huwa bbażat il-MAE. L-awtorità m'għandhiex bżonn tikkunsidra kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali, relatata ma' valutazzjoni bbażata fuq iċ-ċirkustanzi tal-individwu, li għalihom il-prosekuzzjoni u l-kundanna ta' minorenni għal tali atti jkunu soġġetti b'mod speċifiku skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

### 5.5.8. Il-bqija taż-żmien tal-piena li trid tiġi skontata hija qasira wisq (l-Artikolu 9(1)(h))

Fil-mument li fih l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni rċeviet is-sentenza, ikunu għadhom iridu jiġu skontati anqas minn sitt xhur tas-sentenza.

Fid-dawl tat-termini massimi ta' 120 jum (90 jum għat-teħid tad-deċiżjoni finali dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza, ara l-Artikolu 12(2) + 30 jum għat-trasferiment tal-persuna ssentenzjata, ara l-Artikolu 15(1)) previsti fid-Deċiżjoni Qafas, trasferiment ma jistax jitqies xieraq mill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk ikun fadal anqas minn 6 xhur mill-piena x'jiġu skontati. Il-mument li fih is-sentenza ġiet riċevuta mill-Istat ta' eżekuzzjoni huwa rilevanti f'dak ir-rigward.

### 5.5.9. Proċessi in absentia (l-Artikolu 9(1)(i))

Id-Deċiżjoni Qafas 2009/299 emendat id-Deċiżjoni Qafas billi emendat l-Artikolu 9(1)(i) dwar deċiżjonijiet meħuda *in abstentia*. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw sitwazzjonijiet li fihom awtorità eżekutorja tkun irċeviet sentenza għar-rikonoxximent u għall-infurzar tal-piena li tirriżulta minn proċedimenti fl-Istat emittenti fejn ma tkunx preżenti dik il-persuna.

L-Artikolu 9(1)(i) tad-Deċiżjoni Qafas fih raġuni għal rifjut jekk, skont iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 4, il-persuna ma tkunx dehret personalment fil-proċess li jwassal għad-deċiżjoni.

Madankollu, din ir-regola fiha numru ta' eċċezzjonijiet. Awtorità ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta milli teżegwixxi talba għar-rikonoxximent u għall-infurzar tal-piena fuq il-bażi ta' deċiżjoni mogħtija *in absentia* meta ċ-ċertifikat jiddikjara li l-persuna, skont ir-rekwiżiti proċedurali ulterjuri ddefiniti fil-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti,

([60]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Jannar 2018, *Dawid Piotrowski*, C-367/16, ECLI:UE:C:2018:27

([61]) Skont l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, dan hija raġuni obbligatorja għal rifjut, filwaqt li l-istess raġuni għal rifjut hija opzjonali fid-Deċiżjoni Qafas.

(i) fi żmien debitu:

— jew tharrket personalment u għaldaqstant kienet infurmata bid-data u bil-post tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni, jew b'mezzi oħra fil-fatt irċiviet informazzjoni uffiċjali dwar id-data u l-post skedati ta' dak il-proċess b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-proċess skedat,

u

— kienet infurmata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hija ma tidhirx fil-proċess;

jew

(ii) konxja mill-proċess skedat kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-proċess, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċess;

jew

(iii) wara li kienet innotifikata bid-deċiżjoni u kienet infurmata b'mod espliċitu bid-dritt ta' proċess ġdid, jew appell, li fih il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu sabiex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali

— iddikjarat espressament li hija ma tikkontestax id-deċiżjoni;

jew

— ma talbitx proċess ġdid jew appell fil-perjodu ta' żmien applikabbli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qatgħet xi sentenzi rigward proċessi *in absentia* fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

Is-Sentenza fil-Kawża C-399/11 *Melloni* ([62]) kienet tikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandux jiġi interpretat b'ħala wieħed li ma jħallix lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni, fiċ-ċirkustanzi speċifikati f'dik id-dispożizzjoni, milli jagħmlu l-eżekuzzjoni ta' MAE maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena kundizzjonali għall-fatt li l-kundanna mogħtija *in absentia* tkun miftuħa għal stħarriġ fl-Istat Membru emittenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jipprovdi raġuni fakultattiva għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' MAE maħruġ għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' piena, fejn il-persuna kkonċernata tkun ġiet issentenzjata *in absentia*. Madankollu, dik l-għażla hija akkumpanjata minn erba' eċċezzjonijiet stipulati fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Il-Qorti qalet li f'dawn l-erba' sitwazzjonijiet, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tissoġġetta l-konsenja ta' persuna kkundannata *in absentia* għall-kundizzjoni li l-kundanna tkun miftuħa għal stħarriġ fil-preżenza tagħha.

Barra minn hekk, inqatgħu diversi sentenzi rigward l-interpretazzjoni ta' "proċess li jirriżulta fid-deċiżjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ([63]).

### 5.5.10. Il-prosekuzzjoni għal reati qabel it-trasferiment (l-Artikolu 9(1)(j))

L-Istat ta' eżekuzzjoni, qabel ma tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 12(1), jagħmel talba għall-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, skont l-Artikolu 18(3), u l-Istat emittenti ma jagħtix kunsens, skont l-Artikolu 18(2)(g), lill-persuna kkonċernata li tkun is-suġġett tal-prosekuzzjoni, tas-sentenzjar jew b'xi mod ieħor imċaħħda mil-libertà tagħha fl-Istat ta' eżekuzzjoni għal reat li twettaq qabel it-trasferiment minbarra dak li għalih il-persuna ġiet ittrasferita. Skont il-premessa 23, l-Artikolu 18(1) jiddikjara li, soġġett għall-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2, ir-regola ta' speċjalità tapplika biss fejn il-persuna tkun ġiet ittrasferita fl-Istat ta' eżekuzzjoni. Għaldaqstant, m'għandhiex tkun applikabbli meta l-persuna ma tkunx ġiet ittrasferita lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni, pereżempju meta l-persuna tkun ħarbet lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni.

([62]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 2013, *Melloni*, C-399/11, ECLI:UE:C:2013:107.

([63]) Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja: tal-24 ta' Mejju 2016, *Dworzecki*, C-108/16 PPU, ECLI:UE:C:2016:346; tal-10 ta' Awwissu 2017, *Tupikas*, C-270/17 PPU, ECLI:UE:C:2017:628; tal-10 ta' Awwissu 2017, *Zdziaszek*, C-271/17 PPU, ECLI:UE:C:2017:629 u tat-22 ta' Diċembru 2017, *Ardic*, C-571/17 PPU, ECLI:UE:C:2017:1026.

5.5.11. Miżura ta’ kura psikjatrika jew tas-saħħa jew miżura oħra li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (l-Artikolu 9(1)(k))

Il-piena imposta tinkludi miżura ta’ kura psikjatrika jew tas-saħħa jew miżura oħra li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, li, minkejja l-Artikolu 8(3), ma tistax tiġi eżegwita mill-Istat ta’ eżekuzzjoni skont is-sistema ġuridika jew is-sistema tal-kura tas-saħħa tiegħu.

Il-Premessa 19 tiddikjara li, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1)(k), l-Istat ta’ eżekuzzjoni għandu jikkunsidra l-possibbiltà li l-piena tiġi addattata skont id-Deċiżjoni Qafas qabel ma jirrifjuta li jirrikonoxxi u jinforza l-piena li tinvolvi miżura oħra minbarra piena ta’ kustodja.

Skont il-premessa 20, ir-raġuni għar-rifjut prevista fl-Artikolu 9(1)(k) tista’ tiġi applikata wkoll f’każijiet li fihom il-persuna ma tinstabx ħatja ta’ reat kriminali għalkemm l-awtorità kompetenti tkun applikat il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li ma tkunx sentenza ta’ kustodja bħala konsegwenza ta’ reat kriminali.

5.5.12. L-ekstraterritorjalità (L-Artikolu 9(1)(l))

Is-sentenza tkun relatata ma’ reati kriminali li skont il-liġi tal-Istat ta’ eżekuzzjoni huma meqjusa bħala li twettqu kollha kemm huma jew f’parti kbira jew essenzjali minnhom fit-territorju tiegħu, jew f’post ekwivalenti għat-territorju tiegħu.

Skont il-premessa 21, ir-raġuni għal rifjut fir-rigward tat-territorjalità għandha tiġi applikata biss f’każijiet eċċezzjonali u bil-ħsieb tal-kooperazzjoni sal-akbar punt possibbli skont id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni Qafas, b’kont meħud tal-għan tagħha. Kwalunkwe deċiżjoni sabiex tiġi applikata din ir-raġuni għal rifjut, jenħtieġ li tkun ibbażata fuq analiżi ta’ każ b’każ u ppreċeduta minn konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u tal-Istat ta’ eżekuzzjoni.

5.6. *Rikonoxximent u infurzar parzjali*

Id-Deċiżjoni Qafas tippermetti lill-Istat ta’ eżekuzzjoni sabiex jikkonsulta mal-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti sabiex jintlaħaq ftehim dwar ir-rikonoxximent parzjali u l-infurzar ta’ piena, minflok ma jirrifjuta l-kooperazzjoni jekk rikonoxximent sħiħ ma jkunx possibbli (l-Artikolu 10).

Fuq bażi ta’ każ b’każ, rikonoxximent parzjali u infurzar tal-piena jistgħu jiġu miftiehma bejn l-Istati skont il-kundizzjonijiet stipulati minnhom, dment li tali rikonoxximent u infurzar ma jirriżultawx fl-aggravat tat-tul tas-sentenza. Fin-nuqqas ta’ ftehim, iċ-ċertifikat għandu jiġi rtirat.

## 6. Trasferiment tal-persuna ssentenzjata

6.1. *It-termini għat-trasferiment fiżiku*

Bħala prinċipju bażiku, jekk il-persuna ssentenzjata tkun fl-Istat emittenti, it-trasferiment għandu jseħħ fi żmien miftiehem bejn l-Istat emittenti u l-Istat ta’ eżekuzzjoni iżda mhux aktar tard minn 30 jum wara d-deċiżjoni finali tal-Istat ta’ eżekuzzjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza, sakemm ċirkustanzi imprevisti ma jipprevjenux it-trasferiment (l-Artikolu 15(1)).

Jekk it-trasferiment tal-persuna ssentenzjata fil-perjodu stabbilit fl-Artikolu 15(1) ikun impedit minn ċirkustanzi imprevedibbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u tal-Istat ta’ eżekuzzjoni għandhom jikkuntattjaw lil xulxin minnufih. It-trasferiment għandu jseħħ hekk kif dawn iċ-ċirkustanzi ma jibqgħux jeżistu. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta’ eżekuzzjoni u taqbel dwar data ġdida tat-trasferiment. F’dak il-każ, it-trasferiment għandu jseħħ fi żmien 10 ijiem mid-data ġdida hekk miftiehma (l-Artikolu 15(2)).

6.2. *Tranżitu minn Stat Membru ieħor*

Sabiex jiġi żgurat tranżitu mingħajr restrizzjoni tal-persuna ssentenzjata mill-Istat emittenti għall-Istat ta’ eżekuzzjoni mit-territorju ta’ Stati Membri oħra, l-Istat emittenti għandu jgħaddi kopja taċ-ċertifikat u talba ta’ tranżitu lill-Istati Membri rilevanti li għandhom jawtorizzaw it-tranżitu. L-Istat Membru mitlub sabiex jawtorizza t-tranżitu għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva t-talba għal tranżitu (Artikolu 16(1)–(3)).

It-trażmissjoni ta’ kopja taċ-ċertifikat u ta’ talba ta’ tranżitu ma tkunx meħtieġa fil-każ ta’ trasport bl-ajru mingħajr waqfa skedata fit-territorju ta’ Stat Membru wieħed jew aktar (ara l-Artikolu 16(5)).

6.3. *L-ispejjeż tat-trasferiment*

L-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas jiġġarrbu mill-Istat ta' eżekuzzjoni, ħlief għall-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna ssentenzjata lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni u dawk li jirriżultaw esklussivament fit-territorju tal-Istat emittenti li jiġġarrbu minn dan tal-aħħar (l-Artikolu 24).

6.4. *Dokumenti tal-ivvjaġġar*

Għad li ma tissemmiex fit-test tad-Deċiżjoni Qafas, il-kwistjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar hija element importanti għall-applikazzjoni prattika mingħajr intoppi tad-Deċiżjoni Qafas. Dokument validu tal-ivvjaġġar huwa meqjus bħala prekundizzjoni kruċjali u neċessarja għal trasferiment (għal aktar dettalji, ara l-EuroPris "Resource Book on the Transfer of Prisoners") ([64]).

## 7. L-infurzar tal-piena

7.1. *Il-liġi li tirregola l-infurzar*

Id-Deċiżjoni Qafas tistipula b'mod ċar li l-infurzar ta' piena għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-awtoritajiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni biss għandhom ikunu kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u sabiex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati magħhom, inklużi r-raġunijiet għal rilaxx bikri u għal libertà kondizzjonali (l-Artikolu 17).

7.2. *It-tnaqqis*

L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tnaqqas il-perjodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà diġà skontat b'konnessjoni mal-piena li fir-rigward tagħha nqatgħet is-sentenza mit-tul totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat (l-Artikolu 17(2)) ([65]).

7.3. *Ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali*

Kemm iddum il-ħabs il-persuna ssentenzjata jiddependi ħafna,id-dispożizzjonijiet dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali fl-Istat ta' eżekuzzjoni. Id-differenzi bejn l-Istati Membri huma konsiderevoli f'dan ir-rigward: pereżempju f'xi Stati Membri l-persuna kkundannata tinħeles wara li tiskonta żewġ terzi tas-sentenza, f'oħrajn wara terz tas-sentenza ([66]).

L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha, fuq talba, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti dwar id-dispożizzjoni applikabbli għal rilaxx bikri jew għal libertà kondizzjonali. Meta tiġi pprovduta din l-informazzjoni, l-Istat emittenti jista' jaqbel mal-applikazzjoni tat-tali dispożizzjonijiet jew jista' jagħżel li jirtira ċ-ċertifikat u jtemm il-proċess ta' trasferiment (Artikolu 17(3)).

L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jipprovdu li kwalunkwe deċiżjoni dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali tista' tieħu kont ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, indikati mill-Istat emittenti, li skont dawn il-persuna tkun intitolata għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali f'mument speċifiku (l-Artikolu 17 (4)).

Huwa rakkomandat li l-Istat ta' eżekuzzjoni jipprovdi komunikazzjoni ċara u spjegazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli tiegħu dwar il-libertà kondizzjonali lill-Istat emittenti u lill-persuna ssentenzjata. Indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali applikabbli biss jaf ma tkunx biżżejjed.

7.4. *Amnestija, maħfra*

Kemm l-Istat emittenti kif ukoll l-Istat ta' eżekuzzjoni jistgħu jagħtu amnestija jew maħfra lill-persuna ssentenzjata (l-Artikolu 19(1)).

---

([64]) https://www.europris.org/file/europris-resource-book-on-the-transfer-of-sentenced-prisoners-under-eu-framework-decision-909/

([65]) Rigward il-kunsiderazzjoni mill-Istat ta' eżekuzzjoni tal-ħidma mwettqa fil-ħabs fl-Istat emittenti, ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-8 ta' Novembru 2016, *Ognyanov*, (C-554/14, ECLI:UE:C:2016:835). F'dan il-każ, il-Qorti ddikjarat li d-Deċiżjoni Qafas trid tiġi interpretata li tipprekludi regola nazzjonali interpretata b'tali mod li tawtorizza lill-Istat ta' eżekuzzjoni jikkonċedi lill-persuna ssentenzjata tnaqqis tal-piena minħabba xogħol li hija tkun wettqet matul il-perjodu ta' detenzjoni tagħha fl-Istat emittenti, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti ma jkunux ikkonċedew tali tnaqqis, f'konformità mal-liġi tal-Istat emittenti.

([66]) Ara s-Sentenzi tal-QEDB tal-15 ta' Marzu 2005, *Veermae vs Il-Finlandja*, rikors Nru 38704/03, u tas-27 ta' Ġunju 2006, *Szabo* vs *L-Iżvezja*, rikors Nru 28578/03. Il-QEDB sabet li l-possibbiltà ta' perjodu itwal ta' priġunerija *de facto* fl-Istat ta' eżekuzzjoni minnu nnifsu ma rendiex iċ-ċaħda tal-libertà arbitrarja dment li l-piena li kienet se tiġi skontata ma taqbiżx il-piena imposta fil-proċedimenti kriminali fl-Istat tas-sentenzjar. Madankollu, il-QEDB ma eskludietx li piena *de facto* itwal b'mod flagranti tista' twassal għal problema skont l-Artikolu 5 tal-KEDB, u, b'hekk, tinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat tas-sentenzjar skont dak l-Artikolu. Madankollu, sabiex dan ikun il-każ, ikollu jintwera li jeżistu raġunijiet sostanzjali li jiġġustifikaw twemmin li ż-żmien li jrid jiġi skontat fl-Istat ta' eżekuzzjoni jkun sproporzjonat b'mod flagranti maż-żmien li kien ikollu jiġi skontat fl-Istat tas-sentenzjar.

7.5. *Eżami mill-ġdid tas-sentenza*

Madankollu, meta jitfittex eżami mill-ġdid tas-sentenza, l-Istat emittenti biss jista' jiddeċiedi dwar l-applikazzjonijiet għal eżami mill-ġdid tas-sentenza (l-Artikolu 19(2)).

7.6. *Id-dritt ta' infurzar tas-sentenza*

L-Istat emittenti m'għandux jipproċedi bl-infurzar tal-piena ladarba l-infurzar tagħha fl-Istat emittenti jkun beda ħlief f'każijiet li fihom id-dritt ta' infurzar tal-piena għandu jitreġġa' lura lill-Istat emittenti malli jiġi informat mill-Istat ta' eżekuzzjoni dwar in-nuqqas ta' infurzar parzjali tal-piena (l-Artikolu 22).

7.7. *Dmirijiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni*

Id-Deċiżjoni Qafas fiha obbligi ta' informazzjoni dettaljati kemm għall-Istat emittenti kif ukoll għall-Istat ta' eżekuzzjoni, kemm qabel u kif ukoll wara t-trasferiment.

L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti trid tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha l-piena ma tibqax infurzabbli minnufih jew fi ħdan ċertu perjodu ta' żmien (l-Artikolu 20). Konsegwentement, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha ttemm l-infurzar tal-piena malli tkun irċeviet din l-informazzjoni.

L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub (l-Artikolu 21):

(a) dwar it-trażmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor għaliex l-Istat ta' eżekuzzjoni ma kellu ebda kompetenza sabiex jirrikonoxxih;

(b) dwar il-fatt li fil-prattika huwa impossibbli li tiġi infurzata l-piena wara t-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' eżekuzzjoni, il-persuna ssentenzjata ma tistax tinstab fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, f'liema każ ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu għall-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jinforza l-piena;

(c) dwar id-deċiżjoni finali sabiex tiġi rikonoxxuta s-sentenza u tiġi infurzata l-piena flimkien mad-data tad-deċiżjoni;

(d) dwar kwalunkwe deċiżjoni li ma tiġix rikonoxxuta s-sentenza u ma tkunx infurzata l-piena fuq il-bażi tar-raġunijiet tar-rifjut (l-Artikolu 9), flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(e) dwar kwalunkwe deċiżjoni għall-adattament tas-sentenza (l-Artikolu 8(2) jew (3)), flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(f) dwar kwalunkwe deċiżjoni sabiex ma tiġix infurzata l-piena jekk ingħatat amnestija jew maħfra (l-Artikolu 19 (1)) flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(g) dwar il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' libertà kondizzjonali, meta dan ikun indikat fiċ-ċertifikat mill-Istat emittenti;

(h) dwar il-ħarba tal-persuna ssentenzjata mill-kustodja;

(i) dwar l-infurzar tal-piena hekk kif tiġi kompletata.

8. **Ir-regola ta' speċjalità**

Persuna ssentenzjata trasferita fl-Istat ta' eżekuzzjoni m'għandhiex "tgħaddi minn prosekuzzjoni, tiġi ssentenzjata jew miċħuda mil-libertà tagħha b'xi mod ieħor għal reat li wettqet qabel it-trasferiment tagħha li mhux dak li għalih ġiet trasferita" (l-Artikolu 18).

Skont il-premessa 23, ir-regola ta' speċjalità tapplika biss fejn il-persuna tkun ġiet ittrasferita lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni. Għaldaqstant, m'għandhiex tkun applikabbli meta l-persuna ma tkunx ġiet ittrasferita lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni, pereżempju meta l-persuna tkun ħarbet lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni.

Minkejja dan, hemm numru ta' eċċezzjonijiet speċifiċi għall-prinċipju ta' speċjalità (ara l-Artikolu 18(2)). Għaldaqstant, il-persuna tista' tkun soġġetta għall-prosekuzzjoni fl-Istat ta' eżekuzzjoni:

(a) meta l-persuna minkejja li kellha l-opportunità tħalli t-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma għamlitx dan fi żmien 45 jum mil-liberazzjoni finali tagħha, jew marret lura f'dak it-territorju wara li telqitu;

(b) meta r-reat ma jkunx punibbli b'piena ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni;

(c) meta l-proċedimenti kriminali ma jagħtux lok għall-applikazzjoni ta' miżura ta' restrizzjoni tal-libertà personali;

(d) meta l-persuna tista' tkun suxxettibbli li teħel piena jew miżura li ma tinvolvix ċaħda tal-libertà, b'mod partikolari piena finanzjarja jew miżura minflok din, anki jekk il-piena jew il-miżura li tieħu postha tista' toħloq restrizzjoni tal-libertà personali tagħha;

(e) meta l-persuna tat il-kunsens tagħha għat-trasferiment;

(f) meta l-persuna, wara t-trasferiment tagħha, irrinunzjat espressament għall-benefiċċju tar-regola ta' speċjalità fir-rigward ta' reati speċifiċi li seħħew qabel it-trasferiment tagħha. Ir-rinunzja għandha tingħata quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni u għandha tiġi rreġistrata skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat; ir-rinunzja għandha titfassal b'tali mod li tagħmilha ċara li l-persuna tatha b'mod volontarju u filwaqt li kienet taf bis-sħiħ x'inhuma l-konsegwenzi. Għal dak l-għan, il-persuna għandu jkollha d-dritt għal parir legali;

(g) għal każijiet li mhumiex dawk imsemmija hawn fuq, meta l-Istat emittenti jagħti l-kunsens tiegħu.

Talba għall-kunsens għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, akkumpanjata bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ([67]) u bi traduzzjoni tagħha. Il-kunsens għandu jingħata fejn hemm obbligu għal konsenja tal-persuna taħt id-Deċiżjoni Qafas 2002/584. Id-deċiżjoni għandha tittieħed mhux aktar tard minn 30 jum wara r-riċevuta tat-talba. Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ([68]), l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jagħti l-garanziji previsti f'din (ara l-Artikolu 18(3)).

## PARTI III: MIXXELANJA

### 9. Komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-istadji differenti tal-proċedura

Id-Deċiżjoni Qafas tipprovdi għal konsultazzjoni regolari bejn l-Istati emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni fl-istadji differenti tal-proċess. Konsultazzjoni bħal din spiss tkun prevista bħala parti obbligatorja tal-proċedura bl-iskop li tissaħħaħ il-kooperazzjoni.

1. L-Istat ta' eżekuzzjoni jrid jagħmel konsultazzjoni obbligatorja tal-Istat emittenti meta jkun biħsiebu jinvoka r-rifjut fuq il-bażi tal-Artikolu 9(1) (a), (b), (c), (i), (k) u (l) (l-Artikolu 9(3)).

2. L-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti fuq bażi ta' każ b'każ sabiex jintlaħaq ftehim dwar ir-rikonoxximent parzjali u l-infurzar ta' piena, minflok ma jirrifjuta l-kooperazzjoni jekk rikonoxximent sħiħ ma jkunx possibbli (l-Artikolu 10).

3. F'każ li jinqalgħu ċirkustanzi imprevisti li jipprevjenu t-trasferiment milli jseħħ fid-data oriġinarjament miftiehma mill-Istati, l-Istati emittenti u l-Istat ta' eżekuzzjoni jridu jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiddeċiedu dwar data ta' trasferiment ġdida (l-Artikolu 12(3)).

Il-komunikazzjoni bejn l-Istati li huma parti mill-proċediment trid isseħħ "bi kwalunkwe mezz xieraq", pereżempju bil-posta elettronika, bit-telefon, bil-miktub (ara f'dak il-kuntest il-premessa 18 ukoll).

In-NĠE u l-Eurojust għandhom ir-rwol li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ([69]).

---

([67]) Skont l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja: (a) l-identità u nazzjonalità tal-persuna rikjesta; (b) l-isem, indirizz, numri tat-telefon u l-fax u indirizz tal-posta elettronika tal-awtorità ġudizzjarja emittenti; (c) l-evidenza ta' sentenza li tista' tiġi infurzata, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja li tista' tiġi infurzata oħra li għandha l-istess effett; (d) in-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat; (e) deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq ir-reat, inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat mill-persuna rikjesta; (f) il-piena imposta, jekk hemm sentenza finali, jew l-iskala ta' pieni stabbiliti għar-reat skont il-liġi tal-Istat Membru emittenti; (g) jekk possibbli, konsegwenzi oħra tar-reat.

([68]) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jinkludi l-garanziji li ġejjin:
— jekk ir-reat li abbażi tiegħu nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew huwa punibbli b'piena ta' kustodja għall-għomor jew ordni ta' detenzjoni għall-għomor, l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest tista' tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-Istat Membru emittenti jkollu dispożizzjonijiet fis-sistema ġuridika tiegħu għal eżami mill-ġdid tal-piena jew tal-miżura imposta, fuq talba jew l-aktar tard wara 20 sena, jew għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' klemenza li għalihom il-persuna tkun intitolata li tapplika skont il-liġi jew prattika tal-Istat Membru emittenti, bl-iskop li ma tiġix eżegwita din il-piena jew il-miżura;
— meta persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' prosekuzzjoni tkun ċittadina jew residenta tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-persuna, wara li tkun instemgħet, tiġi ritornata lill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni sabiex tiskonta hemmhekk il-piena ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni mogħtija fil-konfront tagħha fl-Istat Membru emittenti.

([69]) Ara d-Dokument Konġunt tan-NĠE/Eurojust "European Judicial Network and Eurojust – What can we do for you?" disponibbli kemm fuq is-sit web tan-NĠE kif ukoll fuq is-sit web tal-Eurojust.

## 10. Ir-relazzjoni ma' ftehimiet oħra

Mill-5 ta' Diċembru 2011, id-Deċiżjoni Qafas ħadet post l-istrumenti li ġejjin fir-rigward tat-trasferimenti bejn l-Istati Membri tal-UE filwaqt li dawn jibqgħu applikabbli bejn l-Istati Membri u Stati terzi (l-Artikolu 26(1)):

— il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1983 (it-Trattat Nru 112) u l-Protokoll Addizzjonali tagħha tal-1997 (it-Trattat Nru 167);

— il-Konvenzjoni tal-KtE tal-1970 dwar il-Validità Internazzjonali ta' Sentenzi Kriminali (it-Trattat Nru 70);

— it-Titolu III, il-Kapitolu 5 tal-Konvenzjoni CISA tal-1990; u

— il-Konvenzjoni tal-1991 bejn l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-infurzar tas-sentenzi kriminali barranin.

L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw ftehim jew jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali jew multilaterali li jkunu fis-seħħ wara is-27 ta' Novembru 2008, sakemm dawn jippermettu li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Qafas jiġu estiżi jew imwessa' u jgħinu sabiex jiġu ssimplifikati jew aġevolati aktar il-proċeduri għall-infurzar tal-pieni (l-Artikolu 26(2) u (3)). L-Istati Membri jridu jipprovdu informazzjoni aġġornata lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar it-tali ftehimiet bilaterali applikabbli jew kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid fi żmien tliet xhur mill-iffirmar tiegħu (l-Artikolu 26(4)) ([70]).

## 11. Ir-rabtiet ma' strumenti oħra dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

### 11.1. *Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI fuq il-mandat ta' arrest Ewropew*

Il-konnessjoni bejn id-Deċiżjoni Qafas u d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija stabbilita fl-Artikolu 25 u fil-premessa 12 tal-ewwel waħda msemmija.

L-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jipprovdi li jekk jinħareġ MAE għall-fini ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni, meta l-persuna rikjesta tkun qed toqgħod fi, jew hija ċittadina jew residenta tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, dak l-Istat jista' jeżegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni skont il-liġi domestika tiegħu.

L-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jistipula li meta persuna li tkun is-suġġett ta' MAE għall-finijiet ta' prosekuzzjoni tkun ċittadin jew residenta tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, il-konsenja tista' tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-persuna, wara li tinstema', tiġi ritornata fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni sabiex tiskonta hemmhekk il-piena ta' kustodju jew l-ordni ta' detenzjoni mogħtija lilha fl-Istat Membru emittenti ([71]).

Skont l-Artikolu 25 u l-premessa 12 tad-Deċiżjonijiet Qafas, f'każijiet li fihom jiġu applikati l-Artikoli 4(6) u 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-liġi domestika li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika, *mutatis mutandis* u sa fejn kompatibbli mad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għall-infurzar tal-piena. Dan jimplika wkoll li l-limitazzjonijiet li jinsabu fir-regoli dwar l-adattament tal-piena (jiġifieri l-prinċipju ta' infurzar kontinwu kif stipulat fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas) ser ikollhom jiġu rrispettati ([72]).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll li kwalunkwe rifjut ta' eżekuzzjoni ta' MAE skont l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, jippresupponi impenn reali mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li jeżegwixxi l-piena ta' priġunerija ddikjarata kontra l-persuna rikjesta, b'tali mod li, f'kull każ, is-sempliċi fatt li dan l-Istat jiddikjara ruħu "dispost" li jeżegwixxi din il-piena ma jistax jitqies tali li jiġġustifika tali rifjut ([73]).

Dan jimplika li kull rifjut ta' eżekuzzjoni ta' MAE skont l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 irid ikun ippreċedut mill-verifika, mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, tal-possibbiltà ta' infurzar reali tal-piena b'mod konformi mal-liġi nazzjonali tagħha li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas.

Fil-każ li fih l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jsib li ma jistax jiżgura l-infurzar huwa stess, dan ikun obbligat li, sabiex jevita l-impunità, jeżegwixxi l-MAE u, għaldaqstant, jikkonsenja lill-persuna rikjesta lill-Istat Membru emittenti ([74]).

([70]) Bħalissa jeżistu ftehimiet bilaterali bħal dawn bejn il-pajjiżi Nordiċi (l-Iżvezja, id-Danimarka u l-Finlandja) u bejn is-Slovakkja u r-Repubblika Ċeka.
([71]) Ara, f'dan il-kuntest, il-Kawża pendenti C-314/18: talba għal deċiżjoni preliminari mir-Rechtbank Amsterdam (in-Netherlands) ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2018 - *Openbaar Ministerie v SF*.
([72]) Ara, f'dan il-kuntest, il-Kawża pendenti C-314/18: talba għal deċiżjoni preliminari mir-Rechtbank Amsterdam (in-Netherlands) ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2018 - *Openbaar Ministerie v SF*.
([73]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2017, *Popławski*, C-579/15, ECLI:UE:C:2017:503, il-paragrafu 22.
([74]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2017, *Popławski*, C-579/15, ECLI:UE:C:2017:503, il-paragrafu 22.

Informazzjoni relatata ma' MAE preċedenti trid tiġi pprovduta fil-kaxxa (f) taċ-ċertifikat:

(f) Relazzjoni ma' kwalunkwe Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) preċedenti:

☐ Inħareġ MAE bl-għan ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jimpenja ruħu li jesegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni (Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE).

Data tal-ħruġ tal-MAE u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza:

..........

Isem tal-awtorità li ħarġet il-MAE: ..........

Data tad-deċiżjoni sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza: ..........

Isem tal-awtorità li ħarġet id-deċiżjoni sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni tal-piena: ..........

☐ Inħareġ MAE bl-għan tal-prosekuzzjoni ta' persuna li hija ċittadin jew resident tal-Istat ta' eżekuzzjoni u l-Istat ta' eżekuzzjoni kkonsenja l-persuna bil-kundizzjoni li l-persuna titreġġa' lura lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex tiskonta hemm il-piena ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni maħruġa kontriha fl-Istat Membru emittenti (l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE).

Data tad-deċiżjoni ta' konsenja tal-persuna: ..........

Isem tal-awtorità li ħarġet id-deċiżjoni ta' konsenja: ..........

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni, jekk disponibbli: ..........

Data tal-konsenja tal-persuna, jekk disponibbli: ..........

## 11.2. *Strumenti oħrajn*

### 11.2.1. *Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* (75) *dwar id-drittijiet tal-vittmi*

Id-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (minn hawn 'il quddiem: "id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi") tipprovdi sabiex il-vittmi jiġu nnotifikati dwar ir-rilaxx tat-trasgressur mid-detenzjoni (l-Artikolu 6(5) tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi). Barra minn hekk, l-Artikolu 21(h) u (i) tad-Deċiżjoni Qafas jimponi obbligu fuq l-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jinnotifika lill-Istat emittenti dwar il-ħarba mill-kustodja tal-persuna ssentenzjata u dwar ir-rilaxx tagħha (l-eżekuzzjoni tal-piena ġiet ikkompletata); Madankollu, ma hemm ebda dritt għall-vittmi li jiġu informati dwar it-trasferiment. Meta jkun magħruf li jistgħu jkunu affettwati d-drittijiet tal-vittmi, huwa rakkomandat li l-Istat emittenti jaqsam din l-informazzjoni mal-Istat ta' eżekuzzjoni.

### 11.2.2. *Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI* (76) *dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet li jinvolvu probation u ta' sanzjonijiet alternattivi*

Trid issir distinzjoni importanti bejn id-Deċiżjoni Qafas u d-Deċiżjoni Qafas 2008/947/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' probation u sanzjonijiet alternattivi (minn hawn 'il quddiem: "id-Deċiżjoni Qafas 2008/947"). Għal dan l-għan, l-istrument imsemmi l-aħħar jagħmilha ċara li mhijiex applikabbli għall-"esekuzzjoni ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà li jaqgħu fl-ambitu ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI" (l-Artikolu 1(3)(a) tad-Deċiżjoni Qafs 2008/947). Barra minn hekk, "sanzjoni alternattiva" hija definita bħala "sanzjoni, barra minn sentenza ta' kustodja, miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà jew piena finanzjarja, li timponi obbligu jew istruzzjoni" (l-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/947).

(75) Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal- kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

(76) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102).

Madankollu, meta l-individwu jonqos milli jikkonforma mal-obbligi u/jew mal-kundizzjonijiet imposti fuqu wara l-miżura ta' probation jew is-sanzjoni alternattiva, u l-Istat emittenti mbagħad jimponi piena ta' kustodja fuq l-individwu, bl-għan li din tiġi eżegwita fl-Istat ta' eżekuzzjoni (ara f'dan ir-rigward l-Artikoli 14(4) u 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/947), id-Deċiżjoni Qafas 2008/909 ser ikollha tiġi applikata peress li skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/947 ma teżisti ebda bażi ġuridika għall-eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja barranija.

Kwistjoni oħra li tista' tqum hija l-kwistjoni tal-hekk imsejħa "pieni kkumbinati" li jistgħu jiġu imposti skont il-liġijiet nazzjonali ta' ċerti Stati Membri. Kultant, sentenza jkun fiha piena li tkun parzjalment ta' kustodja u parzjalment sospiża (bi probation jew mingħajr). Għaldaqstant, tista' tinqala' s-sitwazzjoni li fiha Stat Membru jista' jintalab jeżegwixxi l-piena kemm skont id-Deċiżjoni Qafas kif ukoll skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/947. L-applikazzjoni kkumbinata taż-żewġ Deċiżjonijiet Qafas tista' tirriżulta f'sitwazzjoni li fiha parti biss mill-piena tkun tista' tiġi ttrasferita. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw din is-sitwazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ biss.

*ANNESS I*

**ID-DEĊIŻJONI QAFAS 2008/909/ĠAI, KONSOLIDAZZJONI MHUX UFFIĊJALI**

It-test bil-lingwa Maltija tad-Deċiżjoni Qafas

**DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL 2008/909/ĠAI**

**tas-27 ta' Novembru 2008**

**dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(1)(a) u 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Iżvezja,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Tampere fil-15 u fis-16 ta' Ottubru 1999 approva l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li għandu jsir il-pedament tal-koperazzjoni ġudizzjarja kemm f'materji ċivili kif ukoll f'materji kriminali fl-Unjoni.

(2) Fid-29 ta' Novembru 2000 il-Kunsill, b'mod konformi mal-konklużjonijiet ta' Tampere, adotta programm ta' miżuri għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet f'materji kriminali ([1]), li fih talab għal valutazzjoni tal-ħtieġa ta' mekkaniżmi moderni għar-rikonoxximent reċiproku ta' pieni definittivi li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà (il-Miżura 14) u għall-estensjoni tal-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trasferiment ta' persuni ssentenzjati sabiex ikopri persuni residenti fi Stat Membru (il-Miżura 16).

(3) Il-Programm ta' The Hague dwar it-tisħiħ tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea ([2]) jeħtieġ li l-Istati Membri jikkompletaw il-programm ta' miżuri, b'mod partikolari fil-qasam tal-infurzar ta' pieni ta' kustodja definittivi.

(4) L-Istati Membri kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-21 ta' Marzu 1983 dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kundannati. Taħt dik il-Konvenzjoni, persuni ssentenzjati jistgħu jiġu trasferiti sabiex jiskontaw il-bqija tal-piena tagħhom lejn l-Istat taċ-ċittadinanza tagħhom biss u bil-kunsens tagħhom u dak tal-Istati involuti biss. Il-Protokoll Addizzjonali għal dik il-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997, li jippermetti trasferiment mingħajr il-kunsens tal-persuna, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, ma ġiex ratifikat mill-Istati Membri kollha. L-ebda strument ma jimponi xi dmir bażiku li jiġu aċċettati persuni ssentenzjati għall-infurzar ta' piena jew ta' ordni.

(5) Id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali huma element kruċjali sabiex tiġi żgurata kunfidenza reċiproka fost l-Istati Membri f'kooperazzjoni ġudizzjarja. Ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, li huma karatterizzati minn fiduċja reċiproka speċjali fis-sistemi ġuridiċi ta' Stati Membri oħrajn, jippermettu r-rikonoxximent mill-Istat ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet tal-Istat emittenti. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat żvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni previst fl-istrumenti tal-Kunsill tal-Ewropa li jikkonċernaw l-infurzar ta' sentenzi kriminali, b'mod partikolari fejn ċittadini tal-Unjoni kienu s-suġġett ta' sentenza kriminali u kienu ssentenzjati għal piena ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà fi Stat Membru ieħor. Minkejja l-ħtieġa li l-persuna ssentenzjata tkun provduta b'salvagwardji xierqa, l-involviment tagħha fil-proċedimenti m'għandux jibqa' dominanti billi jkun jeħtieġ fil-każijiet kollha l-kunsens tagħha sabiex sentenza tiġi trażmessa lil Stat Membru ieħor bl-għan tar-rikonoxximent tagħha u tal-infurzar tal-piena imposta.

[1] ĠU C 12, 15.1.2001, p. 10
[2] ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

(6) Din id-Deċiżjoni Qafas jenħtieġ li tkun implimentata u applikata b'mod li tippermetti li l-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza, ta' ġustizzja u ta' raġonevolezza jiġu rrispettati.

(7) L-Artikolu 4(1)(c) fih dispożizzjoni diskrezzjonali li tippermetti li s-sentenza u ċ-ċertifikat jiġu trażmessi, pereżempju, lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna ssentenzjata, f'każijiet barra minn dawk previsti fil-paragrafi 1(a) u (b), jew lill-Istat Membru fejn il-persuna ssentenzjata tgħix u kienet kontinwament residenti legalment għal mill-anqas ħames snin u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza hemm.

(8) Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)(c) it-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' eżekuzzjoni hija soġġetta għall-konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati emittenti u ta' eżekuzzjoni, u l-kunsens tal-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont ta' elementi bħal, pereżempju, id-dewmien tar-residenza jew rabtiet oħra mal-Istat ta' eżekuzzjoni. F'każijiet fejn il-persuna ssentenzjata tista' tiġi trasferita lejn Stat Membru jew lejn pajjiż terz skont il-liġi nazzjonali jew strumenti internazzjonali, l-awtorità tal-Istati emittenti u ta' eżekuzzjoni għandha, b'konsultazzjoni, tikkunsidra jekk l-infurzar fl-Istat ta' eżekuzzjoni jsaħħaħx l-għan tar-riabilitazzjoni soċjali aħjar milli l-infurzar fil-pajjiż terz.

(9) L-infurzar tal-piena fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jsaħħaħ il-possibbiltà ta' riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata. Fil-kuntest li jkun sodisfatt li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' eżekuzzjoni jaqdi l-iskop li tiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tieħu kont ta' elementi bħal, pereżempju, ir-rabta tal-persuna mal-Istat ta' eżekuzzjoni, jekk hi tikkonsidrahx bħala l-post b'rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi u rabtiet oħrajn mal-Istat ta' eżekuzzjoni.

(10) L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata msemmija fl-Artikolu 6(3) tista' tkun utli l-aktar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4 (4). Il-kliem "partikolarment" huma maħsuba biex jiġu koperti wkoll każijiet fejn l-opinjoni tal-persuna ssentenzjata tkun tinkludi informazzjoni li tista' tkun ta' rilevanza fir-rigward tar-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew għal nuqqas ta' infurzar. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4(4) u 6(3) ma jikkostitwixxux raġuni għar-rifjut relatat mar-riabilitazzjoni soċjali.

(11) Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Polonja għandha bżonn iktar żmien mill-Istati Membri l-oħra sabiex tiffaċċja l-konsegwenzi prattiċi u materjali tat-trasferiment ta' ċittadini Pollakki ssentenzjati fi Stati Membri oħra, speċjalment fid-dawl ta' mobbiltà akbar ta' ċittadini Pollakki fi ħdan l-Unjoni. Għal dik ir-raġuni, għandha tiġi prevista deroga temporanja b' kamp ta' applikazzjoni limitat għal perjodu massimu ta' ħames snin.

(12) Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika wkoll, *mutatis mutandis*, għall-infurzar ta' pieni fil-każijiet taħt l-Artikoli 4 (6) u 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u għall-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri ([3]). Dan ifisser *inter alia* illi, mingħajr preġudizzju għal dik id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jista' jivverifika l-eżistenza ta' raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew għal nuqqas ta' infurzar kif previst fl-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, inkluża l-verifika ta' kriminalità doppja sal-punt li l-Istat ta' eżekuzzjoni jagħmel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7(4) ta' din id-Deċiżjoni Qafas, bħala kundizzjoni sabiex jirrikonoxxi u jinforza s-sentenza bil-ħsieb li jikkunsidra jekk jikkonsenjax il-persuna jew jinforzax il-piena f'każijiet skont l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI.

(13) Din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitolu VI tagħha. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas m'għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi rifjut għal eżekuzzjoni ta' deċiżjoni fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi sabiex wieħed jemmen li l-piena ġiet imposta bl-għan li tikkastiga persuna minħabba s-sess, ir-razza, ir-reliġjon, l-oriġini etnika, in-nazzjonalità, il-lingwa, l-opinjonijiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha, jew li l-pożizzjoni ta' dik il-persuna tista' tiġi preġudikata għal kwalunkwe minn dawn ir-raġunijiet.

(14) Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex twaqqaf lil xi Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu dwar proċess ġust, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-istampa u l-libertà ta' espressjoni f'midja oħra.

(15) Din id-Deċiżjoni Qafas jenħtieġ li tiġi applikata b'mod konformi mad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċirkolaw u jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri mogħti permezz tal-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

([3]) ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

(16) Din id-Deċiżjoni Qafas jenħtieġ li tiġi applikata b'mod konformi mad-dritt Komunitarju applikabbli, inklużi b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE ([4]), id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE ([5]) u id-Direttiva 2004/38/KE ([6]).

(17) Meta f'din id-Deċiżjoni Qafas ssir referenza għall-Istat fejn il-persuna ssentenzjata "tgħix", dan jindika l-post li miegħu l-persuna hija marbuta abbażi ta' residenza abitwali u elementi bħal irbit familjari, soċjali u professjonali.

(18) Fl-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1), għandu jkun possibbli li sentenza jew kopja ċċertifikata tagħha u ċertifikat jiġu trażmessi lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub, pereżempju posta elettronika u fax, taħt kundizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità.

(19) F'każijiet imsemmija fl-Artikolu 9(1)(k), l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jikkunsidra l-possibbiltà li l-piena tiġi adattata skont din id-Deċiżjoni Qafas qabel ma jirrifjuta milli jirrikonoxxi u jeżegwixxi l-piena li tinvolvi miżura oħra minbarra piena ta' kustodja.

(20) Ir-raġuni għar-rifjut prevista fl-Artikolu 9(1)(k) tista' tiġi applikata wkoll f'każijiet fejn il-persuna ma nstabitx ħatja ta' reat kriminali għalkemm l-awtorità kompetenti applikat il-miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li mhix piena ta' kustodja bħala konsegwenza ta' reat kriminali.

(21) Ir-raġuni għal rifjut fir-rigward tat-territorjalità jenħtieġ li tiġi applikata biss f'każijiet eċċezzjonali u bil-ħsieb tal-kooperazzjoni sal-akbar punt possibbli taħt id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas, b'kont meħud tal-għan tagħha. Kwalunkwe deċiżjoni sabiex tiġi applikata din ir-raġuni għal rifjut, għandha tkun ibbażata fuq analiżi ta' każ b'każ u konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati emittenti u ta' eżekuzzjoni.

(22) It-terminu msemmi fl-Artikolu 12(2) għandu jiġi implimentat mill-Istati Membri b'mod li bħala regola ġenerali, id-deċiżjoni finali, inkluża proċedura ta' appell, tkun tlestiet fi żmien perjodu ta' 90 jum.

(23) L-Artikolu 18(1) jiddikjara li, soġġett għall-eċċezzjonijiet elenkati fil-paragrafu 2, ir-regola ta' speċjalità tapplika biss meta l-persuna tkun ġiet ittrasferita lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni. Għalhekk m'għandhiex tkun applikabbli fejn il-persuna ma tkunx ġiet ittrasferita lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni, pereżempju fejn il-persuna ħarbet lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI QAFAS:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Tifsiriet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas:

(a) "sentenza" għandha tfisser deċiżjoni finali jew ordni tal-qorti tal-Istat emittenti li timponi piena fuq persuna fiżika;

(b) "piena" għandha tfisser kwalunkwe piena ta' kustodja jew kwalunkwe miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà imposta għal perjodu ta' żmien limitat jew mhux limitat minħabba reat kriminali abbażi ta' proċedimenti kriminali;

([4]) ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12.
([5]) ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.
([6]) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

(c) "Stat emittenti" għandha tfisser l-Istat Membru li fih tkun inqatgħet sentenza;

(d) "Stat ta' eżekuzzjoni" għandha tfisser l-Istat Membru li tiġi trażmessa lilu sentenza għall-fini tar-rikonoxximent u tal-infurzar tagħha.

*Artikolu 2*

**Determinazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet, taħt il-liġi nazzjonali tiegħu, huma kompetenti skont din id-Deċiżjoni Qafas, meta dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li jirċievi disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

**Skop u ambitu**

1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa li tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata, għandu jirrikonoxxi sentenza u jinforza l-piena.

2. Din id-Deċiżjoni Qafas hija applikabbli fejn il-persuna ssentenzjata tinsab fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta' sentenzi u għall-infurzar ta' pieni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Deċiżjoni Qafas. Il-fatt li, flimkien mal-piena, tiġi imposta multa u/jew ordni ta' konfiska, li ma tkunx għadha tħallset, ġiet rkuprata jew infurzata, m'għandux iwaqqaf sentenza milli tiġi trażmessa. Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' tali multi u ordnijiet ta' konfiska fi Stat Membru ieħor għandhom ikunu bbażati fuq l-istrumenti applikabbli bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal penali finanzjarji ([7]) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska ([8]).

4. Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandux ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali u lejn il-prinċipji legali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU II

**RIKONOXXIMENT TA' SENTENZI U INFURZAR TA' PIENI**

*Artikolu 4*

**Kriterji għat-trażmissjoni ta' sentenza u ta' ċertifikat lil Stat Membru ieħor**

1. Dment li l-persuna ssentenzjata fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' eżekuzzjoni, u dment li l-persuna tat il-kunsens tagħha fejn meħtieġ taħt l-Artikolu 6, sentenza, flimkien ma' ċertifikat li tiegħu tingħata l-formula standard fl-Anness I, jista' jintbagħat lil wieħed mill-Istati Membri li ġejjin:

(a) l-Istat Membru taċ-ċittadinanza tal-persuna ssentenzjata fejn hija tgħix; jew

(b) l-Istat Membru taċ-ċittadinanza, li għalih, filwaqt li mhuwiex l-Istat Membru fejn hi tgħix, il-persuna ssentenzjata ser tkun deportata, ladarba hija tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra li tirriżulta mis-sentenza; jew

([7]) ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16.
([8]) ĠU L 328, 24.11.2006, p. 59.

(c) kwalunkwe Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru imsemmi f'(a) jew (b), li l-awtorità kompetenti tiegħu tagħti kunsens biex is-sentenza u ċ-ċertifikat jiġu trażmessi lil dak l-Istat Membru.

2. It-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat tista' ssir meta l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, fejn xieraq, wara konsultazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u ta' dak ta' eżekuzzjoni, ikunu sodisfatti li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' eżekuzzjoni jkun jaqdi l-għan li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata.

3. Qabel it-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat, l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti tista' tikkonsulta, bi kwalunkwe mezz xieraq, mal-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Il-konsultazzjoni għandha tkun obbligatorja fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1(c). F'tali każijiet l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma minnufih lill-Istat emittenti bid-deċiżjoni tagħha jekk tagħtix kunsens jew le għat-trażmissjoni tas-sentenza.

4. Waqt tali konsultazzjoni l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tippreżenta lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti opinjoni motivata li l-infurzar tal-piena fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma jilħaqx l-għan li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali u r-riintegrazzjoni fis-soċjetà b'suċċess tal-persuna ssentenzjata.

Fejn ma tkunx saret konsultazzjoni, tali opinjoni tista' tiġi ppreżentata mingħajr dewmien wara t-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tikkonsidra tali opinjoni u tiddeċiedi jekk tirtirax iċ-ċertifikat jew le.

5. L-Istat ta' eżekuzzjoni jista', fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jitlob lill-Istat emittenti sabiex jittrażmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat. Il-persuna ssentenzjata tista' wkoll titlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti jew tal-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex tinbeda proċedura għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat skont din id-Deċiżjoni Qafas. Talbiet magħmula taħt dan il-paragrafu m'għandhomx joħolqu obbligu tal-Istat emittenti biex jittrażmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat.

6. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri li b'mod partikolari jieħdu kont tal-għan li tiġi ffaċilitata r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna ssentenzjata u li għandhom jikkostitwixxu l-bażi għall-awtoritajiet kompetenti tagħhom sabiex jiddeċiedu jekk jagħtux kunsens jew le għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat f'każijiet skont il-paragrafu(1)(c).

7. Kwalunkwe Stat Membru jista', jew fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew aktar tard, jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu mal-Istati Membri l-oħra li jkunu taw l-istess ġustifikazzjoni, il-kunsens tiegħu minn qabel taħt il-paragrafu 1(c) mhuwiex meħtieġ għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat:

(a) jekk il-persuna ssentenzjata tgħix u kienet kontinwament tirrisjedi legalment għal mill-inqas ħames snin fl-Istat ta' eżekuzzjoni u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza f'dak l-Istat, u/jew

(b) jekk il-persuna ssentenzjata hija ċittadin tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'każijiet barra dawk previsti mill-paragrafu 1(a) u (b).

Fil-każijiet imsemmijin f'punt (a), id-dritt permanenti ta' residenza għandu jfisser li l-persuna konċernata:

— għandha d-dritt ta' residenza permanenti fl-Istat Membru rispettiv skont il-liġi nazzjonali li timplimenta l-leġislazzjoni Komunitarja adottata abbażi tal-Artikoli 18, 40, 44 u 52 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew

— tippossjedi permess ta' residenza validu, bħala resident permanenti jew fit-tul, għall-Istat Membru rispettiv, skont il-liġi nazzjonali li timplimenta l-leġiżlazzjoni Komunitarja adottata abbażi tal-Artikolu 63 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fir-rigward tal-Istati Membri li għalihom hija applikabbli tali leġiżlazzjoni Komunitarja, jew skont il-liġi nazzjonali, fir-rigward tal-Istati Membri li għalihom mhix applikabbli.

*Artikolu 5*

**Trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat**

1. Is-sentenza jew kopja ċċertifikata tiegħu, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu, mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni permezz ta' kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kundizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tiegħu. L-oriġinal tas-sentenza, jew kopja ċċertifikata tiegħu, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' eżekuzzjoni jekk dan jitlob hekk. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmijin.

2. Iċ-ċertifikat għandu jiġi ffirmat, u l-kontenut tiegħu ċċertifikat bħala preċiż, mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti.

3. L-Istat emittenti għandu jibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lil Stat ta' eżekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe mument determinat.

4. Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma tafx biha l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, din tal-aħħar għandha tagħmel l-aċċertamenti kollha meħtieġa, inkluż permezz tal-punti ta' Kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew stabbilit mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/428/ĠAI ([9]), sabiex tikseb l-informazzjoni mingħand l-Istat ta' eżekuzzjoni.

5. Meta awtorità tal-Istat ta' eżekuzzjoni li tirċievi sentenza flimkien ma' ċertifikat ma jkollhiex il-kompetenza li tirrikonoxxiha u tieħu l-miżuri meħtieġa għall-infurzar tiegħu, hija għandha, *ex officio*, tibgħat is-sentenza flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni u tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti kif meħtieġ.

*Artikolu 6*

**Opinjoni u notifika tal-persuna ssentenzjata**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, sentenza flimkien ma' ċertifikat tista' tintbagħat biss lill-Istat ta' eżekuzzjoni għall-fini tar-rikonoxximent tagħha u tal-infurzar tal-piena bil-kunsens tal-persuna ssentenzjata skont il-liġi tal-Istat emittenti.

2. Il-kunsens tal-persuna ssentenzjata m'għandux jenħtieġ meta tiġi ttrasferita s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat:

(a) lill-Istat Membru taċ-ċittadinanza fejn tgħix il-persuna ssentenzjata;

(b) lill-Istat Membru fejn il-persuna ssentenzjata se tkun deportata ladarba hija tkun rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' espulsjoni jew ta' deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra li tirriżulta mis-sentenza;

(c) lill-Istat Membru fejn il-persuna ħarbet jew marret lura b'xi mod ieħor minħabba l-proċedimenti kriminali pendenti kontriha fl-Istat emittenti jew wara kundanna f'dak l-Istat emittenti.

3. Fil-każijiet kollha fejn il-persuna tkun għadha fl-Istat emittenti, il-persuna għandha tingħata opportunità li tiddikjara l-opinjoni tagħha oralment jew bil-miktub. Meta l-Istat emittenti jikkunsidra li dan huwa meħtieġ fid-dawl tal-età tal-persuna ssentenzjata jew il-kundizzjoni fiżika jew mentali tagħha, dik l-opportunità għandha tingħata lir-rappreżentant legali tagħha.

Għandu jittieħed kont tal-opinjoni tal-persuna ssentenzjata meta tkun qed tiġi deċiża l-kwistjoni tat-trasferiment tas-sentenza flimkien maċ-ċertifikat. Fejn il-persuna tkun għamlet użu mill-opportunità provduta f'dan il-paragrafu, l-opinjoni tal-persuna ssentenzjata għandha tiġi trażmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni, partikolarment bil-ħsieb tal-Artikolu 4(4). Jekk il-persuna tkun iddikjarat l-opinjoni tagħha oralment, l-Istat emittenti għandu jiżgura li r-rekord bil-miktub ta' tali dikjarazzjoni hija disponibbli fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tinforma lill-persuna ssentenzjata, f'lingwa li hija tifhem, li hija ddeċidiet li tittrażmetti s-sentenza flimkien maċ-ċertifikat bl-użu tal-formola standard ta' notifika stipulata fl-Anness II. Meta l-persuna ssentenzjata tkun fl-Istat ta' eżekuzzjoni fil-ħin ta' dik id-deċiżjoni, dik il-formola għandha tiġi trażmessa lill-Istat ta' eżekuzzjoni li għandu jinforma lill-persuna ssentenzjata kif meħtieġ.

5. Il-paragrafu 2(a) m'għandux japplika għall-Polonja bħala Stat emittenti u bħala Stat ta' eżekuzzjoni fejn is-sentenza tkun ħarġet qabel ma jkunu għaddew ħames snin mill-5 ta' Diċembru 2011. Il-Polonja tista' fi kwalunkwe ħin tinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li mhijiex ser tagħmel użu aktar minn din id-deroga.

([9]) ĠU L 191, 7.7.1998, p. 4.

*Artikolu 7*

**Kriminalità doppja**

1. Ir-reati li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat emittenti b'piena ta' kustodja jew b'miżura li tinvolvi ċaħda tal-libertà għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin, u skont kif inhuma definiti bil-liġi tal-Istat emittenti, għandhom, taħt it-termini ta' din id-Deċiżjoni Qafas u mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-att, iwasslu għal rikonoxximent tas-sentenza u għall-infurzar tal-piena imposta:

— parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,

— terroriżmu,

— traffikar ta' bnedmin,

— sfruttament sesswali tat-tfal u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal,

— traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u fis-sustanzi psikotropiċi,

— traffikar illeċitu fl-armi, munizzjon u splussivi,

— korruzzjoni,

— frodi, inkluża dik li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fit-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([10])

— laundering tar-rikavati minn kriminalità,

— falsifikazzjoni ta' flus, inkluż tal-euro,

— reati konnessi mal-informatika,

— reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċi ta' annimali fil-periklu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu,

— faċilitazzjoni ta' dħul u ta' residenza mhux awtorizzati,

— qtil, offiżi gravi fuq il-persuna,

— kummerċ illeċitu ta' organi u ta' tessuti umani,

— ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi,

— razziżmu u ksenofobija,

— serq organizzat jew bl-użu ta' armi,

— traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,

— imbrolju,

— rikattar organizzat u estorsjoni,

— falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,

— falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom,

— falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,

— traffikar illeċitu f'sustanzi ormonali u ta' promoturi oħrajn ta' tkabbir,

— traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi,

— traffikar ta' vetturi misruqa,

— stupru,

— ħruq doluż,

— reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti,

— sabotaġġ.

2. Il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew taħt il-kundizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiddeċiedi fi kwalunkwe waqt li jżid kategoriji oħrajn ta' reati mal-lista elenkata fil-paragrafu 1. Il-Kunsill għandu jeżamina, fid-dawl tar-rapport sottomess lilu skont l-Artikolu 29(5) ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata.

([10]) ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

3. Għal reati oħra barra dawk koperti mill-paragrafu 1, l-Istat ta' eżekuzzjoni jista' jagħmel ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena soġġetti għall-kundizzjoni li huwa jirrelata ma' atti li wkoll jikkostitwixxu reat skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostitwenti tiegħu jew mid-deskrizzjoni tiegħu.

4. Kull Stat Membru jista', fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew wara, b'dikjarazzjoni nnotifikata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, jiddikjara li mhuwiex se japplika l-paragrafu 1. Tali dikjarazzjoni tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin. Tali dikjarazzjonijiet jew irtirar ta' dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea."

*Artikolu 8*

**Rikonoxximent tas-sentenza u infurzar tal-piena**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tirrikonoxxi s-sentenza li tkun ġiet trażmessa skont l-Artikolu 3a u waqt li tiġi segwita l-proċedura taħt l-Artikolu 5, u għandha minnufih tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għall-infurzar tal-piena, sakemm ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew nuqqas ta' infurzar previsti fl-Artikolu 9.

2. Fejn il-piena tkun inkompatibbli mal-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni fir-rigward tat-tul tagħha, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni tista' tiddeċiedi li tadatta l-piena biss fejn dik il-piena taqbeż il-piena massima prevista għal reati simili taħt il-liġi nazzjonali tiegħu. Il-piena adattata m'għandhiex tkun anqas mill-piena massima prevista għal reati simili skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

3. Meta l-piena tkun inkompatibbli mal-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'termini tan-natura tagħha, l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tadattaha għall-piena jew għall-miżura prevista mil-liġi tagħha stess għal reati simili. Tali piena jew miżura għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun possibbli għall-piena imposta fl-Istat emittenti u, għalhekk, il-piena m'għandhiex tiġi konvertita f'piena pekunarja.

4. Il-piena adattata m'għandhiex taggrava l-piena li ngħatat fl-Istat emittenti fin-natura jew fit-tul tagħha.

*Artikolu 9*

**Raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent jew għal nuqqas ta' infurzar**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta milli tirrikonoxxi s-sentenza u li tinfurza l-piena, jekk:

(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4 mhuwiex komplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza u ma kienx kompletat jew ikkorreġut fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni;

(b) il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ma jiġux issodisfati;

(c) l-infurzar tal-piena jkun kuntrarju għall-prinċipju ta' *ne bis in idem*;

(d) f'każ imsemmi fl-Artikolu 7(3) u, fejn l-Istat ta' eżekuzzjoni jkun għamel dikjarazzjoni skont l-Artikolu 7(4), f'każ imsemmi fl-Artikolu 7(1), is-sentenza tkun relatata ma' atti li ma jkunux jikkostitwixxu reat skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Madankollu, fir-rigward ta' taxxi jew ta' dazji, ta' dazji doganali u ta' skambju, l-eżekuzzjoni ta' sentenza m'għandhiex tkun irrifjutata minħabba r-raġuni li l-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma timponix l-istess tip ta' taxxa jew ta' dazji jew ma fihiex l-istess tip ta' regoli fir-rigward ta' regolamenti dwar it-taxxi, id-dazji, id-dazji doganali u l-iskambju bħal-liġi tal-Istat emittenti;

(e) l-infurzar tal-piena jiġi preskritt skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni;

(f) hemm immunità skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, li tagħmel l-infurzar tal-piena impossibbli;

(g) il-piena ġiet imposta fuq persuna li, skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni, minħabba l-età tagħha, ma setgħetx tinżamm kriminalment responsabbli għall-atti li fuqhom inqatgħet is-sentenza;

(h) fil-mument li fih l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni rċeviet is-sentenza, ikunu għadhom iridu jiġu skontati anqas minn sitt xhur tas-sentenza;

(i) skont iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 4, il-persuna ma dehritx personalment fil-kawża li twassal għad-deċiżjoni, sakemm iċ-ċertifikat ma jiddikjarax li l-persuna, skont ħtiġijiet proċedurali ulterjuri definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istat emittenti:

(i) fi żmien debitu:

— jew tħarrket personalment u għaldaqstant kienet infurmata bid-data u bil-post tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni, jew b'mezzi oħra fil-fatt irċiviet informazzjoni uffiċjali dwar id-data u l-post skedati ta' dak il-proċess b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-proċess skedat,

u

— kienet infurmata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hija ma tidhirx fil-proċess;

jew

(ii) konxja mill-proċess skedat kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, biex jiddefendiha fil-proċess, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċess;

jew

(iii) wara li kienet innotifikata bid-deċiżjoni u kienet infurmata b'mod espliċitu bid-dritt ta' proċess ġdid, jew appell, li fih il-persuna għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu sabiex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali:

— iddikjarat espressament li hija ma tikkontestax id-deċiżjoni;

jew

— ma talbitx proċess ġdid jew appell fil-perjodu ta' żmien applikabbli.

(j) l-Istat ta' eżekuzzjoni, qabel ma tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 12(1), jagħmel talba, skont l-Artikolu 18(3), u l-Istat emittenti ma jagħtix kunsens, skont l-Artikolu 18(2)(g), lill-persuna kkonċernata li tkun is-suġġett tal-prosekuzzjoni, tas-sentenzjar jew b'xi mod ieħor imċaħħda mil-libertà tagħha fl-Istat ta' eżekuzzjoni għal reat li twettaq qabel it-trasferiment minbarra dak li għalih il-persuna ġiet ittrasferita;

(k) il-piena imposta tinkludi miżura ta' kura psikjatrika jew tas-saħħa jew miżura oħra li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, li, minkejja l-Artikolu 8(3), ma tistax tiġi eżegwita mill-Istat ta' eżekuzzjoni skont is-sistema ġuridika jew is-sistema tal-kura tas-saħħa tiegħu;

(l) is-sentenza tkun relatata ma' reati kriminali li skont il-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni huma meqjusa bħala li twettqu kollha kemm huma jew f'parti kbira jew essenzjali minnhom fit-territorju tiegħu, jew f'post ekwivalenti għat-territorju tiegħu.

2. Kwalunkwe deċiżjoni taħt il-paragrafu 1(l) fir-rigward ta' reati mwettqa parzjalment fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, jew f'post ekwivalenti għat-territorju tiegħu, għandha tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni f'każijiet eċċezzjonali u fuq bażi ta' każ b'każ, b'kunsiderazzjoni għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ u partikolarment għal jekk parti ewlenija jew essenzjali tal-imġiba inkwistjoni seħħitx fl-Istat emittenti.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b), (c), (i) (k) u (l), qabel ma jiġi deċiż li ma tiġix rikonoxxuta s-sentenza u infurzata l-piena, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz xieraq, u għandha, fejn ikun il-każ, titlobha tipprovdi mingħajr dewmien mhux meħtieġ kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

*Artikolu 10*

**Rikonoxximent u infurzar parzjali**

1. Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tista' tikkonsidra r-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena f'parti minnha, qabel tiddeċiedi li tirrifjuta r-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena sħiħa, hija tista' tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bil-ħsieb li jinstab ftehim, kif previst fil-paragrafu 2.

2. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat emittenti u f'dak ta' eżekuzzjoni jistgħu jaqblu, każ b'każ, li jkun hemm rikonoxximent u infurzar parzjali ta' piena skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minnhom, dment li tali rikonoxximent u infurzar ma jirriżultawx f'aggravazzjoni tat-tul tal-piena. Fin-nuqqas ta' tali ftehim, iċ-ċertifikat għandu jiġi rtirat.

*Artikolu 11*

**Posponiment tar-rikonoxximent tas-sentenza**

Ir-rikonoxximent tas-sentenza jista' jkun pospost fl-Istat ta' eżekuzzjoni fejn iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5 ikun inkomplet jew b'mod ċar ma jaqbilx mas-sentenza, sakemm tali skadenza raġonevoli stabbilita mill-Istat ta' eżekuzzjoni għaċ-ċertifikat ikun kompletat jew ikkorreġut.

*Artikolu 12*

**Deċiżjoni dwar l-infurzar tal-piena u l-limiti ta' żmien**

1. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tiddeċiedi malajr kemm jista' jkun jekk tirrikonoxxix is-sentenza u tinforzax il-piena u għandha tinforma lill-Istat emittenti dwar dan, inkluż dwar kwalunkwe deċiżjoni li tadatta l-piena skont l-Artikolu 8(2) u (3).

2. Sakemm ma teżistix raġuni għal posponiment skont l-Artikolu 11 jew l-Artikolu 23(3), id-deċiżjoni finali dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena għandha tittieħed f'perjodu ta' 90 jum mir-riċevuta tas-sentenza u taċ-ċertifikat.

3. Meta f'każijiet eċċezzjonali ma jkunx prattikabbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni li taderixxi mal-perijodu previst fil-paragrafu 2, għandha mingħajr dewmien tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bi kwalunkwe mezz, u tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u stima taż-żmien meħtieġ għat-teħid tad-deċiżjoni finali.

*Artikolu 13*

**Irtirar taċ-ċertifikat**

Sakemm l-infurzar tal-piena fl-Istat ta' eżekuzzjoni ma jkunx beda, l-Istat emittenti jista' jirtira ċ-ċertifikat minn dak l-Istat, billi jagħti r-raġunijiet għal dan. Malli ċ-ċertifikat jiġi rtirat, l-Istat ta' eżekuzzjoni m'għandux jibqa' jinforza l-piena.

*Artikolu 14*

**Arrest proviżorju**

Fejn il-persuna ssentenzjata tinsab fl-Istat ta' eżekuzzjoni, l-Istat ta' eżekuzzjoni jista', fuq talba tal-Istat emittenti, qabel il-wasla tas-sentenza u taċ-ċertifikat, jew qabel id-deċiżjoni sabiex tiġi rikonoxxuta s-sentenza u sabiex tiġi infurzata l-piena, jarresta lill-persuna ssentenzjata, jew jieħu kwalunkwe miżura oħra biex jiżgura li l-persuna ssentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm tittieħed deċiżjoni sabiex is-sentenza tiġi rikonoxxuta u l-piena tiġi infurzata. Id-dewmien tal-piena m'għandiex tkun aggravata bħala riżultat ta' kwalunkwe perjodu mqatta' f'kustodja bħala raġuni ta' din id-dispożizzjoni.

*Artikolu 15*

**Trasferiment ta' persuni ssentenzjati**

1. Jekk il-persuna ssentenzjata tinsab fl-Istat emittenti, hija għandha tiġi ttrasferita għall-Istat ta' eżekuzzjoni fi żmien miftiehem bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u dak ta' eżekuzzjoni, u mhux aktar tard minn 30 jum wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni finali tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena.

2. Jekk it-trasferiment tal-persuna ssentenzjata fil-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1 ikun impedit minn ċirkustanzi imprevedibbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u ta' dak ta' eżekuzzjoni għandhom jikkuntattjaw lil xulxin minnufih. It-trasferiment għandu jseħħ hekk kif dawn iċ-ċirkustanzi ma jibqgħux jeżistu. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni u taqbel dwar data ġdida ta' trasferiment. F'dak il-każ, it-trasferiment għandu jseħħ fi żmien 10 ijiem mid-data ġdida hekk miftiehma.

*Artikolu 16*

**Tranżitu**

1. Kull Stat Membru għandu, skont il-liġi tiegħu, jippermetti t-tranżitu mit-territorju tiegħu ta' persuna ssentenzjata li tkun qed tiġi ttrasferita għall-Istat ta' eżekuzzjoni, dment li jiġu trażmessi lilu mill-Istat emittenti kopja taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4 flimkien mat-talba ta' tranżitu. It-talba ta' tranżitu u ċ-ċertifikat jistgħu jiġu trażmessi bi kwalunkwe mezz li jipproduċi rekord bil-miktub. Fuq talba tal-Istat Membru sabiex jawtorizza t-tranżitu, l-Istat emittenti għandu jipprovdi traduzzjoni taċ-ċertifikat f'waħda mil-lingwi, li għandha tiġi indikata fit-talba, li l-Istat Membru li jkun intalab jippermetti t-tranżitu jaċċetta.

2. Meta jirċievi talba sabiex jawtorizza tranżitu, l-Istat Membru mitlub sabiex jawtorizza t-tranżitu għandu jinforma lill-Istat emittenti jekk ma jistax jiggarantixxi li mhux ser issir prosekuzzjoni kontra l-persuna ssentenzjata, jew, ħlief kif previst fil-paragrafu 1, miżmuma jew soġġetta b'xi mod ieħor għal kwalunkwe restrizzjoni tal-libertà tagħha fit-territorju tiegħu għal kwalunkwe reat imwettaq jew piena imposta qabel it-tluq tagħha mit-territorju tal-Istat emittenti. F'tali każ l-Istat emittenti jista' jirtira t-talba tiegħu.

3. L-Istat Membru mitlub sabiex jippermetti t-tranżitu għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu, li għandha tittieħed abbażi ta' prijorità u mhux aktar tard minn ġimgħa wara li jkun irċieva t-talba, bl-istess proċedura. Tali deċiżjoni tista' tiġi posposta sakemm tiġi trażmessa t-traduzzjoni lill-Istat Membru mitlub biex jippermetti t-tranżitu, fejn tali traduzzjoni hija meħtieġa taħt il-paragrafu 1.

4. L-Istat Membru mitlub jawtorizza t-tranżitu jista' jżomm lill-persuna ssentenzjata f'kustodja biss għaż-żmien meħtieġ għat-tranżitu mit-territorju tiegħu.

5. M'għandhiex tkun meħtieġa talba ta' tranżitu fil-każ ta' trasport bl-ajru mingħajr waqfa skedata. Madankollu, fil-każ ta' nżul mhux skedat, l-Istat emittenti għandu jipprovdi l-informazzjoni prevista fil-paragrafu 1 fi żmien 72 siegħa.

*Artikolu 17*

**Il-liġi li tirregola l-infurzar**

1. L-infurzar ta' piena għandu jkun irregolat bil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni. L-awtoritajiet tal-Istat ta' eżekuzzjoni waħedhom għandhom, soġġetti għall-paragrafi 2, u 3, ikunu kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u sabiex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati miegħu, inklużi r-raġunijiet għal rilaxx bikri jew għal libertà kondizzjonali.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tnaqqas il-perjodu kollu ta' ċaħda tal-libertà diġà skontata b'konnessjoni mal-piena li fir-rigward tagħha nqatgħet is-sentenza mit-tul ta' żmien totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha, fuq talba, tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti dwar id-dispożizzjonijiet applikabbli għal rilaxx bikri jew għal libertà kondizzjonali. L-Istat emittenti jista' jaqbel mal-applikazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet jew jista' jirtira ċ-ċertifikat.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li kwalunkwe deċiżjoni dwar rilaxx bikri jew libertà kondizzjonali tista' tieħu kont ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali indikati mill-Istat emittenti, li skont dawn il-persuna jkollha d-dritt għal rilaxx bikri jew għal libertà kondizzjonali f'mument speċifiku.

*Artikolu 18*

**Speċjalità**

1. Persuna ttrasferita lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni skont din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex tkun soġġetta għall-paragrafu 2, tgħaddi minn prosekuzzjoni, tiġi ssentenzjata jew imċaħhda mil-libertà tagħha b'xi mod ieħor għal reat li tkun wettqet qabel it-trasferiment tagħha u li ma jkunx dak li għalih ġiet ittrasferita.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-persuna minkejja li kellha l-opportunità tħalli t-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni ma għamlitx dan fi żmien 45 jum mil-liberazzjoni finali tagħha, jew marret lura f'dak it-territorju wara li telqitu;

(b) meta r-reat ma jkunx punibbli b'piena ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni;

(c) meta l-proċedimenti kriminali ma jagħtux lok għall-applikazzjoni ta' miżura ta' restrizzjoni tal-libertà personali;

(d) meta l-persuna tista' tkun suxxettibbli li teħel piena jew miżura li ma tinvolvix ċaħda tal-libertà, b'mod partikolari piena finanzjarja jew miżura minflok din, anki jekk il-piena jew il-miżura in lieu tista' toħloq restrizzjoni tal-libertà personali tagħha;

(e) meta l-persuna tat il-kunsens tagħha għat-trasferiment;

(f) meta l-persuna, wara t-trasferiment tagħha, irrinunzjat espressament għall-benefiċċju tar-regola ta' speċjalità fir-rigward ta' reati speċifiċi li seħħew qabel it-trasferiment tagħha. Ir-rinunzja għandha tingħata quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni u għandha tiġi rreġistrata skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat. Ir-rinunzja għandha titfassal b'tali mod li jkun magħmul ċar li l-persuna għamlitha volontarjament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak l-għan, il-persuna għandu jkollha d-dritt għal parir legali;

(g) għal każijiet minbarra dawk imsemmija taħt il-punti (a) sa (f), fejn l-Istat emittenti jagħti l-kunsens tiegħu f'konformità mal-paragrafu 3.

3. It-talba għall-kunsens għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, akkumpanjata bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI u bi traduzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 8 (2) tagħha. Il-kunsens għandu jingħata fejn hemm obbligu għal konsenja tal-persuna taħt dik id-Deċiżjoni Qafas. Id-deċiżjoni għandha tittieħed mhux aktar tard minn 30 jum wara r-riċevuta tat-talba. Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas, l-Istat ta' eżekuzzjoni għandu jagħti l-garanziji previsti fih.

*Artikolu 19*

**Amnestija, maħfra, eżami mill-ġdid ta' sentenza**

1. Amnestija jew maħfra tista' tingħata kemm mill-Istat emittenti kif ukoll mill-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. L-Istat emittenti biss jista' jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għal eżami mill-ġdid tas-sentenza li timponi l-piena li trid tiġi infurzata skont din id-Deċiżjoni Qafas.

*Artikolu 20*

**Informazzjoni mill-Istat emittenti**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li bħala riżultat tagħha l-piena tieqaf, milli tibqa' infurzabbli minnufih jew f'perjodu ta' żmien determinat.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha ttemm l-infurzar tal-piena hekk kif tiġi infurmata mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti dwar id-deċiżjoni jew il-miżura imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 21*

**Informazzjoni li għandha tingħata mill-Istat ta' eżekuzzjoni**

L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub:

(a) dwar it-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-awtorità kompetenti responsabbli mill-eżekuzzjoni tiegħu skont l-Artikolu 5(5);

(b) dwar il-fatt li fil-prattika huwa impossibbli li tiġi infurzata l-piena wara t-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' eżekuzzjoni, il-persuna ssentenzjata ma tistax tinstab fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni, f'liema każ ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu għall-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jinforza l-piena;

(c) dwar id-deċiżjoni finali sabiex tiġi rikonoxxuta s-sentenza u tiġi infurzata l-piena flimkien mad-data tad-deċiżjoni;

(d) dwar kwalunkwe deċiżjoni li ma tiġix rikonoxxuta s-sentenza skont l-Artikolu 9, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(e) dwar kwalunkwe deċiżjoni għall-adattament tas-sentenza skont l-Artikolu 8(2) jew (3), flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(f) dwar kwalunkwe deċiżjoni sabiex ma tiġix infurzata l-piena għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 19(1) flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni;

(g) dwar il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' libertà kondizzjonali, meta dan ikun indikat fiċ-ċertifikat mill-Istat emittenti;

(h) dwar il-ħarba tal-persuna ssentenzjata mill-kustodja;

(i) dwar l-infurzar tal-piena hekk kif tiġi kompletata.

*Artikolu 22*

**Konsegwenzi tat-trasferiment tal-persuna ssentenzjata**

1. Soġġett għall-paragrafu 2, l-Istat emittenti ma għandux jkompli bl-infurzar tal-piena ladarba jkun beda l-infurzar tagħha fl-Istat ta' eżekuzzjoni.

2. Id-dritt li tiġi infurzata l-piena għandu jerġa' jsir tal-Istat emittenti hekk kif jiġi infurmat mill-Istat ta' eżekuzzjoni dwar in-nuqqas ta' infurzar parzjali tal-piena skont l-Artikolu 21(h).

*Artikolu 23*

**Lingwi**

1. Iċ-ċertifikat għandu jiġi tradott fil-lingwa uffiċjali jew waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Kwalunkwe Stat Membru jista' fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew aktar tard, jistqarr permezz ta' dikjarazzjoni depożitata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li huwa ser jaċċetta traduzzjoni f'waħda jew iżjed mil-lingwi uffiċjali l-oħrajn tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

2. Soġġett għall-paragrafu 3, m'għandha tkun meħtieġa l-ebda traduzzjoni tas-sentenza.

3. Kwalunkwe Stat Membru jista', fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas jew aktar tard, f'dikjarazzjoni depożitata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jiddikjara, li huwa, bħala l-Istat ta' eżekuzzjoni, jista' mingħajr dewmien wara li jirċievi s-sentenza u ċ-ċertifikat, jitlob, fil-każ li jsib il-kontenut taċ-ċertifikat insuffiċjenti sabiex jiddeċiedi dwar l-infurzar tal-piena, li s-sentenza jew parti essenzjali minnha tkun akkumpanjata minn traduzzjoni għal-lingwa uffiċjali jew għal waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew għal waħda jew aktar lingwi uffiċjali oħra tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Tali talba għandha ssir, wara konsultazzjoni, fejn meħtieġ, sabiex jiġu indikati l-partijiet essenzjali tas-sentenzi li jridu jiġu tradotti, bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru emittenti u dak ta' eżekuzzjoni.

Id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u l-infurzar tal-piena tista' tiġi posposta sakemm ma tiġi trażmessa t-traduzzjoni mill-Istat emittenti lill-Istat ta' eżekuzzjoni jew, fejn l-Istat ta' eżekuzzjoni jiddeċiedi li jittraduċi s-sentenza bl-ispejjeż tiegħu, sakemm ma tinkiseb it-traduzzjoni.

*Artikolu 24*

**L-ispejjeż**

L-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jitħallsu mill-Istat ta' eżekuzzjoni, ħlief għall-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna ssentenzjata lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni u dawk li jirriżultaw esklussivament fit-territorju sovran tal-Istat emittenti.

*Artikolu 25*

**Infurzar ta' sentenzi wara mandat ta' arrest Ewropew**

Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom japplikaw, *mutatis mutandis* sal-punt li huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet taħt dik id-Deċiżjoni Qafas, għall-infurzar ta' pieni f'każijiet fejn Stat Membru jieħu r-responsabbiltà li jinforza s-sentenza f'każijiet skont l-Artikolu 4(6) ta' dik id-Deċiżjoni Qafas, jew fejn, waqt li jaġixxi taħt l-Artikolu 5(3) ta' dik id-Deċiżjoni Qafas, ikun impona l-kundizzjoni li l-persuna ssentenzjata trid tintbagħat lura biex tiskonta l-piena fl-Istat Membru kkonċernat, sabiex tiġi evitata l-impunità tal-persuna kkonċernata.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 26*

**Relazzjoni ma' ftehimiet u ma' arranġamenti oħrajn**

1. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tagħhom bejn l-Istati Membri u Stati terzi u l-applikazzjoni tranżitorja tagħhom skont l-Artikolu 28, din id-Deċiżjoni Qafas għandha, mill-5 ta' Diċembru 2011, tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet li ġejjin korrispondenti tal-konvenzjonijiet applikabbli fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri:

— Il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-trasferiment ta' persuni kkundannati tal-21 ta' Marzu 1983 u l-Protokoll Addizzjonali tagħha tat-18 ta' Diċembru 1997;

— Il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Validità Internazzjonali ta' Sentenzi Kriminali tat-28 ta' Mejju 1970;

— It-Titolu III, Kapitolu 5 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Konvenzjoni ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni;

— Il-Konvenzjoni bejn l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-Infurzar tas-Sentenzi Kriminali Barranin tat-13 ta' Novembru 1991.

2. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali li jkunu fis-seħħ wara is-27 ta' Novembru 2008, sakemm dawn jippermettu li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas jiġu estiżi jew imwessa' u jgħinu sabiex jiġu ssimplifikati jew aġevolati aktar il-proċeduri għall-infurzar tal-pieni.

3. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara l-5 ta' Diċembru 2008 sakemm tali ftehim jew arranġamenti jippermettu li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas jiġu estiżi jew imwessa' u jgħinu sabiex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar il-proċeduri għall-infurzar ta' pieni.

4. L-Istati Membri għandhom, sal-5 ta' Marzu 2009 jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi ftehim u b'arranġamenti eżistenti msemmija fil-paragrafu 2 li huma jixtieq━ jkomplu japplikaw. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid kif imsemmi fil-paragrafu 3, fi żmien tliet xhur minn meta dan jiġi ffirmat.

*Artikolu 27*

**Applikazzjoni territorjali**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għal Ġibiltà.

*Artikolu 28*

**Dispożizzjoni tranżizzjonali**

1. Talbiet riċevuti qabel il-5 ta' Diċembru 2011 għandhom jibqgħu jiġu rregolati skont l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni ssentenzjati. Talbiet li jaslu wara dik id-data għandhom jiġu rregolati minn regoli adottati mill-Istati Membri skont din id-Deċiżjoni Qafas.

2. Madankollu, kwalunkwe Stat Membru jista', fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jagħmel dikjarazzjoni li fiha jindika li, f'każijiet fejn is-sentenza finali tkun inqatgħet qabel id-data li huwa jispeċifika, bħala Stat emittenti u ta' eżekuzzjoni, huwa jkompli japplika l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni ssentenzjati applikabbli qabel il-5 ta' Diċembru 2011. Jekk issir tali dikjarazzjoni, dawk l-istrumenti għandhom japplikaw f'tali każijiet fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra kollha irrispettivament minn jekk ikunux għamlu l-istess dikjarazzjoni jew le. Id-data inkwistjoni ma tistax tkun aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2011. Id-dikjarazzjoni msemmija għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin.

*Artikolu 29*

**Implementazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas sal-5 ta' Diċembru 2011.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Qafas. Abbażi ta' rapport imfassal bl-użu ta' din l-informazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu, mhux aktar tard mill-5 ta' Diċembru 2012, jivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

3. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni bin-notifiki jew bid-dikjarazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 23(1) jew (3).

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 35(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Stat Membru li jkun esperjenza diffikultajiet ripetuti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 25 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, li ma jkunux ġew solvuti permezz ta' konsultazzjonijiet bilaterali, għandu jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bid-diffikultajiet tiegħu. Il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' din l-informazzjoni u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli għaliha, tistabbilixxi rapport, akkumpanjat minn kwalunkwe inizjattiva li tista' tqis adatta, bil-ħsieb li jiġu solvuti dawn id-diffikultajiet.

5. Sal-5 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport abbażi tal-informazzjoni riċevuta, akkumpanjat minn kwalunkwe inizjattivi li tista' tikkunsidra xierqa. Il-Kunsill għandu abbażi ta' kwalunkwe rapport mill-Kummissjoni u kwalunkwe inizjattiva, jirrevedi, b'mod partikolari l-Artikolu 25, bil-ħsieb tal-konsiderazzjoni jekk dan għandux jiġi ssostitwit b'dispożizzjonijiet aktar speċifiċi.

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*ANNESS II*

**ĊERTIFIKAT TA' TRASFERIMENT**

**ĊERTIFIKAT**

**li ssir referenza għalih fil-Art. 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea** ([1])

(a) * Stat Emittenti: ..............................

* Stat ta' Eżekuzzjoni: ..............................

(b) Il-qorti li tat is-sentenza li timponi l-piena li saret finali:

Isem uffiċjali: ..............................

Is-sentenza ngħatat fi (agħti d-data: jj/xx/ssss): ..............................

Is-sentenza saret finali fi (agħti d-data: jj/xx/ssss): ..............................

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni (jekk disponibbli): ..............................

(c) Informazzjoni relatata mal-awtorità li magħha jista' jsir kuntatt għal kwalunkwe mistoqsija relatata maċ-ċertifikat:

1. Tip ta' awtorità: Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti:

   ☐ Awtorità ċentrali ..............................

   ☐ Qorti ..............................

   ☐ Awtorità oħra ..............................

2. Dettalji ta' kuntatt tal-awtorità indikata taħt punt (c) 1:

   Isem uffiċjali: ..............................

   ..............................

   Indirizz ..............................

   ..............................

   Nru tat-Tel.: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ..............................

   Nru tal-Feks: (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/tal-belt) ..............................

   Indirizz tal-posta elettronika (jekk disponibbli): ..............................

3. Lingwi li bihom tista' ssir komunikazzjoni mal-awtorità:

4. Dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i li magħha/magħhom għandu jsir kuntatt biex tinkiseb informazzjoni addizzjonali għall-finijiet tal-infurzar tas-sentenza jew ta' ftehim dwar il-proċeduri ta' trasferiment (isem, titolu/grad, Nru tat-tel., Nru tal-fax, indirizz tal-posta elettronika), jekk differenti minn 2: ..............................

   ..............................

   ..............................

(d) Informazzjoni dwar il-persuna li fuqha ġiet imposta l-piena:

Kunjom: ..............................

Isem/Ismijiet: ..............................

Kunjom ta' xebba, fejn applikabbli: ..............................

Psewdonimi, fejn applikabbli: ..............................

([1]) "Dan iċ-ċertifikat għandu jinkiteb, jew tradott, f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membri li jeżegwixxi jew fi kwalunkwe lingwa oħra li tkun aċċettabbli għal dak l-Istat."

Sess: ..........................................................................................................

Nazzjonalità: ..........................................................................................................

Numru tal-identità jew numru tas-sigurtà soċjali (jekk disponibbli): ..........................................................................................................

Data tat-twelid: ..........................................................................................................

Post tat-twelid: ..........................................................................................................

L-aħħar indirizzi/reżidenzi magħrufa: ..........................................................................................................

Lingwa/i li l-persuna tifhem (jekk magħrufa): ..........................................................................................................

Il-persuna kkundannata tinsab: ..........................................................................................................

☐ fl-Istat emittenti u għandha tiġi trasferita għall-Istat ta' esekuzzjoni.

☐ fl-Istat ta' esekuzzjoni u l-infurzar għandu jseħħ f'dak l-Istat.

Informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta, jekk disponibbli u jekk ikun il-każ:

1. Ritratt u marki tas-swaba' tal-persuna, u/jew id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna li magħha għandu jsir kuntatt sabiex tinkiseb tali informazzjoni:

   ..........................................................................................................

2. Tip u numru ta' referenza tal-karta tal-identità jew tal-passaport tal-persuna kkundannata:

   ..........................................................................................................

3. Tip u numru ta' referenza tal-permess ta' residenza tal-persuna kkundannata:

   ..........................................................................................................

4. Informazzjoni rilevanti oħra dwar ir-rabtiet familjari, soċjali u professjonali tal-persuna kkundannata mal-Istat ta' esekuzzjoni:

   ..........................................................................................................

(e) Talba għal arrest proviżorju mill-Istat emittenti (meta l-persuna ssentenzjata tkun tinsab fl-Istat ta' eżekuzzjoni):

☐ L-Istat emittenti jitlob lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jarresta lill-persuna ssentenzjata, jew sabiex jieħu kwalunkwe miżura oħra sabiex jiżgura li l-persuna ssentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm ikun hemm deċiżjoni li tirrikonoxxi u tinfurza l-piena.

☐ L-Istat emittenti diġà talab lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jarresta lill-persuna ssentenzjata, jew sabiex jieħu kwalunkwe miżura oħra sabiex jiżgura li l-persuna ssentenzjata tibqa' fit-territorju tiegħu, sakemm ikun hemm deċiżjoni sabiex il-piena tiġi rikonoxxuta u infurzata. Jekk jogħġbok ipprovdi l-isem tal-awtorità fl-Istat ta' eżekuzzjoni li ħadet id-deċiżjoni dwar it-talba sabiex tiġi arrestata l-persuna (Jekk applikabbli u disponibbli):

..........................................................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................

(f) Relazzjoni ma' kwalunkwe Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) preċedenti:

☐ Inħareġ MAE bl-għan ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jimpenja ruħu li jesegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni (Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE).

Data tal-ħruġ tal-MAE u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza:

..........................................................................................................

Isem tal-awtorità li ħarġet il-MAE: ..........................................................................................................

Data tad-deċiżjoni sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza:

..........................................................................................................

Isem tal-awtorità li ħarġet id-deċiżjoni sabiex titwettaq l-eżekuzzjoni tal-piena:

...................................................................................................

☐ Inħareġ MAE bl-għan tal-prosekuzzjoni ta' persuna li hija ċittadin jew resident tal-Istat ta' eżekuzzjoni u l-Istat ta' eżekuzzjoni kkonsenja l-persuna bil-kundizzjoni li l-persuna titreġġa' lura lill-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex tiskonta hemm il-piena ta' kustodja jew l-ordni ta' detenzjoni maħruġa kontriha fl-Istat Membru emittenti (l-Artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE).

Data tad-deċiżjoni ta' konsenja tal-persuna: ...................................................................

Isem tal-awtorità li ħarġet id-deċiżjoni ta' konsenja: ...................................................

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni, jekk disponibbli: .....................................................

Data tal-konsenja tal-persuna, jekk disponibbli: ..............................................................

(g) Raġunijiet għat-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat (jekk imlejt il-kaxxa (f), m'hemmx bżonn timla' din il-kaxxa):

Is-sentenza u ċ-ċertifikat huma trasmessi lill-Istat ta' esekuzzjoni għax l-awtorità emittenti hija sodisfatta li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' esekuzzjoni jissodisfa l-għan tal-faċilitazzjoni tar-rijabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata u:

(a) L-Istat Membru ta' eżekuzzjoni huwa l-Istat tan-nazzjonalità tal-persuna ssentenzjata fejn hija tgħix.

(b) L-Istat ta' esekuzzjoni huwa l-Istat taċ-ċittadinanza tal-persuna kkundannata, li fih il-persuna kkundannata ser tiġi deportata, ladarba hi tiġi rilaxxata mill-infurzar tal-piena abbażi ta' ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni inkluża fis-sentenza jew f'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew kwalunkwe miżura oħra meħuda b'riżultat tas-sentenza. Jekk l-ordni ta' espulsjoni jew deportazzjoni mhix inkluża fis-sentenza, jekk jogħġbok ipprovdi l-isem tal-awtorità li ħarġet l-ordni, id-data tal-ħruġ, u, jekk disponibbli, in-numru ta' referenza: ...................................................................................

(c) L-Istat ta' esekuzzjoni huwa Stat, minbarra Stat imsemmi f'(a) jew (b), l-awtorità kompetenti ta' liema tagħti kunsens għat-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat lil dak l-Istat.

(d) L-Istat ta' esekuzzjoni ta notifika taħt l-Artikolu 4(7) tad-Deċiżjoni Kwadru, u:

☐ huwa kkonfermat li, sa fejn taf l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti, il-persuna kkundannata tgħix u kienet kontinwament residenti legalment għal mill-anqas ħames snin fl-Istat ta' esekuzzjoni u ser iżżomm dritt permanenti ta' residenza f'dak l-istat, jew

☐ huwa kkonfermat li l-persuna kkundannata għandha ċ-ċittadinanza tal-Istat ta' esekuzzjoni.

(h) Sentenza li timponi l-piena:

1. Is-sentenza tkopri …. reati b'kollox.

Sommarju tal-fatti u deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq/twettqu r-reat(i), inklużi l-ħin u l-post; u n-natura tal-involviment tal-persuna ssentenzjata:

...................................................................................................

...................................................................................................

...................................................................................................

...................................................................................................

In-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat(i) u d-dispożizzjonijiet statutorji applikabbli abbażi ta' liema saret is-sentenza:

...................................................................................................

...................................................................................................

...................................................................................................

2. Sa fejn ir-reat(i) identifikat(i) taħt il-punt (h) 1 jikkostitwixxi/u wieħed mir-reati li ġejjin jew iżjed, kif definit fil-liġi tal-Istat emittenti, li huma punibbli fl-Istat emittenti b'piena ta' kustodja jew b'ordni ta' detenzjoni ta' massimu ta' tal-anqas tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma billi timmarka l-kaxxa/i rilevanti:

- ☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali;
- ☐ terroriżmu;
- ☐ traffikar ta' bnedmin;
- ☐ sfruttament sesswali tat-tfal u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;
- ☐ traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u fis-sustanzi psikotropiċi;
- ☐ traffikar illeċitu fl-armi, munizzjon u splussivi;
- ☐ korruzzjoni;
- ☐ frodi, inkluża dik li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fit-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;
- ☐ laundering tar-rikavati mill-kriminalità;
- ☐ falsifikazzjoni ta' flus, inkluża l-falsifikazzjoni tal-euro;
- ☐ reati relatati mal-informatika;
- ☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu fi speċi ta' annimali fil-periklu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu;
- ☐ faċilitazzjoni ta' dħul u ta' residenza mhux awtorizzati;
- ☐ qtil, offiżi gravi fuq il-persuna;
- ☐ kummerċ illeċitu ta' organi u ta' tessuti umani;
- ☐ ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi;
- ☐ razziżmu u ksenofobija;
- ☐ serq organizzat jew bl-użu ta' armi;
- ☐ traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti;
- ☐ imbrolju;
- ☐ rikattar organizzat u estorsjoni;
- ☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti;
- ☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom;
- ☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas;
- ☐ traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u ta' promoturi oħrajn ta' tkabbir;
- ☐ traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi;
- ☐ traffikar ta' vetturi misruqa;
- ☐ stupru;
- ☐ ħruq doluż;
- ☐ reati li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- ☐ ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti;
- ☐ sabotaġġ.

3. Sa fejn ir-reat(i) identifikat(i) fil-punt 1 mhux kopert(i) mill-punt 2 jew jekk is-sentenza u ċ-ċertifikat huma trażmessi lill-Istat Membru, li jkun iddikjara li se jivverifika l-kriminalità doppja (Artikolu 7(4) tad-Deċiżjoni Qafas), jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni sħiħ tar-reat(i) kkonċernat(i):

........................................................................................................................

........................................................................................................................

........................................................................................................................

(i) Status tas-sentenza li timponi l-piena:

1. Indika jekk il-persuna dehritx personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni:

   □ Iva, il-persuna dehret personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni.

   □ Le, il-persuna ma dehritx personalment fil-proċess li wassal għad-deċiżjoni.

   3. Jekk immarkajt il-kaxxa fil-punt 2, jekk jogħġbok ikkonferma l-eżistenza ta' waħda minn dawn li ġejjin:

      3.1a. il-persuna tħarrket personalment fi… (jum/xahar/sena) u għaldaqstant kienet infurmata bid-data u bil-post skedati tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni u kienet infurmata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hija ma tidhirx fil-proċess;

      JEW

      3.1b. il-persuna ma tħarrkitx personalment iżda b'mezzi oħrajn u fil-fatt irċeviet l-informazzjoni uffiċjali tad-data u tal-post skedati tal-proċess li wassal għad-deċiżjoni, b'tali mod li ġie stabbilit inekwivokabbilment li hija kienet konxja mill-proċess skedat, u kienet infurmata li tista' tittieħed deċiżjoni jekk hija ma tidhirx fil-proċess;

      JEW

      3.2. konxja mill-kawża skedata l-persuna kienet tat mandat lil konsulent legali, li kien jew appuntat mill-persuna konċernata jew mill-Istat, sabiex jiddefendiha fil-proċess, u kienet fil-fatt ġiet difiża minn dak il-konsulent fil-proċess;

      JEW

      3.3. il-persuna kienet innotifikata bid-deċiżjoni fi … (jum/xahar/sena) u kienet infurmata espressament dwar id-dritt ta' proċess ġdid jew ta' appell, li fihom hija għandha d-dritt li tipparteċipa u li jippermetti li jiġu eżaminati mill-ġdid il-merti tal-każ, inkluża evidenza ġdida, u li jistgħu jwasslu sabiex tinbidel id-deċiżjoni oriġinali, u

         □ il-persuna ddikjarat espressament li hija ma tikkontestax din id-deċiżjoni;

         JEW

         □ il-persuna ma talbitx proċess ġdid jew appell fil-perjodu ta' żmien applikabbli.

   4. Jekk immarkajt il-kaxxa taħt il-punt 3.1b, 3.2 jew 3.3 fuq, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar kif ġiet issodisfata l-kundizzjoni rilevanti:

      ……………………………………………………………………………………………

      ……………………………………………………………………………………………

2. Dettalji dwar it-tul tas-sentenza:

   2.1. Tul totali tal-piena (f'jiem): ……………………………………………………

   2.2. Il-perjodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà li huwa diġà skontat b'konnessjoni mal-piena fir-rigward ta' liema nqatgħet is-sentenza (f'jiem):

        ………………………, fi (...) (agħti d-data li fiha sar il-kalkolu: jjd-xx-ssss): ………………………

   2.3. Numru ta' jiem li għandhom jitnaqqsu mit-tul totali tal-piena għal raġunijiet oħra minbarra dawk imsemmija fi 2.2. (pereżempju, amnestiji, maħfriet jew klemenzi eċċ. diġà mogħtija fir-rigward tal-piena): ……………………, fi (agħti d-data li fiha sar il-kalkolu: jj-xx-ssss): ………………………

   2.4. Data ta' skadenza tal-piena fl-Istat emittenti:

        ☐ Mhux applikabbli, għax il-persuna bħalissa mhix f'kustodja

        ☐ Il-persuna bħalissa hija miżmuma f'kustodja u l-piena, taħt il-liġi tal-Istat emittenti, tkun kompletament skontata sa (agħti d-data: jj-xx-ssss): jj-xx-ssss) ([2]) : ………………………………

3. Tip ta' piena:

   ☐ piena ta' kustodja

   ☐ miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà (jekk jogħġbok speċifika):

   ……………………………………………………………………………………………

([2]) Jekk jogħġbok daħħal hawn id-data sa liema l-piena tkun kompletament skontata (mingħajr ma jittieħed kont tal-possibbiltajiet ta' kwalunkwe forma ta' rilaxx kmieni u/jew kondizzjonali) kieku l-persuna kellha tibqa' fl-Istat emittenti.

(j) Informazzjoni relatata ma’ rilaxx bikri jew ma’ libertà kondizzjonali:

1. Skont il-liġi tal-Istat emittenti l-persuna ssentenzjata hija intitolata għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali wara li tkun skontat:

☐ nofs is-sentenza

☐ żewġ terzi tas-sentenza

☐ proporzjoni ieħor tas-sentenza (jekk jogħġbok indika):

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti titlob li tkun infurmata dwar:

☐ Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi tal-Istat ta’ eżekuzzjoni dwar ir-rilaxx bikri jew il-libertà kondizzjonali tal-persuna ssentenzjata;

☐ Il-bidu u t-tmiem tal-perjodu tar-rilaxx bikri jew tal-libertà kondizzjonali.

(k) L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata:

1. ☐ Il-persuna ssentenzjata ma setgħatx tinstema’ għax diġà tinsab fl-Istat ta’ eżekuzzjoni.

2. ☐ Il-persuna ssentenzjata tinsab fl-Istat emittenti u:

a. ☐ talbet it-trażmissjoni tas-sentenza u

☐ tat il-kunsens tagħha għat-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat

☐ ma kkonsentietx għat-trasmissjoni tas-sentenza u ċ-ċertifikat (agħti r-raġunijiet mogħtija mill-persuna kkundannata):

……………………………………………………………………………………

b. ☐ L-opinjoni tal-persuna ssentenzjata hija mehmuża.

☐ L-opinjoni tal-persuna kkundannata ġiet trasmessa lill-Istat ta’ esekuzzjoni fi (agħti d-data: jj-xx-ssss): ……………………………………………………………………

(l) Ċirkustanzi oħra rilevanti għall-każ (informazzjoni mhux obbligatorja):

……………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………

(m) Informazzjoni finali:

It-test tas-sentenza/i huwa/huma mehmuża maċ-ċertifikat ([3]).

Il-firma tal-awtorità li tkun qed toħroġ iċ-ċertifikat u/jew ir-rappreżentant tagħha li tiċċertifika l-kontenut taċ-ċertifikat bħala preċiż

……………………………………………………………………………………

Isem: ……………………………………………………………………………

Kariga (titolu/grad) ……………………………………………………………

Data: ……………………………………………………………………………

Timbru uffiċjali (jekk disponibbli) ……………………………………………

([3]) L-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti għandha tehmeż is-sentenzi kollha relatati mal-każ li huma neċessarji biex ikollha l-informazzjoni kollha dwar il-piena finali li trid tiġi infurzata. Kwalunkwe traduzzjoni disponibbli tas-sentenza/i għandha wkoll tiġi mehmuża.

*ANNESS III*

**NOTIFIKA TAL-PERSUNA SSENTENZJATA**

B'dan inti qed tiġi nnotifikat(a) bid-deċiżjoni ta' ............ (l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti) sabiex tittrażmetti s-sentenza ta' ........ (il-qorti kompetenti tal-Istat emittenti) datata ....... (data tas-sentenza) ........ (numru ta' referenza; jekk disponibbli) lil ......... (l-Istat ta' eżekuzzjoni) bl-għan tar-rikonoxximent u tal-infurzar tagħha tal-piena imposta fiha skont il-liġi nazzjonali li timplimenta d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea.

L-infurzar tal-piena ser ikun irregolat mil-liġi ta' ............. (l-Istat ta' eżekuzzjoni). L-awtoritajiet ta' dak l-Istat ser ikunu kompetenti sabiex jiddeċiedu dwar il-proċeduri għall-infurzar u sabiex jiddeterminaw il-miżuri kollha relatati magħhom, inklużi r-raġunijiet għar-rilaxx bikri jew għal-libertà kondizzjonali.

L-awtorità kompetenti ta' ............ (l-Istat ta' eżekuzzjoni) trid tnaqqas il-perjodu sħiħ ta' ċaħda tal-libertà diġà skontat b'konnessjoni mal-piena mit-tul totali taċ-ċaħda tal-libertà li għandu jiġi skontat. Adattament tal-piena mill-awtorità kompetenti ta' ........ (l-Istat ta' eżekuzzjoni) jista' jseħħ biss jekk dan ikun kompatibbli mal-liġi ta' dak l-Istat f'termini tat-tul jew tan-natura tiegħu. Il-piena adattata ma tistax taggrava l-piena mogħtija fi .......... (l-Istat emittenti) minħabba n-natura jew it-tul tagħha.

*ANNESS IV*

## FLOWCHART TAD-DEĊIŻJONI QAFAS 2008/909/ĠAIC

**It-trażmissjoni ta' sentenza għar-rikonoxximent u għall-infurzar/Talba għat-trażmissjoni**

L-awtorità emittenti, il-persuna ssentenzjata jew l-awtorità ta' eżekuzzjoni [l-Art. 4(5)]

↓

**Kundizzjonijiet għat-trasferiment:**

Bħal, pereżempju, is-sentenza definittiva, in-nazzjonalità jew ir-residenza abitwali, fadal 6 xhur għan-notifika eċċ.

↓

**Konsultazzjoni u valutazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali**

Il-konsultazzjoni tiddependi mill-ispeċifiċitajiet tat-trasferiment previst:

— *Sitwazzjoni A = lill-SM tan-nazzjonalità li fih tgħix il-persuna ssentenzjata [l-Art. 4.1(a)]*
— *Sitwazzjoni B = lill-SM tan-nazzjonalità li fih se tiġi deportata l-persuna (ordni ta' tkeċċija jew ta' deportazzjoni) [l-Art. 4.1(b)]*
— *Sitwazzjoni Ċ = lil kwalunkwe Stat Membru ieħor [l-Art. 4.1(c)]*

↙ ↘

**Sitwazzjoni A u Sitwazzjoni B**

— opinjoni tal-persuna ssentenzjata, iżda ebda kunsens [l-Art. 6(3)]
— konsultazzjoni mhux obbligatorja mal-Istat ta' eżekuzzjoni [l-Art. 4(3)]
— opinjoni motivata mhux obbligatorja tal-Istat ta' eżekuzzjoni li l-infurzar ma jkunx jgħin għall-fini ta' faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali [l-Art. 4(4)]

**Sitwazzjoni Ċ:**

— kunsens tal-persuna ssentenzjata, ħlief għall-Art. 6(2)(c)
— kunsens tal-Istat ta' eżekuzzjoni sakemm ma ssirx dikjarazzjoni li ma jkun meħtieġ ebda kunsens [l-Art. 4(7)]
— konsultazzjoni obbligatorja mal-Istat ta' eżekuzzjoni [l-Art. 4(3)] li tinkludi
— opinjoni motivata mhux obbligatorja tal-Istat ta' eżekuzzjoni li l-infurzar ma jkunx jgħin għall-fini ta' faċilitazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali [l-Art. 4(4)]

↘ ↙

**Valutazzjoni tar-riabilitazzjoni soċjali**

L-Istat emittenti huwa sodisfatt li t-trasferiment ikun jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali [l-Art. 4(2)] JEW

— Terminazzjoni mill-Istat emittenti, jekk ma jkunx sodisfatt li t-trasferiment ikun jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali

↓

**It-trażmissjoni tas-sentenza u taċ-ċertifikat għat-trasferiment [l-Art. 5]**

↓

**Evalwazzjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sentenza u tal-infurzar tal-piena mill-Istat ta' eżekuzzjoni**

— Raġunijiet għar-rifjut [l-Art. 9]
— Rikonoxximent sħiħ jew parzjali [l-Art. 10]
— Posponiment mhux obbligatorju [l-Art. 11]

↓

**Adattament tal-piena mill-Istat ta' eżekuzzjoni**

— Adattament biss jekk inkompatibbli mat-tul tal-piena [l-Art. 8(2)] jew man-natura tal-piena [l-Art. 8(3)]
— Ebda adattament
  — L-Istat emittenti jaċċetta l-adattament jew jirtira ċ-ċertifikat, dment li l-infurzar ma jkunx inbeda [l-Art. 13]

↓

**Infurzar tal-piena**

— Irregolat mil-liġi tal-Istat ta' eżekuzzjoni [l-Art. 17]
  — L-Istat emittenti jista' jirtira ċ-ċertifikat għat-trasferiment jekk ma jkunx sodisfatt bl-informazzjoni riċevuta fuq it-talba tiegħu dwar arranġamenti ta' rilaxx bikri jew ta' libertà kondizzjonali fl-Istat ta' eżekuzzjoni, dment li l-infurzar ma jkunx għadu nbeda [l-Art. 13]

↓

**Trasferiment [l-Art. 15]**

*ANNESS V*

**SORSI TA' INFORMAZZJONI**

— Informazzjoni pprovduta mill-Kunsill tal-UE dwar id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI:

https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9618-2014-REV-1/en/pdf

— Informazzjoni pprovduta min-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali (NĠE): lista ta' awtoritajiet kompetenti: l-istat tal-implimentazzjoni u d-dikjarazzjonijiet li saru mill-Istati Membri għad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI

https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libcategories.aspx?l=MT&Id=36

— Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI u 2009/829/ĠAI dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi dwar pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, dwar sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi u dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja (COM(2014) 57 final tal-5.2.2014).

https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/libdocumentproperties.aspx?l=MT&Id=1222

— Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - It-Tabelli "State of Play" u "Declarations" li jakkumpanjaw id-dokument: "Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjonijiet Qafas 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI u 2009/829/ĠAI dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi dwar pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà, dwar sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi u dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja - Anness għar-rapport (SWD(2014) 34 final tal-5.2.2014).

— Rapporti u rakkomandazzjonijiet tal-Gruppi ta' esperti tal-EuroPris dwar id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI, inkluż il-EuroPris Resource Book on the Transfer of Prisoners"

http://www.europris.org/

— STEPS 2 Resettlement (Appoġġ għat-Trasferiment ta' Sentenzi ta' Priġuneriji Ewropej favur ir-Risistemazzjoni) li għandha l-għan li tappoġġa l-kisba effettiva tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI permezz tal-investigazzjoni u tal-analiżi tal-ostakoli legali u prattiċi li jistgħu jxekklu l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tagħha fl-Istati Membri kollha.

http://steps2.europris.org/en/

— Studju tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI "Criminal detention and alternatives: fundamental rights aspects in EU cross border transfers"

http://fra.europa.eu/en/publication/2016/criminal-detention-and-alternatives-fundamental-rights-aspects-eu-cross-border

*ANNESS VI*

**LISTA TA' SENTENZI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA LI JIRRIGWARDAW ID-DEĊIŻJONI QAFAS 2008/909/ĠAI**

C-573/17, *Openbaar Ministerie v Daniel Adam Popławski ("Popławski II")* (Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019)

C-579/15, *Popławski* (Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017)

C-582/15, *van Vemde* (Sentenza tal-25 ta' Jannar 2017)

C-289/15, *Grundza* (Sentenza tal-11 ta' Jannar 2017)

C-554/14, *Ognyanov* (Sentenza tat-8 ta' Novembru 2016)

Pendenti:

C-495/18: Talba għal deċiżjoni preliminari minn Najvyšší súd republiky (il-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka) ippreżentata fit-30 ta' Lulju 2018, *YX*

C-314/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mir-Rechtbank Amsterdam (in-Netherlands) ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2018, *Openbaar Ministerie* vs *SF*

*ANNESS VII*

**LISTA TA' SENTENZI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA LI JIRRIGWARDAW ID-DEĊIŻJONI QAFAS 2002/584**

C-573/17, *Openbaar Ministerie v Daniel Adam Popławski ("Popławski II")* (Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019)

C-514/17, *Sut* (Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018)

C-327/18 PPU, *RO* (Sentenza tad-19 ta' Settembru 2018)

C-220/18 PPU, *ML* (Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018)

C-268/17, *AY* (Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018)

C-367/16, *Piotrowski* (Sentenza tat-23 ta' Jannar 2018)

C-404/15 u C-659/15 PPU, *Aranyosi u Căldăraru* (Sentenza tal-5 ta' April 2016)

C-237/15 PPU, *Lanigan* (Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015)

C-168/13 PPU, *Jeremy F* (Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013)

C-66/08, *Kozłowski* (Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008)

Pendenti:

C-314/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mir-Rechtbank Amsterdam (in-Netherlands) ippreżentata fit-8 ta' Mejju 2018, *Openbaar Ministerie* vs *SF*

C-128/18: Talba għal deċiżjoni preliminari mill-Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg (il-Ġermanja) ippreżentata fis-16 ta' Frar 2018, *Proċeduri kriminali kontra Dumitru-Tudor Dorobantu*